



2016-009 REV 1

Adottat mill-Bord tat-Tmexxija fil-15.03.2016

eu-LISA Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività

2015

Werrej

Analiżi u valutazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija	3
Sfond legali	3
Valutazzjoni mill-Bord tat-Tmexxija	4
Introduzzjoni	7
Sommarju eżekuttiv	9
Parti I. Kisbiet tas-sena	15
Parti II (a) Ġestjoni	28
2.1. Bord tat-Tmexxija	28
2.2. Żviluppi ewlenin	29
2.3. Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	30
2.4. Immaniġġjar tar-Riżorsi Umani (HR)	34
2.5. Valutazzjoni mill-amministrazzjoni	41
2.6. Kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja fdati lil servizzi u entitajiet oħrajn/	42
2.7. Valutazzjoni tar-riżultati tal-awditjar matul is-sena tar-rappurtar.	42
2.7.1. <i>Servizz ta' Awditjar Intern (IAS)</i>	42
2.7.2. <i>Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC)</i>	43
2.7.3. <i>Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA)</i>	44
2.8. Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet u l-pjanijiet ta' azzjoni għall-awditi	45
2.9. Segwitu tal-osservazzjonijiet mill-awtorità ta' kwittanza,	47
Parti II (b) Evalwazzjonijiet Esterni (fejn applikabbli)	51
Parti III Valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi tal-kontroll intern.	52
3.1. Ġestjoni tar-Riskju	52
3.2. Konformità u effettività tal-Istandards tal-Kontroll Intern	52
Parti IV. Assigurazzjoni tal-amministrazzjoni	53
4.1. Reviżjoni tal-elementi li jappoġġjaw l-assigurazzjoni	53
4.2. Riżervazzjonijiet (jekk applikabbli)	54
4.3. Konklużjonijiet ġenerali dwar l-assigurazzjoni (fejn applikabbli)	55
ANNESI 56	
Anness I. Statistiċi tan-negozju prinċipali	56
Anness II. Statistika dwar il-ġestjoni finanzjarja	57
Anness III. Ċart organizzazzjonali	61
Anness IV. Pjan ta' stabbiliment	66
Anness V. Riżorsi umani u finanzjarji skont l-attività	69
ANNESS VI. Annessi speċifiċi relatati ma' Parti II	70
Anness VII. Annessi speċifiċi relatati ma' Parti III	78
Anness VIII. Abbozz tal-kontijiet finanzjarji	83
Anness IX. Objettivi u indikaturi	86

Analiżi u valutazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija

Sfond legali

L-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jirrikjedi li d-Direttur Eżekuttiv jippreżenta lill-Bord tat-Tmexxija l-abbozz tar-rapport annwali tal-attività tal-Aġenzija għall-adozzjoni, wara konsultazzjoni minn qabel mal-Gruppi Konsultattivi, filwaqt li l-Artikolu 12 tal-istess Regolament jirrikjedi li sal-31 ta' Marzu kull sena, il-Bord tat-Tmexxija jadotta r-rapport annwali tal-attività tas-sena preċedenti, filwaqt li jqabbel ir-riżultati miksubin mal-oġġettivi tal-programm ta' ħidma annwali. Barra minn hekk, skont l-artikolu 47 tar-Regolament Finanzjarju Qafas, l-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni għandhom jirrapportaw lill-Bord tat-Tmexxija dwar it-twettiq ta' dmirjiethom fil-forma ta' rapport annwali konsolidat tal-attività.

Valutazzjoni mill-Bord tat-Tmexxija

Il-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA analizza u vvaluta r-Rapport tal-Attività Annwali Konsolidat tad-Direttur Eżekuttiv dwar ir-riżultati u l-kisbiet għall-2015. Il-Bord jagħraf il-prestazzjoni tal-Aġenzija, u jinnota b'mod partikolari:

Osservazzjonijiet Ġenerali

Il-Bord tat-Tmexxija:

- Jikkunsidra li l-prestazzjoni ta' eu-LISA fl-2015 hija allinjata mal-bażi legali applikabbli li tistabbilixxi l-mandat tagħha kif ukoll mal-għanijiet u l-oġġettivi mniżżlin fl-istrateġija tagħha għall-perjodu fit-tul 2014-2020.
- Josserva l-livell għoli ta' kisbiet tal-oġġettivi annwali tal-Programm ta' Hídma Annwali tal-Aġenzija għall-2015, kemm f'termini tar-riżultati miksubin kif ukoll f'termini ta' prestazzjoni.
- Jagħraf li l-Aġenzija wettqet b'suċċess il-mandat tagħha matul is-sena, u f'xi każijiet tisboq l-oġġettivi stabbiliti fil-Programm ta' Hídma Annwali tagħha, partikolarment fl-isforzi tagħha sabiex iżżomm is-sistemi tagħha allinjati mal-prijoritajiet politiċi li qegħdin jevolvu u ma' avvenimenti mhux previsti matul is-sena.
- Josserva li r-rapport huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu ffukat fuq l-outputs u r-riżultati miksuba mill-Aġenzija matul is-sena, aktar milli fuq l-effetti tagħhom. Madankollu, il-Bord jisħaq fuq l-importanza tas-sistemi, fdati lill-Aġenzija, bħala waħda mill-pedamenti sabiex taħdem iż-żona Schengen.
- Jagħraf li flimkien mat-tweqqif tal-mandat tagħha, matul is-sena l-Aġenzija kompliet tappoġġja lill-Kummissjoni Ewropea waqt il-proċess tal-evalwazzjoni tal-Aġenzija, kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-Aġendi għall-Migrazzjoni u s-Sigurtà.
- Jagħraf l-importanza dejjem ikbar tas-sistemi fdati lill-Aġenzi għall-funzjonament taż-żona Schengen u l-ħtieġa li l-Aġenzija tirċievi riżorsi umani u finanzjarji adegwati.



Osservazzjonijiet dwar il-kisbiet strateġiċi u operattivi ewlenin tal-politika

Il-Bord tat-Tmexxija:

- Jagħraf l-isforzi tal-Aġenzija sabiex twettaq il-Programm ta' Hídma Annwali 2015 bil-limitazzjonijiet eżistenti fir-riżorsi umani; għalkemm numru limitat ta' oġġettivi minuri ma ntlahqax għalkollox, il-Bord qies li l-prestazzjoni ta' eu-LISA kienet sodisfaċenti;
- Jikkunsidra b'mod ġenerali li l-mod kif l-Aġenzija immaniġġjat l-ammont ta' xogħol li żdied sostanzjalment minħabba l-influss ta' migranti fl-UE kien adegwat ħafna;
- Jenfasizza l-importanza kbira tal-proġett pilota għal Fruntieri Intelliġenti, imwettaq mill-Aġenzija, kif ukoll il-mod effiċjenti u effettiv li bih l-Aġenzija organizzat u implimentat il-pilota. Ir-riżultati tiegħu jipprovdu evidenza ewlenija għall-abbiltà ta' teknoloġiji moderni li jiffaċilitaw ġestjoni iktar effiċjenti u effettiva tal-fruntieri fiż-żona Schengen;
- Isib li l-azzjonijiet imwettqin mill-Aġenzija sabiex tiġġestixxi s-sistema EURODAC u sabiex iżżid il-kapaċità tagħha b'risposta għall-kriżi tal-migrazzjoni huma adegwati, kif kien ukoll l-appoġġ prattiku u l-kontribut għall-isforzi tal-Istati Membri biex jiġġestuha;
- Jenfasizza u japprezza ferm l-isforzi tal-Aġenzija sabiex iżżid il-kapaċità tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u s-Sistema ta' Tqabbil Bijometriku (BMS) matul is-sena, u l-konklużjoni b'suċċess tal-preżentazzjoni globali tal-VIS;

- Jagħraf l-aġilità tal-Aġenzija sabiex tindirizza bżonnijiet urġenti u mhux ippjanati fir-rigward tal-evoluzzjonijiet implimentati tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) biex tindirizza t-theddid ta' sigurtà u terroristiku li qiegħed jiżded fl-UE;
- Josserva l-adozzjoni ta' numru ta' regoli implimentattivi skont l-Artikolu 110 tar-Regolament tal-Persunal, meħtieġa għall-funzjonament normali tal-Aġenzija;
- Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu fir-rigward tal-adozzjoni tal-istrateġija kontra l-frodi tal-Aġenzija u l-adozzjoni formali ta' Standards Interni ta' Kontroll fl-2014 mill-Bord tat-Tmexxija u l-implimentazzjoni ulterjuri fl-2015 mill-Aġenzija;
- Jilqa' l-iżvilupp ulterjuri tal-kapaċitajiet interni tal-Aġenzija rigward l-ippjanar tal-baġit u l-monitoraġġ sabiex tiżgura ġestjoni tajba tar-riżorsi finanzjarji tal-Aġenzija. Il-livell ta' eżekuzzjoni ġenerali tal-impenji u l-pagamenti laħaq id-99 %;
- Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu bil-livell għoli ta' konformità mal-istandards tal-kontroll interni implimentati, rikonoxxuti wkoll mill-awditi mwettqa matul is-sena, u l-fatt li ma nħarġet l-ebda rakkomandazzjoni kritika;
- Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-komunikazzjoni esterna tal-Aġenzija u l-involvement ma' gruppi ta' partijiet interessati differenti;
- Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tat-taħriġ tal-Aġenzija u l-organizzazzjoni tat-taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi u jenfassizza n-numru għoli ta' korsijiet ta' taħriġ ta' dan it-tip kif ukoll ir-rata ta' parteċipazzjoni għolja u l-livell ta' sodisfazzjon espress mill-Istati Membri.

Valutazzjoni mill-Bord tat-Tmexxija dwar il-ġestjoni tal-Aġenzija

Il-Bord tat-Tmexxija, filwaqt li jagħraf ir-riżultati mwassla mill-Aġenzija fl-2015 u filwaqt li jikkunsidra li kienet biss it-tielet sena tal-operat tagħha, jesprimi s-sodisfazzjon profund tiegħu fir-rigward tal-kwalità tal-ġestjoni tal-Aġenzija.

Varjazzjonijiet fl-użu tar-riżorsi umani u finanzjarji mqabbla mal-pjan

Il-Bord tat-Tmexxija jikkunsidra:

- li dan ir-rapport jipprovdi assigurazzjoni suffiċjenti li r-riżorsi (persunal u baġit) huma użati mill-Aġenzija f'konformità mal-iskop intenzjonat tagħhom u f'konformità mal-Programm ta' Hídma Annwali 2015;
- li l-varjazzjonijiet kollha fl-użu tar-riżorsi huma ġustifikati, meta wieħed jikkunsidra r-riżultati miksuba mill-Aġenzija u l-eżiti tal-awditi mwettqa.

Indikaturi tal-prestazzjoni

Il-Bord tat-Tmexxija jagħraf li l-Aġenzija, organizzazzjoni fil-fażi tal-bidu tagħha, għamlet progress sinifikanti fl-2015 lejn id-definizzjoni ta' sett komprensiv ta' indikaturi tal-prestazzjoni korporattiva. Is-sett kien adottat f'Marzu 2015 mill-Bord tat-Tmexxija, għalhekk l-implimentazzjoni tal-indikaturi rispettivi ma tistax tiġi rapportata.

Ambjent ta' riskju u kontroll

Il-Bord tat-Tmexxija jagħraf li:

- ġew identifikati r-riskji ewlenin tal-organizzazzjoni, li setgħu pperikolaw it-twettiq tal-Programm ta' Hídma Annwali, u ġew stabbiliti miżuri preventivi u mitiganti xierqa;
- is-sistemi ta' kontroll u ta' ġestjoni interni qegħdin jaħdmu b'mod adegwat, meta wieħed jikkunsidra r-riżultati miksuba mill-Aġenzija u l-eżiti tal-awditi mwettqa.

Assigurazzjonijiet u riżervi mill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni

Il-Bord tat-Tmexxija:

- tikkunsidra li l-moduli neċessarji ta' assigurazzjoni huma fis-seħħ;
- jikkunsidra li miżuri adegwati u adatti huma fis-seħħ biex jindirizzaw kwalunkwe punt dgħajjef serju identifikat fil-ġestjoni u l-kontroll;
- jinnota d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni u n-nuqqas ta' riżervi fiha;
- jinnota li eu-LISA għadha ma implimentatx l-Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività; għalhekk l-informazzjoni dwar l-użu tar-riżorsi umani u finanzjarji għal kull attività mhijiex disponibbli għall-2015.

Rakkomandazzjonijiet

Filwaqt li jikkunsidra l-informazzjoni provduta f'dan ir-rapport, il-Bord tat-Tmexxija iħeġġeġ lill-Aġenzija sabiex fl-2016:

- tkompli u testendi fejn possibbli l-appoġġ rilevanti u l-kontribuzzjonijiet provduti lill-Istati Membri fl-oqsma tal-ġestjoni tal-fruntieri, il-ġestjoni tal-migrazzjoni u fil-ġlieda kontra reati u terroriżmu transfruntiera fil-qafas ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija;
- tkompli l-irfinar tas-sistema ta' kontroll intern tagħha, speċjalment fir-rigward tal-ippjanar u l-monitoraġġ tal-baġit;
- tkompli bl-implementazzjoni u l-iżvilupp tas-sistemi ta' kontroll intern (ICS), b'attenzjoni speċjali għall-effiċjenza ta' proċessi interni u l-iżvilupp ulterjuri tal-kompetenzi u l-ħiliet tal-membri tal-persunal;
- tagħti segwitu dovut tas-sejbiet tal-kapaċità tal-awditu intern tagħha;
- tħaffef it-tħejjijiet tagħha għall-introduzzjoni ta' Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività bħala kwistjoni ta' prijorità.

Konklużjoni

Il-Bord tat-Tmexxija huwa sodisfatt bil-prestazzjoni ġenerali ta' eu-LISA fl-2015 u l-livell tal-kisba tal-għanijiet, l-oġettivi u r-risultati stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma Annwali tagħha, kif ukoll bil-livell u l-adeqwatezza ta' utilizzazzjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli.

Il-Bord tat-Tmexxija jesprimi l-apprezzament tiegħu lid-Direttur Eżekuttiv u lill-persunal tiegħu għall-impenn u l-kisbiet tagħhom matul is-sena.

Filip PYNCKELS, President tal-Bord tat-Tmexxija

Introduzzjoni

L-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja kienet stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1), li daħal fis-seħħ fil-21 ta' Novembru 2011, li jipprovdi li l-Aġenzija tiegħu r-responsabbiltajiet ewlenin mill-1 ta' Diċembru 2012. eu-LISA hija responsabbli mill-forniment u t-tmexxija ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-oqsma tal-ażil, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-infurzar tal-liġi.

L-Aġenzija għandha l-mandat li tipprovdi ġestjoni operattiva effettiva tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II), li mindu twaqqfet kienet il-miżura kumpensatorja ewlenija għat-tneħħija tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni fiż-żona Schengen u għandha rwol importanti fl-iżgurar ta' livell ta' sigurtà fl-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, kif ukoll sabiex tiffaċilita l-moviment liberu tal-persuni. Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, li tippermetti skambju ta' data dwar il-viżi għal żmien qasir bejn l-Istati ta' Schengen u tappoġġja l-implimentazzjoni tal-politika komuni tal-UE dwar il-viżi billi tipprevjeni l-"visa shopping", filwaqt li tgħin fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u ġġib proċeduri trasparenti u aktar mgħaġla għall-vjaġġaturi in bona fede. Il-VIS hija akkumpanjata mis-Sistema ta' Tqabbil Bijometriku (BMS), li tagħmel tqabbil tal-marki tas-swaba', u s-sistema EURODAC, li tinkludi l-bażi tad-data ta' Dattiloskopija Ewropea (marki tas-swaba'); flimkien dawn jiffaċilitaw l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin billi jgħinu jiddeterminaw il-pajjiż responsabbli mill-valutazzjoni ta' applikazzjoni għall-ażil lill-UE jew l-Istati Assoċjati ta' Dublin (in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein). Mill-ħolqien tagħha fl-2003, EURODAC intużat għal skopijiet relatati mal-ażil biss. Mill-20 ta' Lulju, ir-Regolament ta' Riformulazzjoni (Nru 603/2013) sar effettiv u l-forzi tal-pulizija nazzjonali kif ukoll il-Europol jista' jkollhom aċċess għaliha. Il-possibiltajiet ta' aċċess huma mogħtija lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi suġġett għal kundizzjonijiet stretti għall-iskop tal-prevenzjoni, is-sejbien u l-investigazzjoni ta' reati kriminali terroristiċi u serji. Barra minn hekk, l-Aġenzija hija responsabbli wkoll għall-ġestjoni operattiva tan-netwerk ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni għas-SIS II, VIS u EURODAC u s-sorveljanza, is-sigurtà u l-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur ta' servizz ta' netwerk rilevanti. Il-Kummissjoni Ewropea tibqa' responsabbli mill-ġestjoni tal-kuntratt għall-forniment tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni (in-netwerk sTESTA li għandu jiġi migrat għal netwerk ġdid, TESTA-ng, fl-2016)

L-Aġenzija hija responsabbli wkoll għal DublinET u VISION. Is-sostituzzjoni ta' dan tal-aħħar minn VIS Mail 2 bħala n-netwerk uniku ta' komunikazzjoni għall-iskambju ta' messaġġi wara l-preżentazzjoni sħiħa ta' VIS hija prevista fi Q1 tal-2016.

Il-Missjoni tal-Aġenzija hi li ***kontinwament iżżid valur lill-Istati Membri, u tappoġġja l-isforzi tagħhom għal Ewropa aktar sigura permezz tat-teknoloġija.***

Il-***Viżjoni*** tagħna hija li nwettqu l-***Missjoni*** tagħna billi:

- nipprovdu servizzi ta' kwalità għolja u effiċjenti u soluzzjonijiet lill-partijiet ikkonċernati tagħna;
- niksbu l-fiduċja tagħhom billi nallinjaw kontinwament il-kapaċitajiet tat-teknoloġija mal-bżonnijiet li qegħdin jevolvu tal-Istati Membri;
- nikbru bħala Ċentru ta' Eċċellenza.

Il-valuri fundamentali li jmexxu u jirfdu kull attività operattiva u l-iżvilupp strateġiku tal-Aġenzija huma:

- kontabilità: li jiġu skjerati qafas ta' governanza tajba, ġestjoni finanzjarja tajba u operazzjonijiet kosteffiċjenti;
- trasparenza: tiġi pprovduta komunikazzjoni regolari u miftuħa lill-partijiet ikkonċernati prinċipali tal-Aġenzija u jiġu involuti fi djalogu kontinwu sabiex tkun definita l-istrateġija fit-tul għall-iżvilupp tal-Aġenzija;

- eċċellenza: billi jkun hemm fis-seħħ l-istruttura organizzazzjonali t-tajba, il-persuni adatti u l-proċessi t-tajbin sabiex tkun żgurata l-kontinwità tas-servizz lill-Istati Membri;
- kontinwità: jiġi żgurat li l-Aġenzija sejra tagħmel l-aħjar użu mill-ħila esperta, l-għarfien u l-investimenti mill-Istati Membri u sejra tkompli tiżviluppahom;
- xogħol ta' tim: isir sforz sabiex il-membri individwali tat-tim ikunu kapaċi jagħmlu l-aħjar użu tal-għarfien u l-esperjenza tagħhom, filwaqt li jagħtu kontribut għas-suċċess komuni;
- fokus fuq il-klijent: jiġi żgurat li l-Aġenzija hija allinjata l-ħin kollu mal-ħtiġijiet u d-domandi tal-partijiet interessati tagħha.

Sommarju eżekuttiv



L-2015 kienet sena sinifikanti fl-eżistenza tal-Aġenzija. Fl-2015, l-UE ffaċċjat għadd ta' sfidi serji fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. Dawn varjaw minn żieda qawwija fil-migranti irregolari u applikanti għall-ażil li waslu fl-Ewropa, sa żieda notevoli fl-attakki terroristiċi u theddid terroristiku u forom oħrajn ta' kriminalità organizzata serja. L-istituzzjonijiet tal-UE adottaw dokumenti ta' programmar fl-2015 li rriflettw fuq it-theddid għas-sigurtà interna tal-UE u fformulaw politiki u rakkomandazzjonijiet operazzjonali li jindirizzaw dawn l-isfidi. Fost l-oħrajn, l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni u l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà ġew ippubblikati fl-ewwel nofs tal-2015,

billi bnew fuq dak li nkiseb s'issa u billi fittxu sinerġiji fir-rigward ta' inizjattivi tal-ġejjieni. L-attivitajiet ta' eu-LISA qiesu l-oġettivi u l-kompiti f'dawn id-dokumenti ta' politika u kellha influwenza qawwija fuq l-operat tal-Aġenzija matul is-sena. Fl-isforzi tagħha sabiex tappoġġja żviluppi u bżonnijiet ġodda fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, eu-LISA kellha tmur lil hinn mill-ambitu oriġinali tal-attivitajiet stabbiliti fil-Programm ta' Hídma Annwali.

Barra minn hekk, fl-attivitajiet tagħha eu-LISA segwiet il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu mill-20 ta' Novembru 2015, li ħeġġew lill-SM biex jimplementaw immedjatament il-kontrolli sistematiċi u koordinati meħtieġa fil-fruntieri esterni, inkluż fuq individwi li jgawdu d-dritt tal-moviment liberu. L-istess Konklużjonijiet jistiednu lill-SM, fil-kuntest tal-kriżi tal-migrazzjoni attwali, biex iwettqu reġistrazzjoni sistematiċa, li tinkludi t-teħid tal-marki tas-swaba', ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu deħlin illegalment fiż-żona Schengen, u biex iwettqu kontrolli tas-sigurtà sistematiċi billi jużaw bażijiet tad-data rilevanti, partikolarment SIS II u VIS. eu-LISA kienet qed taħdem mal-SM fuq bażi ta' kuljum biex tiżgura l-funzjonament operattiv u l-kapaċità adegwata ta' dawn is-sistemi tal-IT biex jiġu ssodisfati l-ħtiġiet tal-SM.

B'mod konformi mal-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Aġenzija, il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Bord tat-Tmexxija, wettqet evalwazzjoni tal-azzjonijiet tal-Aġenzija. Ir-Rapport Finali ta' din l-evalwazzjoni sejjer jiġi ppreżentat lill-Bord tat-Tmexxija f'Marzu. Skont ir-Regolament li jstabbilixxi l-Aġenzija, din l-evalwazzjoni vvalutat il-mod kif l-Aġenzija tikkontribwixxi għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira u r-rwol tagħha fil-kuntest ta' strateġija tal-Unjoni Ewropea mmirata biex tistabbilixxi ambjent tal-IT koordinat, kosteffettiv u koerenti fuq il-livell tal-Unjoni Ewropea fis-snin li ġejjin. Madankollu, sakemm l-istrateġija msemmija hawn fuq ma tkunx teżisti, ġie miftiehem mill-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA biex dan l-element jiġi eskluż mit-termini ta' referenza għall-evalwazzjoni. L-Aġenzija sejra tiżgura li jingħata segwitu adegwat tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-evalwazzjoni esterna permezz ta' pjan ta' azzjoni, adottat mill-Bord tat-Tmexxija. Mingħajr preġudizzju għall-eżitu tal-ewwel evalwazzjoni, l-Aġenzija hija kunfidenti li l-evalwazzjoni sejra tipprovdni input preżżjuż għal żvilupp ulterjuri tal-mandat tal-Aġenzija.

Attivitajiet u oġettivi

L-implimentazzjoni tal-Programm ta' Hídma Annwali 2015 jista' jkun ikkunsidrat ta' suċċess kbir, bi kważi l-attivitajiet kollha imwettqin kif ipplanat u l-oġettivi rilevanti mil-ħuqa.

Wara segwitu mill-qrib tal-iżviluppi fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, u speċjalment il-prijoritajiet stabbiliti fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni¹ u l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà², fl-2015 eu-LISA komplet il-

¹http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/european-agenda-migration/background-information/docs/communication_on_the_european_agenda_on_migration_mt.pdf

² http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/e-library/documents/basic-documents/docs/eu_agenda_on_security_en.pdf

prestazzjoni ta' livell għoli tal-obbligi tagħha relatati mal-ġestjoni operattiva ta' SIS II, EURODAC u VIS/BMS. Is-sistemi nżammu operattivi u disponibbli għall-Istati Membri 24/7 kif mistenni.

Fl-istess ħin, twettqu għadd ta' evoluzzjonijiet li involvew sforz sinifikanti min-naħa tal-Aġenzija biex il-kapaċitajiet tas-sistemi jinżammu allinjati l-ħin kollu mal-ħtiġijiet li qegħdin jevolvu tal-Istati Membri u d-domanda li tirriżulta minn żviluppi politiċi fl-UE. Partikolarment:

- Diversi evoluzzjonijiet ta' SIS II saru biex jindirizzaw it-theddid akbar għas-sigurtà u ta' terroriżmu fl-UE. L-iktar waħda importanti fosthom żiedet il-funzjonalità neċessarja għas-sistema biex tkun possibbli r-reġistrazzjoni ta' ġellieda barranin fiha. Barra minn hekk, ġie finalizzat b'suċċess studju tekniku dwar l-implimentazzjoni tal-kapaċitajiet bijometrika fis-sistema;
- Il-Kapaċità tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) żiedet b'iktar mid-doppju. B'żieda ma' dan, ir-rendiment tas-Sistema ta' Tqabbil Bijometriku żiedet b'iktar minn 6 darbiet. Iż-żewġ evoluzzjonijiet kienu prekundizzjoni prinċipali għat-tlestija b'suċċess tal-preżentazzjoni globali ta' VIS, li nkisbet fl-aħħar ta' Novembru. B'mod aktar speċifiku, il-preżentazzjoni tal-VIS fir-reġjun 18 (ir-Russja) seħħet fit-18 ta' Settembru 2015, il-preżentazzjoni fir-reġjun 19 (iċ-Ċina, il-Ġappun, il-Mongolja, il-Korea ta' Fuq, il-Korea t'Isfel, it-Tajwan) seħħet fit-12 ta' Ottubru 2015, il-preżentazzjoni fir-reġjun 20 (il-Bangladesh, il-Bhutan, l-Indja, il-Maldivi, in-Nepal, il-Pakistan, is-Sri Lanka) seħħet fit-2 ta' Novembru 2015 u l-preżentazzjoni fir-reġjuni 21-23 (Andorra, is-Santa Sede, Monaco, San Marino, l-Irlanda, ir-Renju Unit u l-Istati Membri kollha taż-żona Schengen) seħħet fl-20 ta' Novembru 2015. Bħala riżultat, l-awtoritajiet konsulari tal-Istati Membri kollha issa huma kollha konnessi ma' VIS globalment u l-preżentazzjoni konsulari ppjanata għalhekk ġiet finalizzata. Fil-15 ta' Diċembru, VIS ipproċessat l-20 000 000 applikazzjoni tal-viża tagħha, li tirrappreżenta madwar EUR 1.0 biljun fi dħul mhux fiskali għall-Istati Membri mid-dħul fis-seħħ tagħha fil-11 ta' Ottubru 2011. Barra minn hekk, ġiet mitmuma b'suċċess il-preparazzjoni għat-tranżizzjoni minn VISION għal VIS Mail 2. Ġew implimentati attivitajiet oħrajn għall-integrazzjoni tal-Kroazja fis-SIS II kif ukoll VIS fuq livell tekniku.;
- Fil-qasam tal-migrazzjoni, l-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Riformulazzjoni ta' EURODAC twettqet b'suċċess u fl-20 ta' Lulju 2015 is-sistema Riformulata ta' EURODAC saret operattiva f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, bid-data tas-26 ta' Ġunju 2013. Il-kapaċità ta' EURODAC żiedet għal rekords tal-marki tas-swaba' ta' 5 M, flimkien ma' funzjonalità estiża tas-sistema u ambjent ta' test aġġornat. Waqt l-implimentazzjoni tal-proġett, eu-LISA marret lil hinn mill-iskop ta' ħidma ppjanat oriġinarjament u pprovdiet appoġġ pro-attiv u f'waqtu lil dawk l-Istati Membri li kienu qed jaffaċċjaw diffikultajiet biex jirrispettaw l-iskadenza għall-implimentazzjoni. Ir-rendiment kien miżjud ukoll għal 15 000 tranżazzjoni kuljum u sa 1 000 tranżazzjoni fis-siegħa. B'appoġġ għall-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jippreparaw għad-dħul f'operat, ġew organizzati wkoll għadd ta' sessjonijiet ta' taħriġ għal EURODAC riformulata.
- Billi segwiet mill-qrib l-iżviluppi fil-qasam tal-migrazzjoni irregolari fl-UE fit-tieni nofs tas-sena, l-Aġenzija ħadet azzjonijiet urġenti biex iżżid iktar il-kapaċità ta' EURODAC biex iżżomm is-sistema allinjata maż-żieda sinifikanti ta' reġistrazzjonijiet ta' applikanti għall-ażil u ta' migranti irregolari. Barra minn hekk, b'appoġġ proattiv tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva Hotspot, l-Aġenzija wettqet proġett pilota fil-Greċja f'kooperazzjoni ma' Frontex u EASO, immirat lejn l-istabbiliment ta' miżuri tekniċi u organizzazzjonali biex iżidu l-effiċjenza tal-proċess ta' reġistrazzjoni.

B'appoġġ tal-ħidma, imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea biex tiżviluppa iktar il-proposta Fruntieri Intelliġenti, l-Aġenzija wettqet proġett pilota importanti fl-2015. L-għan tiegħu kien li jittestja numru ta' opzjonijiet tekniċi

f'ambjent reali identifikati fl-istudju tekniku għall-EES u l-RTP³ fir-rigward tal-impatt fuq il-proċessi, il-preċiżjoni u l-effettività tal-ġestjoni tal-fruntieri. Il-pilota kien organizzat u mwettaq bl-appoġġ ta' 12-il Stat Membru u fi 18-il punt ta' qsim tal-fruntiera madwar l-UE. eu-LISA involviet iktar l-istituzzjonijiet tal-UE u lil aġenziji oħrajn kemm fil-fażi ta' preparazzjoni kif ukoll f'dik tat-tweqqi, b'ħall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD), l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-FRONTX. Il-fażi tal-ittestjar immirat biex tikkontribwixxi għad-definizzjoni tal-aħjar soluzzjonijiet tekniċi għal proċessi ta' ġestjoni tal-fruntieri iktar mgħaġġla u iktar siguri, b'rispett għall-oġġetti prinċipali ta' protezzjoni tad-data kif ukoll id-drittijiet fundamentali. Il-pilota kkonferma l-fattibbiltà (f'termini ta' preċiżjoni, effettività u impatt) tal-użu ta' teknoloġija bijometrika fil-fruntieri esterni ta' Schengen biex tiżied l-effiċjenza ta' proċessi ta' ġestjoni tal-fruntieri. Skont l-għażla tal-identifikaturi bijometriċi, l-użu tal-bijometrika jżid relattivament ftit tul ta' żmien għall-proċess tal-qsim tal-fruntieri. Ir-riżultati tal-pilota huma rappreżentattivi u konklużivi, meta wieħed iqis l-appoġġ wiesa' pprovdut mill-Istati Membri għall-pilota, in-numru ta' każijiet ta' prova mwettaq għal kull tip ta' fruntiera, u l-ammont ta' evidenza statistika miġbura. Ir-rapport finali tal-pilota ġie ppreżentat lill-Kummissjoni Ewropea kif ippjanat u ġie ppubblikat fil-11 ta' Diċembru. Ir-riżultati tiegħu jirrappreżentaw input importanti għall-finalizzazzjoni tal-proposta legali aġġornata ta' Fruntieri Intelliġenti, li hija mistennija li tiġi introdotta mill-Kummissjoni Ewropea fi Q1 tal-2016.

Il-forniment ta' netwerks u infrastruttura disponibbli, affidabbli u siguri għas-sistemi taħt ġestjoni sar b'suċċess matul il-perjodu ta' rapportar. In-netwerk ġie monitorjat biex tkun żgurata s-sigurtà tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni, fejn is-servizzi kienu furnuti skont il-Livell ta' Servizz (FLS) u r-rapporti relatati ġew prodotti fil-ħin debitu bil-kwalità mixtieqa. Kienu previsti attivitajiet għall-monitoraġġ ta' wara l-migrazzjoni u l-ottimizzazzjoni ta' TESTA-ng. Il-proġett s'hih huwa ttardjat b'24 xahar min'ħabba dewmien fil-kuntratti speċifiċi ffirmati bejn DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni u T-systems. Madankollu, l-Aġenzija kompliet bil-ħidma tagħha biex tappoġġja l-proċess.

Is-sigurtà kompliet tevolvi wkoll fl-2015, u Qafas ta' Sigurtà u Kontinwità tal-Operat ġie żviluppat skont ISO 27001 u ISO22301. Il-protezzjoni tad-data fl-Aġenzija ssaħħet b'sessjonijiet addizzjonali ta' sensibilizzazzjoni u mill-produzzjoni ta' Politika u Proċeduri, Pjan ta' Azzjoni u Programm ta' Ħidma għall-Ksur tad-Data.

L-Aġenzija kompliet tipproduċi r-rapporti obbligatorji u l-istatistika meħtieġa mil-leġiżlazzjoni u tipprovdi t-taħriġ neċessarju dwar is-sistemi lill-Istati Membri. Rigward it-taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi, ġie osservat numru għoli ħafna ta' sessjonijiet ta' taħriġ tali kif ukoll rata ta' parteċipazzjoni u livell ta' sodisfazzjon għoljin mill-Istati Membri.

Biex ikompli l-iżvilupp tiegħu lejn iċ-Ċentru ta' Eċċellenza, il-Kumitat ta' Tmexxija tal-Aġenzija adotta l-Qafas ta' Ġestjoni tas-Servizzi tal-teknoloġija tal-Infommazzjoni (ITSM, Information Technology Service Management), li fformalizza proċeduri operattivi kritiċi. Katalgi ta' Servizzi Operattivi u Korporattivi ġew magħquda f'katalogu ta' Servizz komuni.

L-isforzi ta' eu-LISA biex issegwi l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti fil-mandat tagħha wasslu għall-produzzjoni ta' rapport dwar il-bijometrika f'sistemi tal-IT fuq Skala Kbira, bl-għarfien miġbur applikat fl-istudju bijometriku SIS II tal-Aġenzija kif ukoll fir-rapport finali pilota Fruntieri Intelliġenti. Biex isir monitoraġġ ta' dawn l-iżviluppi u tal-kisba ulterjuri ta' għarfien fl-oqsma rilevanti, intużaw varjetà ta' approċċi, li jinkludu riċerka manwali, l-attenzenza ta' korsijiet u konferenzi u konsultazzjoni ta' esperti. Fir-rigward partikolarment ta' dan tal-aħħar, fl-2015 l-isforzi ġew estiżi meta mqabbel ma' snin preċedenti, bl-organizzazzjoni ta' żewġ avvenimenti madwar mejda tal-industrija li ffukaw fuq teknoloġiji ta' kontroll tal-fruntieri u żviluppi pijunieri fis-sigurtà tal-IT, softwer, provvista ta' servizzi u

³ Studju tekniku mmexxi mill-Kummissjoni mmira lejn l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-aktar opzjonijiet u soluzzjonijiet adatti u promettenti, kif ukoll stimi tal-kost għall-implimentazzjoni tal-pakkett Fruntieri Intelliġenti. L-istudju ġie ppreżentat fi tmiem l-2014;

infrastruttura ta' hardware. L-attendenza impressjonanti ta' esperti fiż-żewġ avvenimenti – iktar minn 40 entità differenti mifruxin fuq l-industrija, korpi tal-Istati Membri u istituzzjonijiet u aġenziji Ewropej kienu rappreżentati fl-avveniment ta' Tallinn dwar il-kontroll tal-fruntieri – tenfasizza l-firxa ta' interess fl-avvenimenti u l-volumi ta' għarfien li huma kondiviżi, kif ukoll juru l-progress tal-Aġenzija biex issir ċentru ta' skambju ta' għarfien.

Sħubiji ma' aġenziji oħrajn, partikolarment dawk fl-oqsma tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, ġew estiżi. Sal-bidu tal-2015, eu-LISA kienet stabbiliet Arranġamenti ta' Ħidma ma' numru ta' Aġenziji tal-ĠAI. CEPOL (l-Arranġament ta' Ħidma ma' CEPOL kien diġà ffirmat fl-2013), Frontex u EASO (iż-żewġ Arranġamenti ta' Ħidma kienu diġà ffirmati fl-2014). Fl-2015 l-Aġenzija nneozjat Memorandum ta' Qbil ma' Europol (firma pendenti) u ħadet passi biex tistabbilixxi Arranġament ta' Ħidma formali ma' FRA u Eurojust. Il-kollaborazzjoni mal-aġenziji sħab hija kruċjali biex jinħolqu sinerġiji fost l-aġenziji li joperaw f'oqsma marbutin ma' xulxin u biex jiġu identifikati oqsma addizzjonali fejn valur miżjud jista' jingħata lill-ħidma kontinwa bl-għajjnuna ta' ħila esperta u riżorsi eżistenti. Barra minn hekk, fl-2015, eu-LISA kkoordinat il-kooperazzjoni ta' disa' aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fi ħdan in-netwerk dedikat ta' dawn l-aġenziji billi kellha l-presidenza annwali tan-netwerk.

Il-komunikazzjonijiet esterni u interni ssaħħu kemm biex tittejjeb l-immaġni tal-Aġenzija kif ukoll biex tkun appoġġjata l-kultura korporattiva tagħha. Il-miri kollha stabbiliti għall-azzjonijiet ta' komunikazzjoni inkisbu b'suċċess, u wasslu għal żieda bbażata fuq l-evidenza tal-viżibilità ta' eu-LISA għaċ-ċittadini tal-UE u atturi prinċipali fil-livell istituzzjonali tal-UE u dak nazzjonali. Il-kisbiet ewlenin kienu relatati mal-implimentazzjoni b'suċċess tal-kampanja ta' informazzjoni settorjali dwar il-fażi ta' ttestjar tal-Pilota ta' Fruntieri Intelliġenti; mal-enfasizzar tal-kooperazzjoni ta' valur miżjud imwettqa min-Netwerk tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni taħt il-presidenza ta' eu-LISA fl-2015 u mal-intensifikazzjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet interessati, mis-setturi pubbliku u dak privat sa azzjonijiet ta' komunikazzjoni miġbura fi grupp fil-forma ta' avvenimenti madwar mejda u l-konferenza annwali fuq skala kbira.

Meta kienet qed tikkomunika dwar il-proġett Pilota ta' Fruntieri Intelliġenti, eu-LISA segwiet b'mod sħiħ ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8 – Viżibilità tal-finanzjament tal-Unjoni – tal-Ftehim tad-Delegazzjoni bejn il-KE u eu-LISA għall-kompiti tal-fażi ta' ttestjar tal-Pilota ta' Fruntieri Intelliġenti (SBP, Smart Borders Pilot). L-inizjattivi ta' komunikazzjoni u informazzjoni kollha seggew bir-reqqa l-istrateġija f'termini ta' gruppi mmirati, skeda ta' żmien u prodotti jew servizzi. Biex tiżdied is-sensibilità tal-vjaġġaturi u l-gwardji tal-fruntieri li ħadu sehem fil-fażi ta' ttestjar tal-proġett pilota, pubblikazzjonijiet offlajn u onlajn kif ukoll oġġetti ta' viżibilità ġew ippreparati, prodotti u mxerrda fit-12-il Stat Membru parteċipanti u fi 18-il punt ta' qsim tal-fruntiera. Ir-Rapport Finali ġie kkumplementat minn ktejjeb informattiv relatat li kien magħmul disponibbli fi tliet lingwi sabiex jilħaq iktar persuni u b'hekk iwassal għal sensibilità akbar.

Fl-2015, eu-LISA laħqet ukoll livell ġdid fl-użu ta' għodda ta' komunikazzjoni awdjoviviva u pjattaformi onlajn għall-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet interessati u mal-pubbliku b'mod iktar attraenti u interattiv. L-Aġenzija kkoordinat il-produzzjoni u d-disseminazzjoni lil ħin mill-istrateġija ta' distribuzzjoni ta' vidjo korporattiv biex juri l-valur miżjud tal-Aġenziji tal-ĠAI fil-kisba ta' għanijiet importanti għall-Ewropa u ċ-ċittadini tagħha b'mod effiċjenti. L-Aġenzija nnezzielha wkoll tilħaq l-aktar stazzjonijiet Ewropej segwiti (Euronews, BBC, TV France) u rċeviet kopertura fattwali u pożittiva li laħqet miljuni ta' telespettaturi.

eu-LISA implementat ukoll b'suċċess l-approċċ ta' komunikazzjoni speċifiku għar-raggruppament biex issaħħaħ relazzjonijiet ma' esperti kemm mill-industrija kif ukoll mis-settur pubbliku. Apparti l-avvenimenti madwar mejda mal-industrija msemmijin hawn fuq, il-konferenza annwali kienet akbar minn okkażjonijiet preċedenti, u ġibdet parteċipanti minn 25 pajjiż minn madwar id-dinja kollha, kif ukoll attenzjoni sinifikanti onlajn (il-konferenza kienet imxandra onlajn waqt li Twitter wall ippermetta skambju sinifikanti ta' opinjonijiet bejn il-parteċipanti u dawk li seggew minn postijiet oħrajn). Permezz tal-organizzazzjoni b'suċċess ta' dawn l-avvenimenti, l-iskop ta' kuntatti mmirati żdied u ssaħħaħ.

Fl-2015 eu-LISA assumiet il-presidenza tan-Netwerk tal-aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. Abbażi ta'

prijoritajiet miftiehma b' mod komuni, id-disa' aġenziji kollha provdew numru ta' inizjattivi kongjunti matul is-sena mmirati lejn:

- it-titjib ulterjuri fil-koordinazzjoni ta' input ibbażat fuq l-evidenza tal-Aġenziji tal-ĠAI għad-dibattitu ta' politika fil-livell tal-UE;
- it-tkomplija biex l-attivitajiet operattivi tal-Aġenziji tal-ĠAI kif ukoll il-kooperazzjoni operattiva bilaterali u multilaterali jinżammu f'konformità mal-oġġettivi politiċi u l-ħtiġijiet partikolari tal-UE u l-Istati Membri floqsma rispettivi ta' kompetenza tal-Aġenziji tal-ĠAI u fi ħdan il-mandat tagħhom;
- it-trawwim tal-istrateġija ta' komunikazzjoni esterna koerenti tal-Aġenziji tal-ĠAI lejn l-istituzzjonijiet tal-UE, bl-oġġettiv li tinkiseb koerenza akbar tal-attivitajiet tal-Aġenziji tal-ĠAI vis-à-vis l-istituzzjonijiet tal-UE;
- iż-żieda fil-viżibilità tal-Aġenziji tal-ĠAI vis-à-vis l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, l-Istati Membri kif ukoll il-pubbliku ġenerali biex jindikaw aħjar ir-rilevanza tal-azzjonijiet tal-Aġenziji tal-ĠAI għaċ-ċittadini, filwaqt li jittieħed kont tas-servizzi pprovduti mill-Aġenziji tal-ĠAI u l-għodda disponibbli mingħandhom.

Rigward il-ġestjoni tar-riżorsi, il-persunal tal-Aġenzija jwettaq il-ħidma tiegħu f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli, f'ħidma b' mod miftuħ u trasparenti u li tirrispetta l-livell għoli mistenni ta' standards professjonali u etiċi. L-Aġenzija tkompli ttejjeb l-effiċjenza u l-prestazzjoni finanzjarja tagħha. Dan huwa rifless matul dan ir-rapport kollu, mhux l-inqas fil-livelli għoljin kontinwi ta' impenji tal-baġit u utilizzazzjoni tal-pagamenti.

Finalment, rigward l-effettività tal-kontrolli interni, l-Aġenzija stabbiliet proċess intern għal reviżjoni, valutazzjoni u rapportar kontinwi tal-effettività tal-Istandards ta' Kontroll Intern tagħha. Barra minn hekk, inħatar Koordinatur tal-Kontroll Intern. Barra minn hekk, l-Aġenzija ħadet miżuri biex ittejjeb iktar l-effiċjenza tas-Sistemi tal-Kontroll Intern tagħha fl-oqsma tal-ġestjoni finanzjarja u l-evalwazzjoni tal-persunal u l-istabbiliment tal-oġġettivi. L-Aġenzija eżaminat ukoll sistematikament u indirizzat l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Kwistjonijiet prinċipali ppreżentati lill-Bord tat-Tmexxija

Fl-2015 l-Aġenzija kompliet il-kollaborazzjoni kostruttiva u mill-qrib ħafna mal-Bord tat-Tmexxija. Minbarra l-punti approvati mill-Bord f'konformità mal-funzjonijiet tagħha stabbiliti mir-regolament li jstabbilixxiha, l-Aġenzija ġibditilhom l-attenzjoni għall-kwistjonijiet kollha ta' riskju u kontroll sinifikanti identifikati waqt il-perjodu tar-rapportar, b' iktar dettalji pprovduti fit-Parti II tad-dokument.

Implimentazzjoni tal-baġit

Fl-2015 eu-LISA ġġestiet baġit ta' EUR 67.6 M riċevuti mis-sussidju tal-UE. L-Aġenzija żammet ir-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit għolja tagħha sa tmiem is-sena 2015.

- 99.7 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn;
- 99.4 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament li jinkludu r-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2016.

Riżorsi Umani

Ġew adottati l-Istrateġija tar-Riżorsi Umani u l-Politika taż-Żamma tal-Persunal li ser jiggwidaw l-attivitajiet fil-qasam tal-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani matul it-3 sa 5 snin li ġejjin. Fi tmiem l-2015 fl-Aġenzija kien hemm 135 membru tal-persunal full-time (117-il Aġenti Temporanju (AT), 12-il Aġent b'Kuntratt (AK) u sitt Esperti Nazzjonali Sekondati (ENS) u ħames Internati). Id-dawran ta' tluq tal-persunal kien ta' madwar 4 %, hekk kif ħames impjegati ħallew l-organizzazzjoni fl-2015. In-numru medju ta' ġranet ta' taħriġ għal kull persuna fl-2015 kien ta' 10.8 jum.

Valutazzjoni mill-Maniġment

Il-maniġment tal-Aġenzija għandu assigurazzjoni raġjonevoli li, b' mod ġenerali, jeżistu kontrolli adattati li qed jaħdmu kif intenzjonati; ir-riskji qegħdin jiġu monitorjati u mtaffija b' mod xieraq; u t-titjib u t-tisħiħ neċessarji qed jiġu implimentati.

Riżultati tal-awditu

Ma saret l-ebda rakkomandazzjoni kritika lill-Aġenzija waqt l-awditu mwettqin matul is-sena mill-Qorti tal-Awdituri,

awdituri esterni indipendenti u mil-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-Aġenzija. Ir-rakkomandazzjonijiet kollha l-oħrajn ġew indirizzati permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni fil-ħin debitu.

Riskji

Għas-sena 2015, ġie identifikat total ta' tmien riskji korporattivi maġġuri. Ġie stabbilit pjan ta' rispons għar-riskji korporattivi biex jindirizzahom.

Krum GARKOV, Direttur Eżekuttiv

Parti I. Kisbiet tas-sena

Attivitajiet taħt l-Għan Strateġiku 1 “Inkomplu nikbru bħala kontributor għal u faċilitatur tal-politiki ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja fl-Ewropa”

Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi

Is-sistemi ġestiti minn eu-LISA huma wieħed mill-pedamenti tal-funzjonament taż-żona Schengen. Għalhekk, fl-2015 eu-LISA kompliet bl-isforzi tagħha biex tipprovdi ġestjoni sostenibbli u affidabbli tas-sistemi u n-netwerks fdati lill-organizzazzjoni, filwaqt li għamlithom disponibbli 24x7 lill-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati u lil partijiet interessati rilevanti oħrajn (Europol u Eurojust bħala utenti ta’ SIS).

Ġestjoni operattiva ta’ SIS II

Matul il-perjodu rapportat kollu, servizzi ta’ ġestjoni ta’ applikazzjoni ġew provduti fuq bażi 24/7 biex ikun żgurat għoti ta’ servizz mhux interrott ta’ SIS II. Operazzjonijiet kontinwi tas-sistema ċentrali twettqu b’mod konformi mal-Ftehimiet dwar il-Livell ta’ Servizz (FLS). Madankollu, verżjonijiet ġodda tal-manwali tal-operaturi nħarġu u ġew approvati mill-AGs, twettqu testijiet ta’ konformità mal-Istati Membri u ġie provdut taħriġ. Sar aġġornament tal-Bażi ta’ Data Oracle minn v11.2.0.3. għal v11.2.0.4 biex tkun assigurata l-kontinwità tal-appoġġ tal-Bażi ta’ Data ta’ SIS II. Ambjent ġdid ta’ qabel il-produzzjoni ġie wkoll provdut biex ikunu żgurati l-kontinwità u l-kontinjenza tal-operat fl-ippjanar globali tal-attivitajiet għas-sistema SIS II.

Ġestjoni operattiva ta’ VIS/BMS

Matul l-2015 is-servizzi ta’ ġestjoni tal-applikazzjoni ġew provduti fuq bażi 24/7 biex ikun żgurat il-forniment ta’ servizz mhux interrott ta’ VIS/BMS b’mod konformi mal-FLS. L-avveniment ewlieni fil-ġestjoni tas-sistemi kien l-iskjerament ta’ rilaxx ġdid ta’ VIS f’Jannar 2015, li żied il-livell ta’ servizz u prestazzjoni tekniċi għall-utenti sa 300k tranżazzjoni fis-siegħa. Apparti dan, diversi fissi ġew implimentati f’BMS 1.0 sabiex jottimizzaw u jikkoreġu d-devjazzjonijiet li ġew osservati minn tagħbija dieħla li kienet ‘il fuq mill-kapaċità tas-sistema. Bħala riżultat, diversi titjib kien identifikat u implimentat, li ppermetta li t-tagħbija dieħla tiġi proċessata b’mod iktar flessibbli. L-aġġornament tal-bażi ta’ data Oracle mill-verżjoni 11.2.0.3 għall-verżjoni 11.2.0.4 twettaq fl-ambjent ta’ produzzjoni u f’kull ambjent ta’ ttestjar. Is-soluzzjoni ta’ ġestjoni tas-sistema b’mod remot BMS flessibbli bis-servers terminali bejn is-sit primarju u sekondarju ġiet skjerata u ttestjata. Il-ħarġa VIS 2.2/BMS 2.1.1 intużat fir-raba’ trimestru tal-2015, li inkluda t-tidbilit tal-konsultazzjoni tal-VIS Mail, mekkaniżmu ta’ twissija O-FTE, punti korrettivi, awditu u aġġornamenti ta’ firmware, u software korrettiv fuq FW, HP-UX, Linux u Weblogic. Il-korrelazzjoni tal-illoggjar VIS-BMS, li ħarġet biex itejjeb l-illoggjar għal individwazzjoni ta’ soluzzjoni minn tarf sa tarf u għanjiet ta’ monitoraġġ, kienet ukoll użata (it-tieni użu li jirranġa l-kwistjonijiet attwali mhux mistennija huwa previst fl-2016). It-test tal-preċiżjoni tal-BMS kien esegwit u ġie provdut taħriġ lill-Istati Membri.

Ġestjoni Operattiva ta’ EURODAC

Rigward l-applikazzjoni ta’ EURODAC, servizzi ta’ ġestjoni ġew provduti fuq bażi 24/7 biex ikun żgurat forniment tas-servizz mhux interrott ta’ EURODAC b’mod konformi mal-FLS b’mod ġenerali, b’numru limitat ta’ tranżazzjonijiet urġenti mmaniġġjati lil hinn mill-ħin ta’ rispons tal-FLS previst għal tranżazzjonijiet urġenti (siegħa). Minħabba żieda enormi u mhix mistennija ta’ tranżazzjonijiet EURODAC li rriżultaw mill-influss ta’ immigranti, seħħew żewġ inċidenti li wasslu għal dewmien fil-ħin tar-rispons. Bidla maġġuri matul il-perjodu rapportat kien ir-Regolament Riformulat ġdid ta’ EURODAC 603/2013, fis-seħħ mill-20 ta’ Lulju li wassal għal sistema aġġornata li tinkludi ambjent ta’ ttestjar aġġornat imdaħħal b’suċċess fl-operazzjonijiet. Żewġ aġġornamenti ta’ kapaċità importanti kienu implimentati b’suċċess matul ir-raba’ kwart li żgura operazzjonijiet tajbin u kontinwità tas-servizzi lill-Istati Membri minħabba ż-żieda enormi fit-traffiku u t-tranżazzjonijiet EURODAC (ara wkoll Evoluzzjonijiet tas-Sistemi). Diversi sessjonijiet ta’ taħriġ EURODAC kienu mogħtija b’suċċess lill-Istati Membri.

Għandu jiġi enfassiztat li għat-tliet sistemi kollha ma kien hemm l-ebda inċident maġġuri matul is-sena li llimita jew ipprevjenu l-użu normali tagħhom mill-Istati Membri

Evoluzzjoni tas-sistemi

Wieħed mill-elementi prinċipali tal-missjoni ta' eu-LISA huwa li żżomm is-sistemi fdati lill-Aġenzija kontinwament allinjati mal-ftigijiet li qegħdin jevolvu tal-Istati Membri u d-domanda tal-politika. Matul l-2015 eu-LISA kompliet bl-isforzi tagħha biex ittejjeb u tiżviluppa l-kapaċitajiet tas-sistema f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea.

Evoluzzjoni ta' SIS II

Fi Frar 2015, wara domanda urġenti mill-Kummissjoni Ewropea biex jissaħħa is-sett ta' għodod disponibbli għall-Istati Membri biex jidentifikaw għallieda barranin, titjib funzjonali neċessarju kien introdott b'suċċess f'SIS II. Is-sistema Nazzjonali tar-Renju Unit ġiet ittestjata u integrata f'SIS II u l-ewwel fażi tal-preparazzjoni teknika għall-integrazzjoni tal-Kroazja kienet implimentata u ttestjata b'suċċess ukoll. Diversi attivitajiet ta' titjib twettqu fuq il-kwalifiki tal-Message Oriented Middleware (MOM) bħal JBOSS u IBM MQ. Is-Sistema Ċentrali kienet aġġornata biex tqis MOMs ġodda għan-Netherlands u l-Iżvezja. L-iskjerament tal-Ħarġa 7.4.0 bl-implimentazzjoni tal-Artikolu 24 għar-Renju Unit twettaq b'suċċess ukoll. Tħejjiet il-Ħarġa 8.0.0, b'kunsiderazzjoni ta' attivitajiet relatati mal-integrazzjoni tal-Kroazja, inklużi għall-ewwel darba elementi ta' Skambju ta' Data bejn SIRENE (DEBS) fil-kunsinna. L-Aġenzija pparteċipat fl-istudju mwettaq mid-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Interni dwar l-Integrazzjoni tad-deċiżjoni tar-ritorn f'SIS II, filwaqt li l-istudju tekniku għal AFIS f'SIS II twettaq kif ippjanat fir-raba' kwart biex tibda l-implimentazzjoni matul l-2016. Diversi webinars kienu organizzati mal-Istati Membri (SM) biex jikkoordinaw l-implimentazzjoni fil-produzzjoni, kemm għas-sistema ċentrali SIS II kif ukoll għas-sistemi nazzjonali u biex jiddiskutu talbiet għal tibdil. Fl-2015 ġew organizzati sħarriġ dwar l-użu tad-Domanda tas-Sistema Ċentrali SIS II u sħarriġ dwar l-impatt ta' tibdil fuq DEBS. Twettaq it-trasferiment ta' DEBS. Fir-raba' kwart twettaq ukoll studju għal teknoloġija attiva standby għal SIS II.

Evoluzzjoni ta' VIS/BMS

It-tieni rilaxx tal-Evoluzzjoni VIS ġie użat f'Jannar 2015 b'kapaċità ta' proċessar tat-tagħbija miżjuda sa 300k tranżazzjoni fis-siegħa (120k qabel).

Rigward BMS 2.1 (Evoluzzjoni BMS Fażi 1) kampanja ta' ttestjar għal Playground u Produzzjoni BMS ġiet mitmuma b'suċċess u Playground and Production kienet live f'Mejju 2015. Barra minn hekk, twettqu diversi testijiet u rfinar. Il-proġett BMS 2.2 (Evoluzzjoni BMS Fażi 2) & l-Proġett ta' Titjib ta' Qabel il-Produzzjoni ukoll inbeda. Jinkludi titjib fil-kapaċità tal-Bażi ta' Data BMS minn massimu ta' 24M rekord għal 60M rekord fil-Produzzjoni. Bħala parti mill-iskop, il-Preproduzzjoni tkabbret għal 40% tal-Produzzjoni BMS 2.2 f'termini tal-kapaċità tal-bażi ta' data u throughput ta' tranżazzjoni. Fir-rigward ta' dan il-proġett il-passi li ġejjin twettqu sal-aħħar tal-2015: ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ġie mitmum u approvat, il-kuntratti għall-implimentazzjoni ġew iffirmati, u l-hardware ġie fornit. Il-proġett kien fil-ħin mar-restrizzjonijiet miftiehma. Id-Dokument ta' Inizzjazzjoni tal-Proġett u l-Pjan Direttur tal-Proġett ġew aċċettati wkoll, l-integrazzjoni tal-hardware tal-Unità Ċentrali (UĊ) u tal-Unità Ċentrali ta' Backup (UĊB) tlestew parzjalment, u l-Istrateġija tal-Ittestjar kienet iffinalizzata. Biex tappoġġja l-kapaċità miżjuda ta' BMS 2.1 u BMS 2.2, eu-LISA bdiet tibni soluzzjoni ġdida ta' Backup u Arkivju. L-installazzjoni, il-konfigurazzjoni u l-kampanja tal-ittestjar tlestew b'suċċess. Backup u Arkivju għall-Produzzjoni, Preproduzzjoni u Playground inħareġ b'suċċess fl-20 ta' Novembru 2015.

eu-LISA wettqet valutazzjoni tal-impatt fuq soluzzjonijiet potenzjali għall-futur għall-VIS – BMS Playground 2.0, li bħala parti minnha twettqu diversi sessjonijiet ta' ħidma tekniċi mal-kuntrattur u ġew żvelati opzjonijiet tekniċi potenzjali. Sal-aħħar tal-2015 l-Arkitettura Teknika kienet iffinalizzata, ir-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt u d-dokumenti ta' Soluzzjoni Blueprint ġew aċċettati, u l-kuntratt għall-implimentazzjoni ġie ffirmat, waqt li l-forniment tal-hardware għadu għaddej. Għalkemm l-ippjanar inizzjali ssuġġerixxa li l-Playground ikun lest sal-aħħar tal-2015, minħabba riprijoritizzazzjoni tal-proġetti kurrenti, ser ikun lest fit-tieni kwart tal-2016.

L-evoluzzjoni tal-VIS kien fiha 4 attivitajiet ewlenin: Żieda fil-bażi ta' data, allokkazzjoni dinamika VIS, evoluzzjonijiet tal-interfaċċja VIS (tibdil fil-Kodiċi tal-Visa Plus) u preparazzjonijiet għall-integrazzjoni ta' utenti ġodda (il-Kroazja).

Rigward iż-żieda fil-bażi ta' data, inkiseb dan li ġej: l-istudju ġie ffinalizzat u jakkonta għal żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-applikazzjoni VIS minn 40 għal 60 miljun applikazzjoni tal-viża, filwaqt li l-kapaċità backend tal-memorja ta' VIS sejra tiżdied għal ekwivalenti ta' 100 miljun applikazzjoni tal-viża, sabiex ikun antiċipat tkabbir tan-negozju mmexxi mit-tlestija tal-preżentazzjoni. L-implimentazzjoni tal-allokkazzjoni dinamika ta' VIS ġiet posposta u hi mistennija li titkompla fi stadju iktar tard. Għall-evoluzzjonijiet interfaċċa tal-VIS (tibdil fil-Visa Code Plus) id-dokumentazzjoni u l-għodda kollha neċessarji għall-Istati Membri huma fornuti skont l-iskeda miftiehma (dokument ta' kontroll ta' interfaċċa ġdid, dokumentazzjoni tal-ittestjar, u għodda ta' simulazzjoni fid-dominju ċentrali). Bħalissa, kull attività tal-proġett hija mal-iskeda mingħajr devjazzjonijiet. Tlestew il-Fażi ta' Bini u t-Testijiet ta' Aċċettazzjoni tal-Fabbrika (FAT, Factory Acceptance Tests). Ir-rapport FAT ġie ppreżentat u bħalissa qiegħed jiġi rivedut. Il-Fażi 1 tat-testijiet tas-soluzzjoni tas-sistema bdiet skont il-pjan u l-Fażi 2 tal-proġett, li tkopri l-attivitàjiet mit-tielet kwart tal-2016 sat-tielet kwart tal-2017, irċeviet l-opinjoni pożittiva tal-Grupp Konsultattiv f'Ottubru 2015. Ir-rilaxx tal-VIS ġdid se jkun disponibbli fil-Produttjoni VIS minn April 2017. Rigward l-integrazzjoni tal-Kroazja, tfejjev il-vetturi ta' kuntratt u tlestiet il-Fażi tal-Bini.

Fil-fażi 2 tal-proġett VIS MAIL, tlestew it-Testijiet Globali ta' VIS Mail 2 (Funzjonali u mhux Funzjonali). Tlesta t-Trasferiment miċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet ta' Sigurta sTESTA (SoC) għal eu-LISA. Issa l-Aġenzija saret kompletament responsabbli mill-ġestjoni tar-rilej ta' VIS Mail. It-tfejji għat-Tranżizzjoni minn VISION għal VIS Mail 2 kienet għaddeja fl-2015 u tlestiet fit-12/01/2016. Kull Stat Membru ddikjara r-rieda tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea u l-Grupp Konsultattiv VIS; però, l-Aġenzija żżomm ir-riżerva, peress li mhux l-Istati Membri kollha wrew ir-rieda matul l-ittestjar. eu-LISA tkompli tipprovdi rapporti dwar l-istatus lill-Grupp ta' Hídma VISION, lill-Grupp Konsultattiv ta' VIS, il-Bord tat-Tmexxija u l-Bord tat-Tranżizzjoni rispettivament.

Taħt il-proġett ta' Konsultazzjoni ta' Schengen, id-Dokument ta' Deskrizzjoni tat-Test Globali lill-Istati Membri twassal u l-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi tal-Mekkaniżmu ta' Komunikazzjoni ta' VIS Mail ġew aċċettati mill-Kumitat SIS/VIS. Tlesta t-Test ta' Integrazzjoni Wave 5 ta' VIS Mail2 u twaqqaf il-Bord tat-Tranżizzjoni ta' VIS Mail. Bdiet il-Fażi 2 ta' VIS Mail (Kampanja ta' ttestjar globali). Ġew aġġornati u pprovduti l-Manwal tal-Operazzjonijiet ta' VIS v1_04, il-Gwida Operattiva ta' VIS Mail u l-Linji Gwida għat-Tranżizzjoni VISION VisMail2. Twettaq ukoll it-trasferiment minn SoC għal eu-LISA tal-ġestjoni tar-relay ta' VIS Mail. Rigward il-Ġestjoni tat-Tibdil, diversi domandi ta' tibdil ġew immaniġġjati u saru numru ta' webinar u laqgħat.

Evoluzzjoni ta' EURODAC

Il-kapaċità tas-sistema ta' EURODAC ġiet aġġornata biex timmaniġġja sa 5 miljun rekord tal-marki tas-swaba', mingħajr ebda qtugħ tas-servizz. It-throughput tas-sistema żdied għal 15 000 tranżazzjoni fil-ġurnata u sa 1 000 tranżazzjoni fis-siegħa. Ġew skjerati b'suċċess tliet ħarġiet tas-Sistema Ċentrali (SĊ) u ġie konkluż l-ittestjar tal-aċċettazzjoni bejn is-Sistemi Nazzjonali SĊ-SM. Appoġġ ta' emerġenza ġie pprovdut lill-Istati Membri li ma setgħux iħejju s-soluzzjonijiet nazzjonali tagħhom fil-ħin għad-dħul fis-seħħ b'suċċess f'operat.

eu-LISA kkooperat mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati fil-qafas tal-konsultazzjoni/diskussjoni ta' evoluzzjonijiet fil-futur ta' EURODAC u appoġġ (eżempju fil-każ ta' tibdil fil-qafas legali minħabba l-aġenda ġdida tal-Migrazzjoni) u parteċipazzjoni attwali fi sforzi interaġenziji, bħala parti mill-approċċ Hotspots. Żewġ aġġornamenti importanti tal-kapaċità ta' EURODAC kienu implimentati b'suċċess matul ir-raba' kwart, biex ikun żgurat li s-sistema tista' tlaħħaq maż-żieda enormi u mhix mistennija ta' migranti irregolari u persuni li jfittxu ažił fil-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea. eu-LISA pprovdiet appoġġ lill-Istati Membri li għadhom mhumiex konnessi mar-Riformulazzjoni (eżempju Ċipru) biex tiffaċilita l-konnessjoni mas-sistema b'soluzzjoni temporanja sakemm is-sistema l-ġdida tagħhom tkun lesta. Kien hemm kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati għall-konsultazzjoni/diskussjoni dwar l-evoluzzjonijiet fil-futur ta' EURODAC u appoġġ (eżempju fil-każ ta' tibdil fil-qafas legali minħabba l-aġenda ġdida tal-Migrazzjoni) u parteċipazzjoni attwali fi sforzi interaġenziji, b'mod konformi mal-approċċ Hotspots. Il-finalizzazzjoni tal-ambjent ta' Produttjoni minn qabel ġiet riskedata għall-2016, peress li ċerti elementi tal-infrastruttura kellhom jerġgħu jintużaw għal aġġornamenti urġenti tal-kapaċità. Il-Proċess ta' Ġestjoni tat-Tibdil ta' EURODAC kien implimentat wara d-Dħul f'Operat (EiO, Entry into Operations) tas-sistema Riformulata ġdida. Numru ta' tibdiliet tekniċi ġew diskussi mal-Istati Membri biex jiġi miftiehem l-approċċ u l-pjan ta' implimentazzjoni. Diversi sessjonijiet ta' Lezzjonijiet Meħuda għall-proġett riformulat u s-soluzzjoni NAP standard ġew organizzati

mal-Istati Membri u ngħata rispons utli li jista' jerġa' jintuża għal proġetti fil-futur.

Infrastruttura tan-netwerk u l-komunikazzjoni

Matul l-2015, l-Aġenzija kompliet tkun responsabbli għas-superviżjoni, is-sigurtà u l-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur ta' servizz ta' netwerk rilevanti għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni għal EURODAC, VIS u SIS II. L-Aġenzija tikkondividi r-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, kif deskritt fil-leġislazzjoni rilevanti, u dettalljati ulterjorment fil-MtQ bejn eu-LISA u l-Kummissjoni. eu-LISA għandha r-responsabbiltà operattiva u toffri appoġġ tekniku u assistenza, f'termini ta' aċċettazzjoni teknika tar-rapporti rilevanti, segwitu ta' laqgħat rilevanti, eċċ.

Il-kompitu ewlieni tal-Aġenzija huwa li jsir monitoraġġ tan-netwerks taħt il-ġestjoni ta' eu-LISA biex tkun żgurata s-sigurtà tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni. Fl-2015, ingħataw Servizzi ta' Network, li qablu mal-livelli ta' servizz spjegati fl-FLS rilevanti, rapporti ta' kull xahar ta' FLS sTESTA ġew ukoll forniti f'ħin debitu u kienu tal-kwalità miftiehma kuntrattwalment. In-netwerk taħt il-ġestjoni ta' eu-LISA kien sorveljat b'mod komprensiv fuq bażi ta' kuljum, fejn l-inċidenti u l-problemi relatati mas-sigurtà kienu mmaniġġjati skont il-politiki fis-seħħ.

Barra minn hekk, l-organizzazzjoni għandha tiżgura ġestjoni ta' kuntratt effettiva ta' kwalunkwe netwerk provdut minn partijiet terzi. F'dan ir-rigward, attivitajiet kuntrattwali u ta' ġestjoni tal-proġetti komplew jiżguraw il-forniment ta' servizzi ta' netwerk, fil-forma ta' infrastruttura tal-komunikazzjonijiet maniġġjata sigura u privata (sTESTA) biex tinfed u tiżgura l-operat ta' kuljum ta' VIS, SIS II u sistemi ta' negozju ta' EURODAC.

Finalment, rigward l-infrastruttura tan-netwerk u l-komunikazzjoni, ġew previsti attivitajiet għall-monitoraġġ postmigrazzjoni u l-ottimizzazzjoni ta' TESTA-ng. Il-proġett s'hih ittardja b'24 xahar minħabba dewmien fil-firma ta' kuntratti speċifiċi bejn id-Direttorat Ġenerali tal-Affarijiet Interni u T-systems u dewmien fit-tfassil u l-implimentazzjoni tas-servizzi. Skont l-ippjanar il-ġdid, il-migrazzjoni għal TESTA-ng hija skedata għall-2016. Madankollu, l-Aġenzija kompliet bil-ħidma tagħha biex tappoġġja l-proċess. Bħala parti mill-appoġġ, eu-LISA wettqet attivitajiet ta' tħejjija għall-migrazzjoni ta' TESTA-ng, li kkonsistew mill-implimentazzjoni tat-tieni saff ta' kriptaġġ ta' SIS II fin-netwerk tal-Preproduzzjoni għall-Istati Membri pilota, l-implimentazzjoni tal-aġġornament tal-infrastruttura tan-netwerk ta' SIRENE mail, u t-trasferiment tal-ġestjoni operattiva tas-sistemi ta' VIS Mail mill-fornitur ta' sTESTA.

Żvilupp u Implimentazzjoni tas-Sistemi l-Ġodda

Fl-2015, eu-LISA kompliet il-kooperazzjoni mill-qrib tagħha u bl-appoġġ tagħha għad-Direttorat Ġenerali tal-Affarijiet Interni għal iktar iżvilupp tal-proposta leġiżlattiva ta' Fruntieri Intelliġenti. Il-pakkett Fruntieri Intelliġenti (SB, Smart Border) inkluda proposti għall-implimentazzjoni ta' Sistema ta' Dħul u Ħruġ (EES, Entry-Exit System) u sistema ta' Programm ta' Vjaġġaturi Reġistrati (RTP, Registered Traveller Programme). L-iktar azzjoni importanti relatata mal-ġestjoni potenzjali fil-futur tal-Fruntieri Intelliġenti kien il-Pilota Fruntieri Intelliġenti. L-iskop tiegħu kien li jittestja f'ambjent reali numru ta' opzjonijiet tekniċi identifikati fi ħdan l-istudju tekniku għall-EES u l-RTP fir-rigward tal-impatt fuq il-proċessi, il-preċiżjoni u l-effettività tal-ġestjoni tal-fruntieri. Il-pilota kien organizzat u twettaq mill-Aġenzija bl-appoġġ u l-kooperazzjoni minn 12-il Stat Membru fi 18-il punt ta' qsim tal-fruntiera madwar l-UE. eu-LISA involviet ukoll l-istituzzjonijiet tal-UE u aġenziji oħrajn fil-fażijiet ta' preparazzjoni u eżekuzzjoni, bħall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD), l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u FRONTEX. Ir-riżultati tiegħu jirrappreżentaw kontribut importanti ħafna għall-finalizzazzjoni tal-proposta aġġornata ta' Fruntieri Intelliġenti, li hi mistennija li tiġi introdotta mill-Kummissjoni Ewropea fl-ewwel kwart tal-2016. Il-pilota kkonferma l-fattibbiltà (f'termini ta' preċiżjoni, effettività u impatt) tal-użu ta' tekonoġġija bijometrika fil-fruntieri esterni ta' Schengen sabiex tiżied l-effiċjenza tal-proċessi ta' ġestjoni tal-fruntieri. Skont l-għażla ta' identifikaturi bijometriċi, l-użu tal-bijometrika jżid relattivament ftit tul ta' żmien addizzjonali għall-proċess tal-qsim tal-fruntieri. Riċerka manwali, waqt li kkumplementat testijiet fuq il-post, kompliet turi li bi rfinar addizzjonali ta' xi proċeduri u proċessi operattivi (pereżempju bit-tiftix tal-VIS permezz tan-numru tal-passaport) l-effett ġenerali fuq il-ġestjoni tal-fruntieri huwa pożittiv b'mod wiesa'. L-użu ta' aċċeleraturi bħal gradi ABC u kjoskijiet jistgħu jottimizzaw iktar il-ħinijiet u l-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri. Kien osservat li s-setup u l-integrazzjoni tat-tekonoġġija, kif ukoll l-interazzjoni tal-vjaġġaturi magħha, jinfluenza r-riżultati ħafna iktar mit-tip ta' fruntiera. Riċerka manwali rilevanti għet imwettqa wkoll ma' esperti tal-Istati Membri biex tkun valutata l-fattibbiltà tal-opzjonijiet identifikati mill-Istudju Tekniku tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-pakkett Fruntieri Intelliġenti. Il-proġett kellu prestazzjoni tajba fil-

limiti tal-baġit u l-iskop delegati tal-Kummissjoni Ewropea, u l-valur miżjud għoli tas-sejbiet tiegħu ngħaraf mill-Istati Membri u l-partijiet interessati tal-UE. Konformità mal-liġijiet tal-protezzjoni tad-data kienet rispettata matul il-proġett kollu u l-involviment b'saħħtu tal-partijiet ikkonċernati prinċipali nżamm sal-aħħar. Ir-rapport finali tal-pilota ġie ppreżentat lill-Kummissjoni Ewropea kif ippjanat u ġie ppubblikat fil-11 ta' Diċembru. Ir-riżultati tal-pilota pprovdew bażi ta' evidenza importanti meta wieħed jikkunsidra l-fattibbiltà tas-sistema/i u l-proċessi proposti għall-Fruntieri Intelliġenti. Barra minn hekk, eu-LISA appoġġjat il-Kummissjoni Ewropea fit-tnejn tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-proposta legali aġġornata għall-Fruntieri Intelliġenti.

Sigurtà u Protezzjoni tad-Data

Ir-responsabbiltà maġġuri tal-Aġenzija hi li tiżgura li miżuri ta' sigurtà u pjanijiet ta' sigurtà għal SIS II, VIS u EURODAC u għan-netwerks ta' komunikazzjoni relatati ma' dawn is-sistemi huma kompletament implimentati.

Wieħed mill-kompiti fl-2015 kien li tipprovi informazzjoni xierqa u aġġornata, konsulenza u taħriġ għall-persunal dwar is-sigurtà, kif ukoll il-forniment ta' rapporti regolari dwar il-konformità, b'definizzjoni dettaljata fil-livell ta' servizz u anke li teżegwixxi kontrolli annwali relatati mas-sigurtà. Bħala riżultat, ġiet mitmuma Kampanja ta' Tiġdid ta' Għarfien dwar is-Sigurtà tal-Aġenzija. Twettqu valutazzjoni tat-tfassil tas-sigurtà CBS u valutazzjoni dwar il-vulnerabbiltà fuq SIS II. Inbdew ukoll proġetti għall-iżvilupp tal-arkitettura tas-sigurtà tal-aġenzija u t-tfassil ta' SIEM u PKI u għall-iżvilupp ta' qafas ta' taġħlim elettroniku fuq għarfien dwar is-sigurtà. Ġie organizzat xahar ta' ċibersigurtà b'sensiela ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni. Ġiet mistħarrġa s-sensibilità tal-persunal dwar is-sigurtà fil-forma ta' eżerċizzju ta' phishing live.

Kompitu ieħor għall-Aġenzija marbut mas-sigurtà huwa l-identifikazzjoni effettiva u l-ġestjoni ta' kull riskju fiżiku u ta' sigurtà ta' informazzjoni u biex timplimenta Standards ta' Sigurtà tal-Informazzjoni skont ISO27001, kif ukoll biex tiżgura li jkunu implimentati, ittestjati u miżmuma pjanijiet għall-kontinwità tan-negożju u ta' rkupru minn diżastru f'konformità ma' ISO22301. Matul il-perjodu rapportat, il-qafas ta' Sigurtà u Kontinwità tan-Negożju kien żviluppat skont ISO27001 u ISO22301. Ġie żviluppat ukoll Qafas ta' Politika tas-Sigurtà. Ġie stabbilit qafas ta' ġestjoni ta' riskju ta' sigurtà bbażat fuq E-BIOS u twettqet ukoll valutazzjoni tar-riskju fuq is-sit. Twettaq l-Eżerċizzju Annwali tat-Tim ta' Rispons ta' Emerġenza (ERT, Emergency Response Team). Kienu żviluppati abbozzi ta' Pjanijiet ta' Kontinwità tan-Negożju tal-Aġenzija u ta' Pjanijiet ta' Azzjoni fuq il-bażi tal-qafas ta' Ġestjoni tal-Kontinwità tan-Negożju tal-Kummissjoni (BCM, Business Continuity Management). L-eżerċizzju tal-BCM u l-Programm ta' Taħriġ ġew approvati. Tlestew il-Programm u l-Istruttura Organizzazzjonali tal-ERT. Ġiet żviluppata politika ta' Rispons ta' Evakwazzjoni bħala parti mill-Politika ta' Sigurtà tal-Aġenzija ġenerali. Saru eżerċizzji walkthrough għall-Pjan tal-Kontinwità tan-Negożju (BCP, Business Continuity Plan) fi Strasburgu u Tallinn u ngħataw sessjonijiet ta' taħriġ għaċ-ċertifikazzjoni tal-implimentatur u l-awditur ta' ISO22301 lil membri speċifiċi tal-persunal.

Rigward il-protezzjoni tad-data, ir-Rapport Annwali tad-DPO kien ippreżentat lill-Bord tat-Tmexxija fl-2015, u Pjan ta' Azzjoni bi Programm ta' Ħidma ġie abbozzat u ppreżentat lid-Direttur Eżekuttiv (DE); żewġ inċidenti ta' ksur ta' data ġew investigati u rapportati lid-DE. Tmien sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data saru matul dan il-perjodu, inkluż tnejn lil entitajiet esterni. Ġiet żviluppata Politika u Proċedura għall-Ksur tad-Data li għandha tiġi adottata mill-organizzazzjoni u nħoloq Bulletin; diġà ġew ippubblikati seba' ħarġiet. Il-proċedura ta' aċċess ġiet abbozzata u politika dwar il-Protezzjoni tad-Data hija fi stat ta' preparazzjoni.

Rapportar u Statistika

Fl-2015 l-Aġenzija kienet konformi mal-obbligi ta' rapportar li jirriżultaw mill-istrumenti legali tat-tliet sistemi taħt il-ġestjoni tagħha.

L-istatistika annwali tas-SIS II tal-2014 kienet ippreżentati lill-istituzzjonijiet rilevanti fl-1 ta' April 2015 u r-Rapport dwaw il-funzjonament tekniku tas-SIS II Ċentrali ġew ippreżentati f'Ġunju 2015. Wara data riveduta pprovduta minn xi Stati Membri, verżjonijiet ġodda aġġornati taż-żewġ dokumenti reġgħu ġew ippreżentati fl-aħħar ta' Ottubru. Il-lista aġġornata tal-awtoritajiet kompetenti li huma awtorizzati biex ifittxu direttament id-data miżmuma fis-SIS II u l-lista aġġornata tal-Uffiċċji ta' N.SIS II u l-Uffiċċji nazzjonali SIRENE ġew ippubblikati fil-ĠU C 208 tal-24.6.2015.

Ir-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet tal-2014 tas-Sistema Ċentrali ta' EURODAC ġie ppreżentati lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fil-25 ta' Ġunju 2015. Il-lista tal-awtoritajiet nominati li għandhom aċċess għad-data rekordjata fis-Sistema Ċentrali ta' EURODAC għal finijiet ta' ażil ġiet ippubblikata fil-

ĠU C 237 tal- 20.7.2015, li hija d-data tad-dħul b'effett tar-Regolament ta' Riformulazzjoni ta' EURODAC.

Fil-ħarifa tal-2015, bdiet it-tnejn fuq ir-rapport tekniku tal-VIS għal sentejn. Il-ġbir tal-input mill-Istati Membri wera li kien eżerċizzju ta' sfida. Sal-aħħar tas-sena mhux l-Istati Membri kollha kien irnexxielhom jipprovdu d-data mitluba, u b'hekk wasslu għal dewmien sinifikanti. Ir-rapport sejjer ikun iffinalizzat u ppreżentat fl-2016.

Fl-2015 l-Aġenzija kienet mitluba mill-Kummissjoni biex tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni ġenerali tas-SIS II kif ukoll għall-evalwazzjoni tal-VIS. Dawk iż-żewġ eżerċizzji mmexxija mill-Kummissjoni u li għandhom jiġu finalizzati fl-2016 talbu kontribuzzjonijiet fil-fond kif ukoll sett sostanzjali ta' statistika. Il-ħidma li nbdiet fl-2015 ser tkun finalizzata u ppreżentata lill-Kummissjoni fl-ewwel kwart tal-2016, skont id-domandi.

Forniment ta' Taħriġ tas-Sistemi lill-Istati Membri

F'konformità mal-Pjan ta' Taħriġ 2015, kull attività ta' taħriġ ipplanata ngħatat kif previst. Il-lista kompluta ta' kull taħriġ mogħti fl-2015 hija pprovduta:

- taħriġ għal uffiċjali ta' SIRENE – speċjalizzat (ma' CEPOL)
- programm ta' taħriġ għal persunal tas-SIS II ġdid għall-Kroazja, żjara fuq il-post
- taħriġ tekniku dwar ir-Riformulazzjoni ta' EURODAC
- webinar – funzjonalitajiet riformulati
- taħriġ għal uffiċjali ta' SIRENE (ma' CEPOL)
- programm ta' taħriġ għal persunal tas-SIS II ġdid għall-Kroazja, żjara fuq il-post
- taħriġ operattiv għall-SM dwar is-SIS II
- kors fil-klassi: użu tekniku ta' SIS II – taħriġ lill-ħarrieġa
- kors fil-klassi: użu tekniku ta' EURODAC – taħriġ lill-ħarrieġa
- kors fil-klassi: użu tekniku ta' VIS – taħriġ lill-ħarrieġa
- taħriġ għall-evalwaturi ta' Schengen (ma' CEPOL)
- webinar dwar il-bijometrika u l-kontribuzzjoni ta' SIS eu-LISA għal CEPOL
- SIS II għal SIRENE (mal-Kummissjoni u CEPOL)
- webinar: SMg
- preċiżjoni tal-BMS
- taħriġ tekniku dwar EURODAC – SM (ma' CEPOL)
- webinars għall-evalwaturi ta' Schengen.

Din is-sena eu-LISA tat sbatax-il sessjoni ta' taħriġ fuq diversi skali u formats, minn sessjonijiet ta' taħriġ żgħar sa korsijiet kbar fil-klassi, u minn taħriġ prattiku għal webinars. Barra minn hekk, saru wkoll diversi attivitajiet ta' taħriġ konġunti li jinvolvu Aġenziji tal-ĠAI, il-Kummissjoni Ewropea u xi SM. Iktar minn 500 apprendist, minn kull SM li juża s-sistemi, attenda għat-taħriġ ta' eu-LISA din is-sena. Kull attività ta' taħriġ hija appoġġjata minn materjali ta' taħriġ elettroniku, li bħalissa għadhom disponibbli fuq is-Sistema ta' Ġesjoni tat-Tagħlim ta' CEPOL, u fi ftit żmien ser ikunu disponibbli fuq is-Sistema ta' Ġestjoni tat-Tagħlim ġdida ta' eu-LISA bl-isem SharePoint.

Ir-rata medja ta' sodisfazzjon ta' 88.15 % jew ta' 4.4/5 (skont indikaturi KPI) turi biċ-ċar sodisfazzjon għoli ħafna fost l-apprendisti dwar eu-LISA u l-valur miżjud ġenerali tat-taħriġ mogħti fl-2015.

Barra minn hekk, saret laqgħa tal-esperti ta' taħriġ tan-Netwerk tal-Aġenziji tal-ĠAI fejn ġew diskussi suġġetti ta' taħriġ tal-ĠAI. Kwestjonarju dwar l-attivitajiet ta' taħriġ, l-inizjattivi u objettivi konġunti ulterjuri tal-Aġenziji tal-ĠAI ġie ċċirkolat u analizzat minn eu-LISA.

Saru attivitajiet preparatorji għat-tnejn u t-tweġġ ta' korsijiet oħrajn fl-2015 (aġġornament/ħolqien ta' kurrikuli ta' taħriġ, ġestjoni tal-fornituri tas-servizz). L-istabbiliment ta' Pjattaforma ta' Taħriġ eu-Lisa ġdida seħħ ukoll fl-

2015.

L-attivitajiet ta' taħriġ huma miġbura f'sommarju fir-Rapport ta' Implimentazzjoni ta' kull sena dwar attivitajiet ta' taħriġ ta' eu-LISA li kien ippreżentati lill-AG u lil rappreżentanti tan-Netzwerk ta' Punti ta' Kuntatt Nazzjonali.

L-Aġenzija sejra tkompli tipprovdi t-taħriġ tekniku xieraq dwar l-użu tas-SIS II, VIS u EURODAC lill-awtoritajiet nazzjonali parteċipanti. Ir-regolament dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifikaw l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen sejjer ikollu impatt fuq il-forniment fil-futur ta' taħriġ tekniku mill-Aġenzija. eu-LISA sejra tipprovdi t-taħriġ xieraq lill-persunal ta' SIRENE, lil membri tat-tim ta' evalwazzjoni ta' Schengen, u lil esperti ewlenin dwar l-aspetti tekniċi tas-SIS II.

L-assistenza teknika pprovduta lill-Istati Membri mill-Aġenzija sejra tinkludi assistenza lill-Istati Membri ġodda u eżistenti sabiex ikunu jistgħu jaslu għal stat ta' tnejn teknika għall-integrazzjoni tal-Kroazja, l-Irlanda, u Ċipru fis-SIS II, VIS jew EURODAC, u sabiex ikun konsolidat l-użu eżistenti tagħhom, partikolarment fir-Renju Unit, kif ukoll l-użu mill-Europol tas-SIS II, abbażi tad-deċiżjonijiet legali rispettivi. Barra minn hekk, l-assistenza teknika rispettiva sejra tinkludi wkoll servizzi ta' ġestjoni tal-programm/proġett.

Attivitajiet taħt l-Għan Strateġiku 2: "Insiru ċentru ta' eċċellenza tal-ICT u fornitur tas-servizz rikonoxxut"

Żvilupp kontinwu lejn Ċentru ta' Eċċellenza f'Servizzi tal-ICT u Governanza Korporattiva

L-attivitajiet fl-2015 kienu ffukati fuq żewġ objettivi ewlenin, partikolarment:

- li titlesta b'suċċess il-Fażi 1 tal-Proġett ta' ITSM u li l-Qafas ta' ta' ITSM ta' eu-LISA ITSM jiġi adottat mill-Kumitat ta' tmexxija ta' eu-LISA;
- li tittejjeb u tissaħħaħ ulterjorment l-għodda tal-ITSM ta' eu-LISA sabiex issir għodda tal-ITSM integrata ta' eu-LISA.

It-tnedija uffiċjali tal-proġett tal-Użu tal-SMg kienet organizzata f'Marzu 2015 biex ikun indirizzat l-ewwel objettiv. Il-proġett għandu tliet stadji ewlenin:

- Tħejjija
- Rekwiżiti, finalizzazzjoni tal-mudell ta' servizz u ta' data
- Implimentazzjoni.

Matul l-istadju ta' Tħejjija, tlestew is-sessjonijiet ta' ħidma rilevanti, ġew organizzati u koordinati l-installazzjoni u l-użu tal-SMg Playground u twettqu wkoll l-analizzjiet neċessarji tal-infrastruttura tal-IT. Twettqu wkoll sessjonijiet ta' taħriġ interni biex jinġabru r-rekwiżiti u biex titqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament fi ħdan l-għodda tal-ITSM. Fl-ambitu tal-Istadju 2, inġabru, ġew analizzati u miftiehma r-rekwiżiti ta' eu-LISA; ġew organizzati sessjonijiet ta' ħidma tal-proċessi kif ukoll il-Bażi ta' Data ta' Ġestjoni tal-Konfigurazzjoni Universali (UCMDB, Universal Configuration Management Database) u sessjonijiet ta' ħidma ta' Skoperta; filwaqt li ngħatat attenzjoni speċjali għas-sessjoni ta' ħidma dwar il-migrazzjoni. Bħala riżultat, ġiet finalizzata il-lista bir-rekwiżiti ta' eu-LISA, flimkien mal-mudell ta' servizz u data miftiehem. L-istadju tal-implimentazzjoni, mibdi f'Ottubru tal-2015, kopra l-attivitajiet kollha miftiehma fil-Pjan tal-Proġett, mill-installazzjoni u l-konfigurazzjoni ta' ambjent SMg ta' preproduzzjoni. Dan l-istadju huwa pplanat li jkun jintemm fi Frar 2016.

L-attivitajiet prinċipali li ġejjin ġew mitmuma b'suċċess biex jindirizzaw it-tieni objettiv, jiġifieri biex tiġi finalizzata l-Fażi 1 tal-Proġett ta' ITSM.

- Ġiet organizzata l-preżentazzjoni tal-Fażi 1 tal-Proġett ta' ITSM;
- għall-implimentazzjoni effettiva tal-proċess permezz ta' HP SMg, il-politiki miftiehma ta' ITSM ta' eu-LISA huma riveduti u aġġornati mis-Sidien tal-Proċess rilevanti, abbażi tal-mudell SMg;
- ġew organizzati wkoll sessjonijiet ta' ħidma għal kull proċess, li allinjaw id-definizzjonijiet tal-proċessi mal-mudelli miftiehma tal-SMg u viċi versa. Dan sar għall-Politika tal-Ġestjoni ta' Inċidenti, il-Politika tal-Ġestjoni tal-Problemi, il-Politika tal-Ġestjoni tal-Bidla (kemm Interna kif ukoll mal-SM), il-Politika ta'

- Rispett ta' Rikjesta, il-Politika tal-Ġestjoni tal-Konfigurazzjoni, il-Politika tal-Ġestjoni tal-Livell ta' Servizz;
- il-Politika tal-ITSM ta' eu-LISA ġenerali għet definita, fejn ippreżentat il-mudell ta' proċess u servizz integrat għal eu-LISA.
- il-pakkett finali mal-Qafas tal-ITSM ta' eu-LISA għe finalizzat f'Ottubru 2015 u adottat mill-Kumitat tat-Tmexxija f'Diċembru 2015.

Implimentazzjoni tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija ibbażat fuq standards tal-industrija għal governanza korporattiva tal-ICT

Fl-2015 il-mudell ta' governanza tal-Aġenzija kompli jevolvi: bħala riżultat tal-isforzi, il-proċessi involuti fil-forniment tas-servizzi korporattivi ġew dokumentati kif ukoll twettqu sforzi ulterjuri biex jingħaqdu l-ġbir ta' servizz ta' servizzi operattivi u korporattivi. L-implimentazzjoni tal-attivitajiet biex tintlaħaq u/jew tinżamm konformità mal-Istandards ta' Kontroll Interni fuq bażi ta' revizzjoni trimestrali, fil-każ li twettqu xi adattamenti neċessarji (bħal b'rakkomandazzjonijiet minn pereżempju IAS).

Matul il-perjodu rapportat, intemm l-Eżerċizzju Annwali ta' Ġestjoni tar-Riskju 2015. Is-Sessjoni ta' Hídma Annwali ta' Ġestjoni tar-Riskju Korporattiv saret fid-19 ta' Ottubru, abbażi tal-eżerċizzji ta' ġbir tar-riskju korporattiv u ta' valutazzjoni tar-riskju, segwit mill-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Rispons għar-Riskju tal-2015, li ddokumenta kull riskju korporattiv prijoritizzat u ġestit, inklużi risponsi għar-riskju. B'mod parallel, qed isiru laqgħat trimestrali ta' status ta' ġestjoni tar-riskju ma' sidien tar-riskju.

Tkabbir tal-Ħila Esperta tal-Aġenzija fit-Teknoloġija u n-Negozju

Twettqu r-riċerka u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tat-teknoloġija b'mod konformi mal-istrateġija approvata u l-pjan direzzjonali relatat. Rapport ta' riċerka dwar il-bijometrika f'IT fuq skala kbira għe ppubblikat f'Ġunju 2015. Ġie mxerred stħarriġ onlajn speċifikament dwar spoofing bijometriku lill-Grupp ta' Esperti tal-Valutazzjoni tal-Vulnerabbiltà tal-Istitut Bijometriku (BVAEG, Biometrics Institute Vulnerability Assessment Expert Group) u waslu risponsi li kienu utli ħafna fl-abbozzar ta' rapport iffukat fuq spoofing li issa għe mitmum. Għaxar membri tal-persunal lestew ġimgħa ta' taħriġ fuq il-bijometrika, b'informazzjoni pprovduta minn diversi esperti ewlenin. Is-sessjonijiet irrekordjati qegħdin jiġu editjati sabiex jintużaw iktar tard.

eu-LISA pparteċipat f'diversi avvenimenti biex tiżviluppa relazzjonijiet ma' mexxejja maħsuba u istituzzjonijiet ta' riċerka (pubbliċi u anke privati) f'oqsma ta' interess reċiproku, bħall-konferenza ta' Frontex, konferenzi akkademiċi f'Darmstadt u Karlsruhe, preżentazzjoni ta' materji li jinkludu l-bijometrika u Fruntieri Intelliġenti, u kondivizzjoni ta' informazzjoni. Issoktat il-parteċipazzjoni f'konferenzi u laqgħat, inkluża s-sessjoni ta' hídma dwar il-Fidelità, Fruntieri iktar Intelliġenti 2016, u l-grupp tal-BVAEG tal-Istitut tal-Bijometrika.

Barra minn hekk, l-Aġenzija żammet kuntatt regolari ma' istituzzjonijiet tar-riċerka u akkademiċi, fejn fittxet partikolarment li tagħmel skambju tal-aħjar prattiċi u tagħrif dwar sistemi tal-IT u materji relatati. L-Aġenzija kienet attiva wkoll fi skambju ta' informazzjoni bilaterali ma' akkademiċi u mal-industrija permezz tal-organizzazzjoni ta' diskussjonijiet annwali madwar mejda mal-industrija u l-forniment ta' preżentazzjonijiet u/jew parteċipazzjoni f'diskussjonijiet ta' panils f'konferenzi akkademiċi u ta' riċerka, li jinkludu l-Konferenza tal-Assoċjazzjoni Ewropea għal Proġetti ta' Riċerka Bijometrika, l-ewwel Sessjoni ta' Hídma Internazzjonali dwar l-Identifikazzjoni u s-Sorveljanza għall-Kontroll tal-Fruntiera, u l-Konferenza Ewropea dwar il-passaporti elettroniċi. Barra minn hekk, l-interazzjonijiet maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni kienu frekwenti dwar kwistjonijiet inkluż l-istudju tal-JRC dwar il-bijometrika f'SIS II u l-evoluzzjoni ta' EURODAC. Il-lezzjonijiet mitgħallma matul ir-riċerka fil-bijometrika diġà ġew applikati fi proġetti, inklużi l-bijometrika ta' SIS II u l-pilota tal-Fruntieri Intelliġenti.

Attivitajiet taħt l-Għan Strateġiku 3: "Nikbru bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija tal-ICT tal-UE prinċipali u ċentru ta' ħila esperta"

Sħubiji mal-Istati Membri, Istituzzjonijiet tal-UE u partijiet u partijiet ikkonċernati oħrajn

Il-partijiet interessati prinċipali tal-Aġenzija huma l-Istat Membri, li l-interazzjoni magħhom titwettaq permezz tal-korpi ta' tmexxija ta' eu-LISA – il-Bord tat-Tmexxija u t-tliet Gruppi Konsultattivi (SIS II, VIS u EURODAC). Fl-2015 saru żewġ laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija u erba' laqgħat ta' tmexxija ta' kull Grupp Konsultattiv. Is-Segretarjat tal-Bord tat-Tmexxija pprova appoġġ amministrattiv u loġistiku kontinwu lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Gruppi Konsultattivi.

Fl-2015, eu-LISA kompliet bil-parteċipazzjoni attiva tagħha fil-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni fil-fora differenti li jiddiskutu kwistjonijiet li jikkonċernaw il-mandat tal-Aġenzija. L-uffiċċju ta' kollegament ta' eu-LISA għen b'mod konsiderevoli biex jinżamm kuntatt mill-qrib mal-Istituzzjonijiet tal-UE u biex tkun żgurata l-parteċipazzjoni regolari tal-Aġenzija fil-Gruppi ta' Ħidma rilevanti kollha, kif ukoll fil-Kumitati Parlamentari u tal-Kummissjoni. Meta mitlub, appoġġ kien provdut f'laqgħat preparatorji u tekniċi differenti organizzati mill-Kunsill/il-Presidenza, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni. L-uffiċċju ta' kollegament ikkontribwixxa wkoll għal djalogu u kooperazzjoni kontinwi mar-Rappreżentanzi tal-Istati Membri fi Brussell u ffaċilita d-djalogu ma' Aġenziji oħrajn tal-UE, ma' NGOs u mal-industrija. Barra minn hekk, il-persunal tal-Aġenzija, inkluż l-uffiċċju ta' kollegament tagħha assigura r-rappreżentazzjoni tal-Aġenzija f'konferenzi differenti (pereżempju konferenza dwar il-fondi ta' sigurtà interni organizzata mill-Kummissjoni u konferenza dwar it-30 sena ta' Schengen organizzata miċ-Ċentru għall-Istudji Politiċi Ewropej fi Brussell).

Sħubija ma' Aġenziji oħrajn

Fl-2015 eu-LISA kompliet timplimenta d-dispożizzjonijiet fl-Arranġamenti ta' Ħidma ffirmati qabel mal-aġenziji sħab CEPOL, Frontex u EASO. Ma' Frontex ġie konkluż ukoll Pjan ta' Kooperazzjoni Annwali 2015, li jiddiskrivi l-attivitajiet differenti fejn ser tittieħed azzjoni konġunta matul is-sena. Barra minn hekk, ittieħdu passi biex jiġi miftiehem Memorandum ta' Qbil ma' Europol u Arranġamenti ta' Ħidma mal-FRA u Eurojust.

Issaħħet il-kooperazzjoni ma' diversi Aġenziji li kienu involuti mill-qrib fil-Proġett Pilota tal-Fruntieri Intelliġenti mwettaq minn eu-LISA fl-2015. L-iskop tal-Proġett Pilota inkluda element sinifikanti ta' riċerka manwali, li kien żviluppat f'kooperazzjoni ma' FRA u Frontex, li pprovdew il-ħila Prattika u l-ħila esperta tagħhom.

Sar progress ukoll fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn l-aġenzijipermezz tal-parteċipazzjoni ta' eu-LISA fil-Jum Ewropew annwali ta' Frontex għall-Gwardji tal-Fruntieri f'Varsavja fil-21 ta' Mejju 2015, fejn eu-LISA u Aġenziji oħrajn tal-ĠAI tkellmu fil-panil u kienu preżenti bi stand.

Ir-relazzjonijiet ta' kooperazzjoni bejn eu-LISA u aġenziji oħrajn tal-ĠAI kienu msaħħa permezz tal-attivitajiet tan-Netwerk tal-Aġenziji tal-ĠAI (li jinkludi disa' aġenziji), li eu-LISA kienet qiegħda tippresjedi fl-2015. F'dan il-qafas, saru tliet laqgħat tal-Grupp ta' Kuntatt matul is-sena u f'Ġunju saret Laqgħa tal-Esperti tat-Taħriġ f'Tallinn. Barra minn hekk, f'Lulju saret Laqgħa tal-Esperti tal-ICT fi Strasburgu. Il-presidenza ġiet konkluża b'laqgħa ta' livell għoli fit-3-4 ta' Novembru f'Tallinn, li laqqgħet il-Kapijiet tal-Aġenziji tal-ĠAI kif ukoll rappreżentanti tal-Kummissjoni, il-Kumitat LIBE tal-Parlament Ewropew, il-Presidenza (il-Lussemburgu), is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u OLAF. Fl-2015 l-Aġenziji tal-ĠAI ħadu passi ulterjuri biex iżidu l-għarfien dwar ir-rapporti strateġiċi, analitiċi u oħrajn tagħhom biex isir użu aħjar tal-informazzjoni eżistenti fil-limiti tal-mandati tagħhom. L-Aġenziji kkondividew ukoll informazzjoni dwar il-miżuri disponibbli fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, b'mod partikolari għall-terroristiċi barranin. Barra minn hekk, l-Aġenziji ddiskutew possibiltajiet u għodda ulterjuri għal skambju sigur tal-informazzjoni, fil-limiti tal-mandati tagħhom, kif ukoll kooperazzjoni fil-qasam tal-kontinwità tan-negozju u ċibersigurtà. Barra minn hekk, tkomplet il-kooperazzjoni fil-qasam tat-taħriġ u ttieħdu passi biex isaħħu u jestendu l-azzjonijiet konġunti. Ittieħdu wkoll diversi azzjonijiet biex tiżdied il-viżibilità tal-Aġenziji vis-à-vis l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, kif ukoll il-pubbliku ġenerali.

Barra minn hekk, l-Aġenzija kompliet tikkontribwixxi għan-Netwerk tal-Aġenziji tal-UE billi segwiet il-ħidma u attendiet is-sottogruppi tematiċi, il-laqgħat tal-Kapijiet tal-Amministrazzjoni, u l-laqgħat tal-Kapijiet tal-Aġenziji fi Brussell u Dublin.

Iktar żvilupp tar-relazzjonijiet ma' sħab esterni:

Fil-15 ta' Ġunju 2015 eu-LISA u l-Akkademja Estonjana tax-Xjenzi tas-Sigurtà ffirmaw Memorandum ta' Qbil biex jistabbilixxu formalment kooperazzjoni għall-iskambju ta' informazzjoni, ħila esperta u l-aħjar prattiki fil-qasam tas-sigurtà tal-IT u t-taħriġ u r-riċerka fl-IT. Il-kooperazzjoni mal-industrija ġiet żviluppata permezz ta' diskussjonijiet madwar mejda speċifiċi li ffukaw fuq Fruntieri Intelliġenti u teknoloġiji tal-ogħla livell fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri, b'fokus speċjali fuq il-bijometrika. Fl-2015 l-Aġenzija organizzat żewġ diskussjonijiet madwar mejda bl-involvement ta' rappreżentanti tal-industrija kif ukoll tal-Istati Membri, kemm f'Tallinn kif ukoll fi Strasburgu, b'hekk iffaċilitat s-sensibilizzazzjoni dwar żviluppi globali fil-qasam tat-teknoloġiji rilevanti għal sistemi tal-IT fuq skala kbira, l-iskambju ta' informazzjoni u ideat għal esplorazzjoni ulterjuri, u l-bini tal-kapaċità b'mod ġenerali.

It-Tiŝiħ Ulterjuri tal-Komunikazzjoni Esterna:

Twettqu attivitajiet ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni esterni f'konformità mal-pjan ta' ħidma approvat u ma' skedi ta' żmien stabbiliti biex jintlaħqu t-tliet objettivi speċifiċi tal-komunikazzjoni – il-promozzjoni tal-Aġenzija u ż-żamma tal-immaġni pożittiva tagħha; l-iżgurar tal-pubblikazzjoni preċiża u fil-ħin ta' dokumenti stipulati fil-bażijiet legali rilevanti; it-tiŝiħ tal-preżenza fuq l-internet tal-Aġenzija b'mod effiċjenti u mmirat. Tnax-il azzjoni ewlenija ta' sensibilizzazzjoni u viżibilità ta' eu-Lisa (pereżempju Konferenza Annwali, żewġ avvenimenti ta' diskussjoni madwar mejda mal-industrija; żewġ sessjonijiet ta' informazzjoni mal-Kunsillieri tal-ĠAI ta' pajjiżi Ewropej u waħda ma' Ambaxxaturi tal-UE; pian ta' komunikazzjoni tal-presidenza tan-Netwerk tal-Aġenziji tal-ĠAI u eu-LISA; kampanja ta' informazzjoni settorjali tal-proġett Fruntieri Intelliġenti; publikazzjoni ta' publikazzjonijiet ta' informazzjoni korporattiva u għall-pubbliku inġenerali; produzzjoni ta' oġġetti ta' viżibilità; ċelebrazzjonijiet ta' Jum l-Ewropa; avvenimenti ta' involviment tal-partijiet ikkonċernati) saru f'konformità mal-iskeda taż-żmien stabbilita u skont rekwiżiti definiti. Kull publikazzjoni korporattiva obligatorja kienet ippubblikata skont l-istandards u r-rekwiżiti stabbiliti tal-UE għall-verżjonijiet lingwistiċi. Barra minn hekk, fuljetti informattivi dwar SIS II u rapporti ta' EURODAC, ktejjeb multilingwi dwar il-proġett Fruntieri Intelliġenti, u r-Rapport tal-Konferenza tal-2015 ġew prodotti u ppubblikati onlajn u offlajn sabiex ikomplu jipprovdu viżibilità lill-mandat ewlieni tal-Aġenzija u jippromwovu r-rwol tagħha fl-implimentazzjoni tal-linji politiċi tal-UE fuq livell operattiv. Taħt il-presidenza tal-eu-LISA tan-netwerk tal-Aġenziji tal-ĠAI, twettaq b'suċċess pian ta' komunikazzjoni, li rriżulta fil-produzzjoni u t-tixrid ta' filmat korporattiv biex tiżdied l-għarfien pubbliku dwar ir-rwol tal-Aġenziji tal-ĠAI fl-implimentazzjoni tal-linji politiċi tal-UE għall-benefiċċju taċ-ċittadini, filwaqt li kienet provduta kopertura onlajn regolari dwar l-attivitajiet ewlenin kollha tan-netwerk. Kampanja ta' informazzjoni settorjali dwar il-Pilota ta' Fruntieri Intelliġenti twettqet skont ir-rekwiżiti definiti li jirriżultaw, fil-produzzjoni u t-tixrid ta' materjali ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni f'diversi settijiet ta' taħlitiet lingwistiċi (ir-Rapport Finali tal-proġett Fruntieri Intelliġenti, kartelluni, fuljetti, kolonni ta' Mistoqsija-Tweġiba) u t-tixrid ta' 20 000 oġġett ta' viżibilità relatat. Bħala riżultat tar-relazzjonijiet proattivi ta' output fuq il-midja, li jinkludu t-tnejn u t-tweġi b'suċċess ta' azzjonijiet ta' outreach fuq il-midja fi Strasburgu u Tallinn kif ukoll il-produzzjoni ta' stqarrijiet għall-istampa u għall-aħbarijiet fuq medja ta' kull ġimgħa (totali 48), il-kopertura dwar eu-LISA żdiedet. L-implimentazzjoni tal-kuntratti tas-servizz taħt il-Lott 1 u l-Lott 2 FWC għall-ġestjoni integrata tal-komunikazzjoni u tal-avvenimenti kienet fit-triq it-tajba, fejn kienet qed tipprovdi l-appoġġ meħtieġ għal servizzi ta' ġestjoni tal-avvenimenti u viżibilità. Ukoll, l-Istrateġija tal-Midja Soċjali ta' eu-LISA kienet ippreżentata u approvata mill-maniġment tal-Aġenzija.

Attivitajiet taħt l-Għan Strateġiku 4: "L-iżvilupp ta' organizzazzjoni moderna, effiċjenti u aġli"**Ippjanar strateġiku**

L-Aġenzija kompliet tevoli l-funzjonalità ta' pplanar strateġiku u rapportar tagħha matul l-2015. L-introduzzjoni tad-Dokument ta' Programmar Uniku ġdid kienet sfida prinċipali fl-2015. Irdoppjat l-isforzi tal-Aġenzija fil-qasam tal-ippjanar. Il-MAWP tal-Aġenzija ntbagħat għal opinjoni formali tal-Kummissjoni Ewropea. Sett ta' KPIs kien adottat mill-Bordijiet tat-Tmexxija u l-Kumitat tat-Tmexxija approva l-metodoloġija dwar l-implimentazzjoni tal-KPIs f'eu-LISA. Fl-2016, il-KPIs sejrini ikunu ttestjati u sejjer jiġi provdut l-ewwel rapport lill-Bord tat-Tmexxija.

Ġestjoni finanzjarja

Fl-2015 inżamm livell għoli ta' kontroll ex ante billi ġew ikkonsolidati u ssimplifikati ulterjorment il-proċeduri ta' finanzjament, li kien rifless min-numru baxx ta' żbalji rapportati u rifjut fil-fluss tax-xogħol tal-ABAC (inqas minn 3 % tat-tranżazzjonijiet totali). Mudell ta' sjieda tal-baġit u flussi tax-xogħol finanzjarji riveduti kienu miftiehma mill-Kumitat tat-Tmexxija biex ikunu implimentati matul l-2016. F'dan il-kuntest it-taħriġ tal-ABAC għal OIAs u OVA/As/Os sar f'Tallinn u Strasburgu sal-aħħar tas-sena. Barra minn hekk, ġew finalizzati mudelli simplifikati għal slips tar-rotot u listi ta' kontroll.

Sabiex jittejjbu ulterjorment il-kapaċitajiet ta' rapportar finanzjarju tal-Aġenzija u sabiex ikun possibbli rapportar aktar preċiż dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, ir-rapportar ta' DWH/BO kien modifikat fl-2015 u ġiet implimentata tabella operattiva apposta għas-segwitu ta' approprjazzjonijiet riportati T1&T2 (C8), filwaqt li ġie prodott rapport ta' paġna waħda ta' implimentazzjoni globali, li ġabar fil-qasir il-konsum tal-baġit, in-numru ta' impenji u pagamenti mwettqa, u statistika dwar iż-żmien permess għall-ħlas.

Dawn il-miżuri kollha ffaċilitaw b'mod sinifikanti r-riżultat tal-implimentazzjoni tal-baġit, li qabżet 99 % tal-baġit tal-2015 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u pagament.

Fir-rigward tal-konsolidazzjoni ta' proċeduri interni eżistenti u r-reviżjoni perijodika tagħhom, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet ta' awdituri interni/esterni kif ukoll tibdil fir-regoli u r-regolamenti applikabbli, l-evalwazzjoni ta' għodda ta' ġestjoni integrata (Matrix) kienet mitmuma, li wasslet għall-konklużjoni li ma taqbilx mar-rekwiżiti tal-Aġenzija. Il-linji gwida dwar ir-rikonossiment tal-assi fil-proġetti tal-IT ġew adottati bid-deċiżjoni tad-DE 95/15. Għal kull nota ta' dokumentazzjoni/ġustifikazzjoni tad-dħul ta' proġett, intalbet metodoloġija tal-istima baġitarja.

Ġestjoni tal-loġistika u l-faċilitajiet

Matul is-sena li għaddiet, kien assigurat 30 post tax-xogħol addizzjonali fl-uffiċċju ta' Tallinn, prinċipalment għal wasliet ġodda intra-muros u ġie ffirmat kuntratt għal spazji ġodda ta' parkeġġ ġewwa Tallinn, waqt li f'Marzu ġie ratifikat Ftehim fuq il-Post mal-Gvern Estonjan, li inkluda deċiżjoni dwar il-kwartieri ġenerali ġodda. Intgħażel il-post il-ġdid tal-kwartieri ġenerali u d-deċiżjoni governattiva għall-allokazzjoni finanzjarja ġiet konkluża b'suċċess. Il-kompetizzjoni tal-kunċett arkitettoniku twettqet u eu-LISA pparteċipat fl-evalwazzjoni teknika tal-proposti li tlestew f'Settembru 2015. Ir-reviżjoni tal-ispeċs tad-disinn tekniku bdiet fl-aħħar tas-sena u sejra ddum b'mod mhux intermittenti sa Ottubru 2016.

Ġew assigurati għoxrin post tax-xogħol addizzjonali għall-persunal b'kuntratt intra-muros fi Strasburgu. Il-kuntratt għall-bini l-ġdid fi Strasburgu kien iffirmat fl-10 ta' Ġunju 2015. Kull estensjoni mitluba fi ħdan iċ-Ċentru tad-Data saret disponibbli fil-ħin. Il-proċeduri ta' manutenzjoni kienu ottimizzati u skont il-pjan.

Finalment, ġie mwettaq kontroll tal-klassifikazzjoni tal-assi għal 100 % tat-tranżazzjonijiet mitmuma għal nefqa relatata mas-sistemi taħt tmexxija.

Akkwist

Kowċjar imfassal apposta kien provdut għal inizjaturi operattivi għal proċeduri mnedija matul il-perjodu tar-rapportar. L-esperjenza miġbura hija fil-preżent kondiviża permezz ta' posta elettronika u sessjonijiet ta' ħidma. Meta każ ikun ikkunsidrat utli għal eu-LISA, ikun is-suġġett ta' "komunità ta' prattika". Il-lezzjonijiet meħuda mill-kuntratt kurrenti VIS/BMS/MWO kienu applikati għat-tnejn tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-kuntratt il-ġdid li jibda fl-2016; barra minn hekk, il-lezzjonijiet meħuda mit-tfassil tas-sejħa l-ġdida għall-offerti għall-VIS/BMS/MWO kienu kkomunikati lill-EURODAC u lit-timijiet operattivi tal-Infrastruttura Kondiviża Komuni fid-dawl tat-tneddija tal-MWOs rispettivi fl-2016.

Kull ġimagħtejn ġew prodotti u kondiviżi rapporti mal-kumitat tat-tmexxija bil-ħsieb tal-koordinazzjoni ta' kull fażi taċ-ċiklu tal-akkwist ta' attivitajiet ta' akkwist ewlenin. Il-frekwenza ġiet deċiża mill-kumitat tat-tmexxija fl-14 ta' April 15. Il-Pjan ta' Ksib ta' Akkwist (PAP, Procurement Acquisition Plan) huwa użat bħala għodda ta' rapportar flimkien mat-tabella operattiva ta' Akkwist għal proċeduri ta' akkwist ewlenin. Ir-rapport ta' implimentazzjoni tal-PAP kien aġġornat regolarment u pprovdut lill-Kumitat tat-Tmexxija bħala anness għar-rapport SMART ta' kull xahar.

Biex tkun assigurata l-konformità legali, fuq talba ngħata parir legali lill-manigiers tal-proġetti f'każijiet kumplessi li jinvolvu pereżempju d-diliġenza dovuta, l-aċċettazzjoni tar-riżultati tanġibbli, pagamenti u garanziji kemm għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira kif ukoll għal proġetti oħrajn (pereżempju l-bini ta' Strasburgu). Appoġġ legali estern

kien attivat ukoll għas-sit ta' rikostruzzjoni ta' Strasburgu, kif mitlub mill-ġestjoni tal-kuntratt.

Riżorsi umani

Ir-reklutaġġ ta' kariga ta' CA addizzjonali fir-riżorsi umani sar skont il-pjan, u wassal fl-aċċettazzjoni tal-offerta tax-xogħol u d-data tal-bidu ġiet stabbilita għas-16 Diċembru 2015. Pożizzjoni oħra ta' CA għal tul ta' żmien qasir inħoloq fl-2015 fid-Dipartiment tar-Riżorsi u l-Amministrazzjoni għall-Assistent Amministrattiv responsabbli mill-immaniġġjar tal-kuntratti mal-fornituri ta' servizzi esterni (l-intra-muros u l-ekstra-muros). Id-dawran tal-persunal fl-2015 baqa' fi ħdan il-mira stabbilita. Żewġ pożizzjonijiet ma kinux sostitwiti bi thejjiġja għat-tnaqqis obligatorju fil-persunal (żewġ pożizzjonijiet fl-2016) kif mitlub fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Fir-rigward tal-implimentazzjoni futura ta' Fruntieri Intelliġenti, setgħet titwettagħ ħidma parzjali biss, qabel ma ġiet adottata l-leġiżlazzjoni, jiġifieri l-identifikazzjoni tar-riżorsi potenzjalment meħtieġa għat-thejjiġja tas-sejħa għal espressjoni ta' interessi (biex ikunu konklużi l-listi ta' riżerva), filwaqt li tħejjew id-deskrizzjonijiet tal-impjeg għall-profil tal-impjegati potenzjali. Familji ta' impjeg kienu mhejjiġja biex jiġi mfassal il-Qafas ta' Kompetenza u r-rwoli tal-impjeg kienu standardizzati regolarment. Tnieda wkoll Stħarriġ ta' Sodisfazzjon tal-persunal. Ġie konkluż kuntratt mal-kumpanija konsultattiva għat-thejjiġja tal-Qafas tal-Kompetenza tal-Aġenzija u ġiet miftiehma l-iskeda ta' żmien biex jitwettqu l-attivitajiet fl-2016 li jirriżultaw fil-ħolqien tal-Qafas ta' Kompetenza speċifiku għall-Aġenzija.

Għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Tagħlim u Żvilupp tal-Aġenzija u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Taħriġ Annwali tal-Aġenzija għall-2015, l-Aġenzija adottat id-deċiżjoni tad-DE dwar ir-Regoli Proviżorji għat-Tagħlim u l-Iżvilupp. Tlestew ir-rapporti ta' statistika dwar l-implimentazzjoni annwali tal-attivitajiet ta' taħriġ ipplanati kif ukoll il-parteċipazzjoni ġenerali u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet ta' tagħlim u żvilupp. Twettqu l-attivitajiet ta' taħriġ ipplanati kollha kif ukoll attivitajiet ad hoc addizzjonali. Sessjonijiet ta' taħriġ tekniku addizzjonali saru wkoll matul il-perjodu tar-rapportar. L-attivitajiet twettqu kif ipplanat, u wasslu sabiex il-persunal ta' eu-LISA attenda medja ta' 10.8 jiem ta' taħriġ. Persunal impjegat ġewwa Tallinn attenda medja ta' 8.3 jiem ta' taħriġ, waqt li l-persunal fi Strasburgu attenda medja ta' 12.2 jiem ta' taħriġ. L-istatistika dwar ir-rata ta' sodisfazzjon tat-tagħlim inġabret sistematikament u rriżultat f'sodisfazzjon ġenerali tal-persunal ta' eu-LISA bl-attivitajiet ta' tagħlim fl-2015, b'medja ta' 81 %.

Biex tkun iktar integrata u mtejbja l-kultura tat-tagħlim elettroniku fi ħdan l-Aġenzija, ġie ppreżentat il-modulu elettroniku tal-Kodiċi ta' Etika u Kondotta. Riżorsi addizzjonali ta' tagħlim elettroniku (filmati) ġew ippreparati u introdotti għall-użu ukoll u inbeda l-iżvilupp ta' programm onboarding onlajn. Moodle sejjer jiġi introdott bħala s-soluzzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tat-Tagħlim f'eu-LISA fl-2016.

L-istrateġija tar-riżorsi umani ta' eu-LISA ġiet adottata mill-Kumitat tat-Tmexxija fir-raba' kwart tal-2015 u promulgata mid-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv (DE) matul l-ewwel ġimgħa tal-2016. Il-programm FIT ġie introdott fit-tieni kwart biex iħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-persunal ta' eu-LISA fl-isport. Tlesta wkoll il-proċess tal-konsultazzjoni dwar il-Politika taż-Żamma tal-Persunal u ġiet introdotta l-politika mid-deċiżjoni tad-DE fir-raba' kwart tal-2015. Il-linji gwida għall-implimentazzjoni tat-telexogħol f'eu-LISA tħejjew fit-tieni kwart u r-Regola ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-telexogħol ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA għall-implimentazzjoni b'analoġija fir-raba' kwart. Tħejja dokument għar-reviżjoni u l-konsultazzjoni mal-Kumitat tat-Tmexxija ta' eu-LISA dwar il-Proċedura tat-Tiġdid tal-Kuntratti fit-tielet kwart. Tlestiet il-ħidma preparatorja għat-trasferiment tad-data tal-persunal lill-għodda elettronika tar-riżorsi umani Allegro u twettaq il-proċess tal-ittestjar ta' Organigramma.

Komunikazzjoni interna

Saret l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' komunikazzjonijiet interni tal-Aġenzija. Il-komunikazzjonijiet korporattivi kienu ġestiti b'mod bilanċjat biex regolarment jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-persunal għal informazzjoni korporattiva u amministrattiva fil-postijiet differenti tal-Aġenzija. L-Istrateġija ta' Komunikazzjoni Interna għall-2016-2020 kienet aġġornata u ppreżentata lill-maniġment għoli għall-approvazzjoni mill-Kumitat tat-Tmexxija. Ġie elaborat Pjan ta' Azzjoni Relatat għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni interna fl-2016. Il-filmati u l-istampi fi ħdan il-proġett "eu-LISA Faces" ġew ġestiti biex jintlaħaq il-punt ta' referenza stabbilit ta' tkompli ta' 70 %. L-involvement fl-iżvilupp ta' sit intranet tal-Aġenzija jkompli skont il-pjanijiet ta' infrastruttura tal-ICT korporattiva mmexxija mis-Settur ta' Servizz Korporattiv. Is-sit intranet imfassal apposta beda jiħaddem permezz ta' approċċ gradwali. Il-fażi tal-bidu bdiet bit-thejjiġiet għad-definizzjoni tas-sidien tan-negozju, il-korrispondenti

tal-produzzjoni tal-kontenut, u l-flussi tax-xogħol taħt l-approċċ ta' komunikazzjoni integrat applikabbli għal eu-LISA.

Biex tissaħħaħ il-komunikazzjoni minn żewġ naħat mal-persunal, saru Assembleji trimestrali tal-Persunal fil-forma ta' diskussjonijiet wiċċ imb wiċċ mad-DE.

Minbarra l-attivitajiet ippjanati, inizjattivi ġodda bħat-tgħarrif tad-DE dwar is-suġġetti tal-laqgħat tal-korpi tat-tmexxija, dawk konsultattivi u ta' governanza ta' eu-LISA ġew introdotti u twettqu seba' tgħarrifiet ta' dan it-tip sabiex tkun żgurata kondiviżjoni tal-informazzjoni trasparenti u f'waqtha dwar il-kwistjonijiet operattivi, organizzazzjonali u amministrattivi ta' eu-LISA fost il-persunal tas-siti u l-postijiet differenti tal-Aġenzija. Fi tmieni l-2015 l-istħarriġ ta' sodisfazzjon dwar l-għodda u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni interna ta' eu-LISA twettaq biex ikun hemm segwitu għar-ristrutturar tal-ġestjoni tal-komunikazzjoni korporattiva, assenjata taħt ir-responsabbiltà tal-Unità ta' Koordinazzjoni Ġenerali mill-1 ta' Awwissu 2015, u biex jinġabar rispons mill-persunal kollu ta' eu-LISA (membri tal-persunal, fornituri ta' servizzi, apprendisti) bħala l-bażi ta' iktar żvilupp tal-għodda u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni interni f'konformità mal-aspettattivi u l-ħtiġijiet tal-persunal.

Awditjar intern

Ir-Rapport ta' Awditu tal-IAS dwar ir-reviżjoni limitata tal-implimentazzjoni tal-Istandards ta' Kontroll Interni wasal f'Mejju. Il-Pjan ta' Azzjoni kien miftiehem mal-IAS f'Ġunju. Ir-rapport ta' attività tal-IAC dwar "The audit of reliability of eu-LISA Accounts 2014" ("L-awditu tal-affidabilità tal-Kontijiet ta' eu-LISA 2014") minn awditur estern indipendenti ġie pprovdut f'Lulju. Ir-Rapport ta' Awditu tal-IAS dwar il-ġestjoni tal-kuntratt ingħata f'Ottubru u l-Pjan ta' Azzjoni ġie miftiehem f'Novembru. Ir-Rapport Finali tal-QEA dwar il-Kontijiet 2014 ġie ppreżentat lid-Direttur Eżekuttiv u l-Bord tat-Tmexxija fit-30 ta' Ottubru 2015. L-ewwel abbozz tal-Programm ta' Assigurazzjoni u Titjib tal-Kwalità għall-Kapaċità ta' Awditjar Intern ta' eu-LISA tlesta f'Diċembru. Saret konsultazzjoni dwar Pjan ta' Awditjar intern għas-sena 2016 mad-Direttur Eżekuttiv u dan ġie approvat mill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru. L-awditjar interim tal-QEA dwar il-Kontijiet 2015 sar kif ippjanat f'Diċembru.

Parti II (a) Ġestjoni

2.1. Bord tat-Tmexxija

Fl-2015 l-Aġenzija kompliet bil-kollaborazzjoni mill-qrib ħafna u produttiva mal-istruttura ta' ġestjoni prinċipali tagħha, il-Bord tat-Tmexxija. Apparti mill-punti approvati mill-Bord f'konformità mal-funzjonijiet tagħha stabbiliti mir-regolament li jstabbilixxi, l-Aġenzija ġibdet l-attenzjoni tagħhom għall-kwistjonijiet kollha ta' riskju u ta' kontroll sinifikanti identifikati matul il-perjodu ta' rapportar.

Bħala prattika standard, il-Bord adotta l-programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija għas-sena ta' wara u r-rapport ta' attività annwali għas-sena ta' qabel.

Bħala eżerċizzju annwali, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Awditur Intern tal-Aġenzija, il-Bord analizza r-rapport ta' progress dwar il-Pjan ta' Awditu Intern 2015 u laqa' l-approċċ koerenti tal-Aġenzija rigward il-forniment ta' assigurazzjoni fuq bażi regolari. F'dan ir-rigward, il-Bord adotta l-Pjan ta' Awditjar Intern ta' eu-LISA għas-sena 2016.

Il-Bord tat-Tmexxija kien involut f'eżerċizzji perjoċi oħrajn, bħall-adozzjoni tar-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Unità Ċentrali ta' EURODAC skont Artikolu 24(1) tar-Regolament (KE) Nru 2725/2000, l-adozzjoni tal-funzjonament tekniku tas-SIS II Ċentrali u l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni, li tinkludi s-sigurtà tagħha u l-iskambju bilaterali u multilaterali ta' informazzjoni supplimentari bejn l-Istati Membri, l-adozzjoni tal-lista tal-awtoritajiet li għandhom aċċess għas-Sistema Ċentrali ta' EURODAC, l-adozzjoni tal-lista ta' awtoritajiet ta' SIS II, uffiċċji ta' N.SIS II u SIRENE Bureaux eċċ.

Il-Bord tat-Tmexxija laqa' l-inizjattiva tal-Aġenzija fir-rigward tal-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni Korporattivi, filwaqt li għarfet l-importanza tal-għodda għal governanza korporattiva tajba. L-adozzjoni ta' din l-għodda fl-2015 fettet il-possibbiltà għal segwitu aħjar tal-prestazzjoni tal-Aġenzija.

Skont ir-regolament li waqqafha, wieħed mill-obbligi tal-Aġenzija huwa li ssegwi l-iżviluppi fir-riċerka rilevanti għall-ġestjoni operattiva ta' SIS II, VIS, EURODAC u sistemi oħrajn tal-IT fuq skala kbira. Sar progress sinifikanti minn eu-LISA fl-2015 minħabba l-adozzjoni mill-Bord tat-Tmexxija tal-Istrateġija ta' Monitoraġġ tar-Riċerka u t-Teknoloġija. Ftit xhur wara, bħala riżultat ta' din l-istrateġija, l-Aġenzija ppreżentat lill-Bord l-ewwel rapport ta' eu-LISA dwar il-Bijometrika f'Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira.

L-Aġenzija ppreżentat ukoll lill-Bord il-ħarsa ġenerali tal-abbozz tal-Istrateġija tagħha fir-rigward tat-Teknoloġija, li timmira li tistabbilixxi d-direzzjoni strateġika għall-evoluzzjoni tal-infrastruttura teknika tas-sistemi taħt it-tmexxija tagħha. Il-Bord approva l-isforzi tal-Aġenzija f'dan ir-rigward.

Dokumenti importanti oħrajn li ġew analizzati u adottati mill-Bord tat-Tmexxija huma l-Istrateġija Kontra l-Frodi ta' eu-LISA u l-Pjan ta' Azzjoni. Id-dokumenti huma bbażati fuq l-Approċċ Komuni tal-Kummissjoni dwar aġenziji deċentralizzati tal-UE li jeħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' miżuri kontra l-frodi fl-aġenziji. Il-pjan ta' azzjoni mfassal sabiex tkun implimentata l-Istrateġija tal-Aġenzija Kontra l-Frodi jkopri l-perjodu minn Marzu 2015 sa Marzu 2018. Meta timplimenta l-azzjonijiet, l-Aġenzija se jra vantaġġ, kull meta jkun possibbli, mis-sinerġija billi tikkoopera ma' aġenziji oħrajn, u billi taqsam l-aħjar prattiki ma' sħab esterni. L-azzjonijiet ser ikopru l-istadji kollha taċ-ċiklu kontra l-frodi: il-prevenzjoni, is-sejbien, l-investigazzjoni u miżuri korrettivi.

F'termini ta' riskji kkomunikati mill-Aġenzija, il-Bord kien infurmat li EURODAC kienet qiegħda taffaċċja pressjonijiet ta' kapaċità serji minħabba ż-żieda kbira u mhix mistennija fin-numru ta' tranżazzjonijiet, li jirriżultaw mill-influss riċenti ta' immigranti/refuġjati fil-fruntieri Ewropej. Il-projezzjonijiet imwettqa fl-imġhod rigward it-traffiku tal-ġejjieni, ibbażati fuq il-figuri u l-projezzjonijiet tal-Istati Membri, kienu ferm inqas mir-realtà attwali għall-2015. Il-Bord iddeċieda li japprova l-miżuri ta' emerġenza dwar iż-żieda tal-kapaċità ta' EURODAC kif ukoll it-throughput tranżazzjonali tagħha, fuq il-bażi tal-istimi tal-Aġenzija u tal-opinjoni tal-Grupp Konsultattiv ta' EURODAC.

Fir-rigward ta' SIS II, l-Aġenzija ġibdet l-attenzjoni tal-Bord għall-eżitu tal-istudju ta' SIS II AFIS, b'referenza għall-użu possibbli ta' ritratti u marki tas-swaba' biex jintużaw biex jidentifikaw persuna fuq il-bażi tal-identifikatur

bijometriku tagħha. Il-Bord ħa nota tal-istat ta' tnejn tal-Aġenzija biex tforni funzjonalitajiet bijometriki lil SIS II u tar-riskji possibbli kkawżati mill-implikazzjonijiet fuq il-baġit u l-persunal tagħha.

Mibdija fl-2014 u ssokkata fl-2015, it-Task Force tas-Sistema ta' Tqabbil Bijometriku (BMS), magħmula minn rappreżentanti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea, eu-LISA u l-Kuntrattur, ħarġet rapport b'rakkomandazzjonijiet ta' tkabbir tal-kapaċità għall-BMS. Il-preżentazzjoni progressiva tal-VIS u ż-żieda fit-tagħbija esponenzjali f'termini ta' tranżazzjonijiet imwettqa permezz tal-BMS wasslet għal użu eċċessiv tal-kapaċità inizjali li għaliha tfasslet il-BMS. Il-Bord iddeċieda dwar l-għeluq ta' dan il-grupp wara li kkunsidra li l-objettivi tat-Task Force tal-BMS intlaħqu u r-riskji ppreżentati qabel lill-Bord kienu mitigati.

Fl-2015 il-Bord kien involut ukoll fi proċeduri ta' reklutaġġ. Il-Bord kien mistieden biex jieħu sehem fl-għażla tal-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Aġenzija, peress li din hija pożizzjoni importanti għall-Aġenzija.

2.2. Żviluppi ewlenin

Matul l-2015, eu-LISA ffaċċjat diversi sfidi esterni relatati mal-iżviluppi fil-qasam tas-sigurtà fl-Ewropa u lil hinn. Il-fruntieri esterni tal-UE kienu ffaċċjati b'żieda qawwija fil-waslet ta' migranti irregolari u applikanti għall-ażil. Sfida oħra ewlenija kienet iż-żieda f'attivitajiet terroristiċi. Għalhekk, diversi objettivi, stadji importanti, rakkomandazzjonijiet u azzjonijiet kienu stabbiliti mill-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, b'impatt fuq l-attivitajiet li għaddejjin bħalissa u dawk ippjanati ta' eu-LISA. Fost l-oħrajn, l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-UE Riveduta ġiet miftiehma mill-Kunsill u l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni⁴ u l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà⁵ ġew ippubblikati mill-Kummissjoni, fejn stabbilixxew għanijiet ta' livell għoli għal azzjonijiet prattiċi fil-ġejjieni.

L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni kienet segwita malajr minn komunikazzjonijiet partikolari u pjanijiet ta' azzjoni indirizzati biex inaqqsu l-persjoni tal-migrazzjoni u jippromwovu użu aħjar tal-għodda eżistenti, filwaqt li tappella wkoll għal kooperazzjoni akbar fost l-Aġenziji tal-ĠAI. L-Aġenziji tal-ĠAI, inkluż eu-LISA, ħadu azzjoni b'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-flussi migratorji għoljin li jħallu impatt fuq l-Ewropa jeħtieġu kemm passi immedjati kif ukoll miżuri sostenibbli għall-perjodu fit-tul. L-UE u l-awtoritajiet nazzjonali għandhom bżonn jaħdmu id f'id biex jiżguraw livell għoli ta' sigurtà u jsaħħu l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni rregolari, id-dħul klandestin u t-traffikar ta' bnedmin, kif ukoll it-terroriżmu u kriminalità serja u organizzata oħra, waqt li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u d-data personali.

eu-LISA wriet flessibilità u aġilità biex tindirizza l-politika ġdida u r-realtajiet operattivi, peress li kienet:

- implimentat f'xahrejn il-bidliet neċessarji fis-SIS II sabiex tippermetti r-reġistrazzjoni ta' ġellieda barranin;
- żiedet il-kapaċità u t-throughput tranżazzjonali ta' EURODAC darbtejn f'erba' xhur biex issostni d-disponibbiltà 24x7 tagħha għall-Istati Membri għar-reġistrazzjoni tan-numru li żdied ħafna ta' persuni jfittxu aзіl u migranti rregolari;
- żammet taħt kontroll il-preżentazzjoni globali ta' VIS u indirizzat b'aġilità il-ħtieġa ta' żieda fil-kapaċità ta' VIS u BMS;
- flimkien ma' Frontex u EASO wettqet proġett pilota fil-Greċja biex tistabbilixxi miżuri tekniċi u organizzazzjonali biex iżżid l-effiċjenza tal-proċess tar-reġistrazzjoni tal-migranti fil-Hotspots.

L-Aġenzija rfinat l-istruttura organizzazzjonali tagħha billi introduċiet setturi biex ittejjeb il-linji ġerarkiċi, tiddistribwixxi t-tagħbija tax-xogħol iktar indaq u twieġeb għal bżonnijiet esterni. L-Aġenzija bdiet ukoll żewġ proġetti biex tibni bini ġdid kemm fi Strasburgu kif ukoll f'Tallinn biex tindirizza n-nuqqas u l-kwalità tal-ispazju tax-xogħol disponibbli.

⁴http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/european-agenda-migration/background-information/docs/communication_on_the_european_agenda_on_migration_mt.pdf

⁵http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/e-library/documents/basic-documents/docs/eu_agenda_on_security_en.pdf

2.3. Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

eu-LISA hija ffinanzjata minn sorsi ta' finanzjament differenti⁶. Id-dħul prinċipali jiġi mis-sussidju tal-UE, riċevut fuq bażi annwali mill-awtorità tal-baġit tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea⁷. Iktar kontribuzzjonijiet ġew riċevuti minn pajjiżi assoċjati u minn ftehim ta' delegazzjoni mal-Kummissjoni għal preparazzjonijiet ta' Fruntieri Intelliġenti fl-2015⁸.

Bħala parti mill-qafas tar-rapportar annwali, l-Aġenzija tippubblika r-rati ta' eżekuzzjoni tal-baġit u l-indikaturi tal-prestazzjoni tagħha, li jistgħu jgħinu jenfassaw l-effiċjenza u l-effettività li bihom l-Aġenzija kienet kapaċi timmaniġġja l-infiq tagħha matul il-perjodu tar-rapportar.

Implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet tal-baġit 2015


Fl-2015 eu-LISA ġġestiet baġit ta' EUR 67.6 M riċevuti mis-sussidju tal-UE. Il-baġit inizjali ta' EUR 72.8 M tnaqqas b'EUR 5.25 M⁹ f'appropriazzjonijiet ta' impenn u pagament wara talba mid-DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni b'appoġġ għall-azzjonijiet tal-Unjoni u l-assistenza ta' emerġenza fil-qafas tal-Fond ta' Sigurtà Interna. It-tnaqqis kien preċedut minn analiżi bir-reqqa li żgurat li l-ebda obbligu legali u kompitu pjanat tal-AWP 2015 ma kienu affettwati b'mod negattiv.

L-Aġenzija żammet ir-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit għolja tagħha sa tmiem is-sena 2015.

- 99.7 % għall-appropriazzjonijiet ta' impenn;
- 99.4 % għall-appropriazzjonijiet ta' pagament li jinkludu r-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2016.

Eżekuzzjoni tal-appropriazzjoni ta' impenn

Il-kreditu ta' impenn (C1) ivvutati għall-2015 kienu maqsumin fost it-titoli differenti kif ġej: 53.5 % kienu previsti għall-baġit operattiv, 27.0 % għall-infrastruttura u n-nefqa operattiva, u 19.5 % għan-nefqa fuq il-personal. Il-graffs hawn taħt juru l-implimentazzjoni tal-baġit skont it-titolu fi tmiem is-sena. Għandu jiġi nnotat li mill-ammont totali bbaġitjat fit-Titolu 2, EUR 11.3 M huma allokatu għall-proġett għar-rikostruzzjoni tas-sit operattiv tal-Aġenzija fi Strasburgu¹⁰.



Consumption of C1 Commitment Appropriations	Konsum ta' Appropriazzjonijiet ta' Impenn C1
Millions	Miljuni
Commitment Credit available	Kreditu ta' Impenn disponibbli

6 L-Artikolu 32 tar-Regolament li Jwaqqafha.

7 Dan is-sussidju jirreferi għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u pagament C1 (kreditu vvutati tas-sena baġitarja attwali).

8 Kontribuzzjonijiet riċevuti bħala dħul estern assenjat u jirreferu għal appropriazzjonijiet ta' impenn u pagament Ro.


9 Il-baġit emendatorju Nru 1 ġie adottat mill-Bord Maniġerjali tat-13 ta' Awwissu 2015.

10 Din l-appropriazzjoni ta' impenn kienet ikkumplementata minn 10.2 M awtorizzati mill-Bord tat-Tmexxija għal riport fl-2015. Dawn l-appropriazzjonijiet C2, li twettqu kif support sal-aħħar tal-2015, huma intenzjonati li jkunu riportati għall-2016 flimkien mar-riport tal-appropriazzjonijiet ta' pagament korrispondenti.

Commitment Credits consumed	Krediti ta' Impenn ikkunsmati
Staff Expenditure	Nefqa fuq il-Persunal
Infrastructure and Operating Expenditure	Nefqa Operazzjonali u Infrastrutturali
Operational Expenditure	Nefqa Operazzjonali
Consumption evolution committed / Budgeted	Evoluzzjoni tal-konsum impenjata / Baġitjata
Committed / Commitment Budget	Baġit Impenjat / Ta' Impenn
Millions	Miljuni
Committed	Impenjat
Total Budget	Baġit Totali
Quarter/Year	Kwart/Sena
Q1	K1
Q2	K2
Q3	K3
Q4	K4

Detall tan-nefqa operattiva (Titulu 3): minħabba n-natura multi-annwali tal-kuntratti użati b'appoġġ għal operazzjonijiet fundamentali, EUR 38.8 M ta' approprjazzjonijiet ta' impenn miftuħa tal-2015 ġew awtomatikament riportati u ser jitħallsu fl-2016 u fis-snin li ġejjin.

Mija fil-mija tal-baġit operattiv ġie implementat, li jammonta għal EUR 36.1 M. Il-graff hawn isfel turi d-disaggregazzjoni tal-baġit operattiv skont il-kapitolu.




Title 3: Commitment Appropriations in Mio €	Titulu 3 Approprjazzjonijiet ta' Impenn f'Mil €
VIS-BMS	VIS-BMS
EURODAC	EURODAC
SIS II	SIS II
Shared System Infrastructure (CORE Systems)	Infrastruttura tas-Sistemi Kondiviżi (Sistemi EWLENIN)
Ext. Support, Training, Meeting related to Systems a.o.	Appoġġ Taħriġ, Laqgħat Est. relatati ma' Sistemi a.o.
Total operational Budget: € 36,13 Mio	Baġit operattiv totali: € 36,13 Mil

Eżekuzzjoni tal-approprjazzjoni ta' pagament

Il-baġit totali vvutat għall-approprjazzjonijiet ta' pagament ammonta għal EUR 67.6 M.

Fi tmiem l-2015, l-eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-krediti C1 laħqet id-99.4 %, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva. Il-graffs hawn isfel juru l-qsim tal-baġit totali skont it-titolu u l-konsum ġenerali tal-krediti ta' pagament matul is-sena 2015.




Consumption of C1 Payment Appropriations	Konsum ta' Approprjazzjonijiet ta' Pagament C1
Millions	Miljuni
Payment Credits carried forward	Kredit tal-Pagamenti riportati
Payment Credits consumed	Kredit tal-Pagamenti kkunsmati
Payment Credits available	Kredit tal-Pagamenti disponibbli
Staff Expenditure	Nefqa fuq il-Persunal
Infrastructure and Operating Expenditure	Nefqa Operazzjonali u Infrastrutturali
Operational Expenditure	Nefqa Operazzjonali
Consumption evolution Paid / Budgeted	Evoluzzjoni tal-konsum Imħallsa / Baġitjata
Paid / Payment Budget	Baġit imħallas / tal-Pagamenti
Millions	Miljuni
Paid	Imħallsin
Total budget	Il-baġit totali
Quarter/Year	Kwart/Sena
Q1	K1
Q2	K2
Q3	K3
Q4	K4

Barra minn hekk, 91.3 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament riportati mill-2014 għall-2015 f'nefqa amministrattiva ġew eżegwiti.

L-approprjazzjonijiet ta' impenn fit-Titolu 1 (Nefqa tal-Persunal) ¹¹ li jammontaw għal EUR 0.27 M u fit-Titolu 2 (Nefqa għall-Infrastruttura u nefqa operattiva) li jammontaw għal EUR 9.03 M, mhux ikkunsmati s'issa permezz ta' pagamenti fl-2015, u li għalihom jeżisti impenn legali validu, sejrjn jiġu riportati għall-2016 flimkien mal-approprjazzjonijiet ta' pagament korrispondenti u sejrjn jintużaw kompletament.

Fi f'dan Titolu 3, is-sehem prinċipali fl-approprjazzjonijiet ta' pagament intefaq għal VIS/BMS. Il-graff hawn isfel turi d-disaggregazzjoni tal-kredit ta' pagament eżegwiti għall-baġit operattiv.

11 L-approprjazzjonijiet ta' Impenn u ta' Pagament relatati ma' remunerazzjonijiet mhumiex riportati.




Title 3: executed Payment Appropriations in Mio €	Titolu 3: Approprijazzjonijiet ta' Pagament imwettqa f'Mil €
VIS-BMS	VIS-BMS
EURODAC	EURODAC
SIS II	SIS II
Shared System Infrastructure (CORE Systems)	Infrastruttura tas-Sistemi Kondiviżi (Sistemi EWLENIN)
Ext. Support, Training, Meeting related to Systems a.o.	Appoġġ Taħriġ, Laqgħat Est. relatati ma' Sistemi a.o.
Total operational Budget implemented: € 35,94 Mio	Baġit operattiv totali implimentat: € 35,94 Mil

Indikatur tal-prestazzjoni: żmien biex tħallas

Fl-2015 b'kollox saru 2 421 tranżazzjoni; 2 372 tranżazzjoni b'durata massima ta' pagament ta' 30 jum, 48 b'durata massima ta' pagament ta' 60 jum, u pagament wieħed b'durata speċjali ta' pagament ta' 46 jum¹².

Iż-żmien medju biex jitħallsu ż-żewġ tipi ta' pagamenti baqa' ferm taħt il-limitu tal-ħin kuntrattwali, b'ħin medju ta' ħlas ta' 13.4 jiem għal pagamenti ta' 30 jum u 19.9 jiem għal pagamenti ta' 60 jum.



Payments within time limit of 30 days	Pagamenti fi ħdan il-limitu ta' żmien ta' 30 jum
Average 2015 = 13.4	Medja 2015 = 13.4
Time to Pay in days	Żmien għall-ħlas f'jiem
Average	Medja
Payments within time limit of 60 days	Pagamenti fi ħdan il-limitu ta' żmien ta' 60 jum
Average 2015 = 19.9	Medja 2015 = 19.9
Time to Pay in days	Żmien għall-ħlas f'jiem

Average	Medja
Q1	K1
Q2	K2
Q3	K3
Q4	K4

Ġeneralment, 96 % tat-tranżazzjonijiet kollha tħallsu fil-limitu tal-ħin meta mqabblin mal-limiti ta' żmien kuntrattwali. B'kollox, ġew posposti 98 pagament, u ħamsa minnhom irriżultaw f'imgħax għal pagament tard li ammonta għal EUR 1,807.94 imħallas lill-kuntrattur.

Proċeduri ta' Akkwist

Fl-2015, l-eu-LISA b'kollox allokat 295 kuntratt, 76 minnhom għal proċeduri ta' akkwist immedijin tul is-sena tar-rapportar; il-219 li jifdal kienu allokatu bħala kuntratti/ordnijiet speċifiċi fl-ambitu ta' kuntratti ta' qafas tal-eu-LISA diġà stabbiliti (115 jiswew madwar EUR 8.1 M) jew FWCs interistituzzjonali (104, li jiswew madwar EUR 4.3 M).

Fil-valur assolut, il-proċeduri nnegożjati ammontaw għall-iktar proċeduri użati fl-2015 (71 każ, li minnhom 60 kienu taħt il-EUR 15K, disgħa taħt is-EUR 60K; ħamsa taħt id-dispożizzjonijiet tal-Art. 134 RAP), segwiti minn proċeduri miftuħin (żewġ każijiet).

Id-distribuzzjoni skont il-valur (bħala limitu massimu tal-kuntratt) tal-proċeduri ta' akkwist kompleti fl-2015 turi li madwar 84% tal-valur mogħti jirrelata ma' proċeduri mifufha, filwaqt li s-16% li jifdal jikkonċerna proċeduri nnegożjati (78.9% taħt il-EUR 15K, 11.8% taħt is-EUR 60K, u 6.6% taħt Art. 134 RAP).

2.4. Immaniġġjar tar-Riżorsi Umani (HR)

Żviluppi

Fl-2015 l-Aġenzija ħolqot u adottat il-Politika tal-Istrateġija dwar l-HR u ż-Żamma tal-Persunal tagħha li ser tiggwida l-attivitajiet fil-qasam tal-Immaniġġjar tar-Riżorsi Umani tul it-3 snin sa 5 snin li ġejjin. Tmien Regoli Implimentattivi¹³ għar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Uffiċjali (minn hawn 'l quddiem imsejja 'Regolamenti tal-Persunal') u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg tal-Aġenti l-Oħra (minn hawn 'l quddiem imsejja 'CEOS') tal-Unjoni Ewropea li ġew adottati minn eu-LISA fl-2015 itejbu l-qafas legali tal-ħidma tal-HR li bħalissa jikkonsisti minn 37 regola ta' dan it-tip. Il-linji gwida interni ġew żviluppati għall-applikazzjoni Prattika ta' telexogħol u mmaniġġjar tal-liv f'eu-LISA.

Tpoġġiet enfasi partikolari fuq li jiġu żviluppati oqfsa xierqa għall-istħarriġ professjonali għall-persunal u fuq li jiġu pprovduti soluzzjonijiet biex jippermettu l-parteċipazzjoni fit-taħriġ ta' dawk il-membri tal-persunal li jkun qegħdin jaħdmu f'xiftijiet, fuq bażi stand-by jew li jivvjaġġjaw b'mod estensiv f'missjonijiet.

It-tnejn tlestiet għal iktar żvilupp u implimentazzjoni tal-qafas tal-kompetenza fl-2016.

Fl-2015, l-eu-LISA wettqet l-evalwazzjoni annwali tal-persunal kollu tagħha u l-ewwel riklassifikazzjoni ppjanata tal-Persunal Temporanju.

Skont il-miżuri soċjali applikati minn eu-LISA, ġew introdotti u implimentati jew kompluti diversi inizjattivi:

- Bl-iskop ta' appoġġ tal-attivitajiet li jgħibu 'l quddiem is-saħħa, f'Ġunju tal-2015 l-Aġenzija introduċiet il-'Programm FIT'. Sal-aħħar tas-sena, 40 membru tal-persunal ta' eu-LISA bdew jibbenefikaw minnu;
- L-għotja ta' gratifika għan-'nursery' tkompletat bi 13-il membru tal-persunal u l-14-il wild tagħhom jibbenefikaw minnha.
- Ġew ippreparati u aġġornati pakkett ta' merħba u informazzjoni amministrattiva għall-membri ġodda.

¹³ Fl-2015, eu-LISA adottat it-tmien Regoli Implimentattivi li ġejjin: (1) dwar l-evalwazzjoni għad-Direttur Eżekuttiv, (2) dwar il-kondotta ta' investigazzjonijiet amministrattivi u proċeduri dixiplinarji, (3) dwar il-fastidju, (4) dwar l-istabiliment ta' Kumitat għall-Persunal, (5) dwar l-evalwazzjoni ta' Aġenti Temporanji, (6) regoli ta' implimentazzjoni dwar l-evalwazzjoni tal-Aġenti b'Kuntratt, (7) dwar l-ingaġġ ta' Aġenti Temporanji (2f), (8) dwar it-telexogħol.

Il-ħidma dwar l-adattament tar-rekwiżiti għall-istrument elettroniku tar-riżorsi umani Allegro għaddiet mill-fażi ta' ttestjar u ż-żewġ moduli: (a) Amministrazzjoni Personali u (b) Struttura Organizzattiva qegħdin jintużaw. Il-moduli l-oħrajn għadhom qegħdin jiġu żviluppati jew qegħdin jiġu ttestjati mit-tim tar-riżorsi umani (pereżempju t-Taħriġ, ir-Reklutaġġ Elettroniku, l-Immaniġjar tal-Ħin u l-Liv, evalwazzjoni ta' 360 grad). Tħejjew il-manwali għall-użu ta' Allegro fl-Amministrazzjoni Personali, Struttura Organizzattiva u Taħriġ.

Tagħlim u Żvilupp

Twettqet analiżi tal-bżonnijiet tat-taħriġ annwali għall-2015, ibbażata fuq informazzjoni mill-membri tal-persunal (approċċ axxendenti) b'kontroreferenza bil-kontribuzzjoni tal-manigġers tal-linja rigward il-bżonnijiet ta' taħriġ għall-persunal li jaħdem fl-unitajiet tagħhom (approċċ dixxendenti). Ir-riżultati tas-sejbiet intużaw bħala bażi tal-Katalogu Annwali tat-Taħriġ ta' eu-LISA tal-2015.

In-numru ta' sessjonijiet ta' taħriġ organizzati f'żewġ siti kien fil-Kwartieri Ġenerali ta' Tallinn 5.1, u fi Strasburgu 6.6, filwaqt li n-numru medju ta' ġranet ta' taħriġ għal kull sit kienu ta' 8.3 u 12.4 rispettivament.

In-numru medju ta' ġranet ta' taħriġ għal kull persuna fl-2015 kien ta' 10.8 jum.


Pjan ta' Stabbiliment u l-għadd ta' ħaddiema

Fl-2015, il-popolazzjoni totali tal-persunal ta' eu-LISA kienet magħmula minn 138 kariga, inkluż 120 Aġent Temporanju, 12-il Aġent Kuntrattwali u 6 Esperti Nazzjonali Ssekondati.

Il-Pjan ta' Stabbiliment ta' eu-LISA huwa ppreżentat fit-tabella fl-Anness IV. Il-Pjan ta' Stabbiliment tal-Aġenzija ma fihx il-pożizzjonijiet għal uffiċjali, lanqas pożizzjonijiet klassifikati bħala AST/SC.

Ma kien hemm l-ebda bidla introdotta fil-Pjan ta' Stabbiliment fl-2015.

F'termini ta' għadd ta' ħaddiema, fl-aħħar ta' Diċembru tal-2015, kien hemm 135 membru tal-persunal full-time (117-il Aġent Temporanju (AT), 12-il Aġent b'Kuntratt (AK) u sitt esperti Nazzjonali Ssekondati (ENSs) u ħames Internati, li minnhom 33% kienu nisa u 67% rġiel. Hemm 73 AT, sitt AKs u tliet ENSs li jaħdmu fis-sit ta' Strasburgu, AK wieħed qiegħed jaħdem fl-Uffiċċju ta' Kollegament ta' eu-LISA fi Brussell, waqt li f'Tallinn, id-distribuzzjoni tal-persunal kienet kif ġej: 44¹⁴ AT, ħames AK u tliet ENSs. Il-persunal tal-aġenzija rrappreżenta 22 nazzjonalità. Il-graff hawn taħt tippreżenta n-numru ta' membri tal-persunal ta' eu-LISA skont it-tip ta' kuntratt u maqsuma bejn l-uffiċċji tal-Aġenzija.



SXB	SXB
TLL	TLL
BXL	BXL
TA	AT
CA	KA
SNE	ENS

Figura 5: Kategoriji tal-persunal tal-eu-LISA.

Tliet karigi ta' persunal temporanju kienu vakanti fl-aħħar tas-sena. Tnejn minnhom huma kkunsidrati bħala tnaqqis fl-ammont ta' persunal¹⁵ fl-2016.

Struttura organizzazzjonali

Fl-2015 saru l-bidliet li għejjin fl-istruttura organizzattiva ta' eu-LISA, li affettwaw l-għadd ta' ħaddiema:

- Id-Dipartiment tar-Riżorsi u l-Amministrazzjoni għe ristrutturati bil-foqkien ta' Setturi tas-Servizzi Korporattivi u bidla fl-isem tal-Unità tal-Baġit u l-Finanzi għall-Unità ta' Finanzi u Akkwisti¹⁶;
- kariga ta' Assistent għall-Kap tal-RAD għet ittrasformata f'kariga għal Assistent tal-Komunikazzjoni Interna u ttrasferita lill-Unità tal-Koordinazzjoni Ġenerali (GCU);
- fl-Unità tal-Koordinazzjoni Ġenerali għew stabbiliti Setturi godda¹⁷: is-Settur tal-Governanza Korporattiva u l-Ippjanar, is-Settur tal-Affarijiet Barranin u l-Bini tal-Kapaċità, u s-Settur tal-Komunikazzjoni Esterna u Interna. Għall-ħatra tal-Kapijiet tas-Setturi ma nħolqot l-ebda kariga addizzjonali;
- fl-Unitajiet tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet (OD), għew stabbiliti Setturi godda¹⁸ mingħajr il-foqkien ta'

15 Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: 'Programmar tar-Riżorsi Umani u Finanzjarji għall-Aġenziji Deċentralizzati 2014-2020 ta' 10.7.2013, Kummissjoni (2013) 519 finali.

16 Deċiżjoni Nru 75/2014 tad-Direttur Eżekuttiv ta' eu-LISA tas-6 ta' Ottubru 2014 dwar struttura organizzazzjonali aġġornata ta' eu-LISA.

17 Deċiżjoni Nru 62/2015 tad-Direttur Eżekuttiv ta' eu-LISA tal-4 ta' Settembru tal-2015 dwar l-Istabiliment ta' Setturi fl-Unità tal-Koordinazzjoni Ġenerali.

18 Deċiżjoni Nru 67/2015 tad-Direttur Eżekuttiv ta' eu-LISA tal-15 ta' Settembru, 2015 dwar l-Istabiliment ta' Setturi fid-Dipartiment tal-

kwalunkwe kariga addizzjonali għall-ħatra tal-Kapijiet tas-Settur. FI-Unità tal-Amministrazzjoni tal-Applikazzjonijiet, ġew stabbiliti l-ħames setturi li ġejjin: Sistemi tal-Ġestjoni tal-Fruntieri, Sistemi ta' Sigurtà Interna u tal-Ażil, Disinn tas-Servizz u Servizzi Trasversali, Appoġġ għall-Applikazzjonijiet tal-Produzzjoni, u Servizzi ta' Prova u Integrazzjoni. FI-Unità tal-Infrastruttura tal-Operazzjonijiet, ġew stabbiliti t-tliet setturi li ġejjin: Settur tad-Desk ta' Għajjuna, Settur tal-Infrastruttura tan-Network u Settur tal-Infrastruttura tas-Sistema.

- Kariga ta' Assistent tar-Rimunerazzjoni tar-Riżorsi Umani tmexxiet għall-Unità tal-Finanzi u l-Akkwisti u ttrasformat ruħha f'kariga ta' Assistent Finanzjarju għar-Rimunerazzjoni¹⁹.

lċ-ċart organizzazzjonali ta' eu-LISA hija ppreżentata f'Anness III.

Indikaturi tal-Prestazzjoni fil-qasam tar-riżorsi umani

L-Aġenzija stabbilixxiet l-indikaturi tal-prestazzjoni²⁰ għall-oqsma relatati mar-riżorsi umani, li jservi biex ikejlu r-rata tal-assenteiżmu u tiddil tal-persunal.

Ir-rata ta' assenteiżmu hija mkejla kontra 12-il jum ta' assenza mingħajr ċertifikat mediku għal kull membru tal-persunal, u din teskludi tipi oħrajn ta' assenza, bħal-liv annwali jew speċjali jew mard b'ċertifikat mediku. FI-2015, ingħadd total ta' 149 jum ta' assenza, u bħala medja dan ifisser 1.99 jum ta' assenza għal kull membru tal-persunal li ħa liv mingħajr ċertifikat mediku jew 1.1 jum fir-rigward tan-numru tal-persunal kollu ta' eu-LISA (għadd ta' impjegati: 135 membru tal-persunal statutorju).

L-ammont ta' persunal li telaq kien ta' madwar 4% hekk kif 5 impjegati ħallew l-organizzazzjoni fi-2015. Dan huwa fi ħdan l-ammont ta' referenza stabbilit għall-indikatur tal-prestazzjoni ewlieni (KPI - key performance indicator) ta' tiddil tal-persunal ta' 5%.

Skemi ta' liv kumpensatorju

L-Aġenzija hija meħtieġa skont il-paragrafu 28 tar-Rapport ta' Kwittanza tal-Parlament '2011 kwittanza: prestazzjoni, ġestjoni u kontroll finanzjarju tal-aġenziji tal-UE'²¹ tirrapporta n-numru ta' ġranet ta' liv awtorizzat lil kull grad taħt l-iskemi tal-ħin flessibbli u tal-liv kumpensatorju.

Il-ħin flessibbli huwa mudell ta' xogħol difolt applikat b'analoġija f'eu-LISA f'konformità mar-Regola ta' Implimentazzjoni dwar il-ħin tax-xogħol²². Il-mandat tal-Aġenzija li toffri s-servizzi lill-Istati Membri fuq bażi kontinwa (24/24/7) jimplika li parti mill-persunal jaħdem b'xiftijiet jew fuq bażi stand-by. L-interventi fuq is-sistemi tal-IT mmexxija mill-Aġenzija jeħtieġu minn żmien għal żmien li x-xogħol isir barra mill-ħinijiet regolari tal-uffiċċju, inkluż billejl jew f'jum ta' btala pubblika. Għalhekk, il-kumpens għas-sahra, akkwistat taħt il-ħin flessibbli jew waqt l-interventi waqt dmirijiet stand-by, jew għal proġetti partikolari huwa karatteristika inerenti fl-operazzjoni tal-organizzazzjoni.

It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta n-numru ta' ġranet tal-liv mogħtija bħala kumpens għas-sahra, maqsuma skont il-grad tal-membri tal-persunal u n-numru medju ta' ġranet ta' dawk assenti.

GRAD	Kumpens għal sahra (fi ġranet)	Kumpens għal interventi (fi ġranet)	Kumpens għal ħin flessibbli (fi ġranet)
AD05	39.2	6.9	186.3
AD06	0.0	0.0	35.5
AD07	27.3	4.5	190.1
AD08	8.0	0.0	33.0

Operazzjonijiet.

19 Deċiżjoni Nru 99/2015 tad-Direttur Eżekuttiv ta' eu-LISA tal-10 ta' Diċembru, 2015 dwar l-aġġornament tal-organigramma tal-Aġenzija biex iżżid il-kontinwità tan-negozju fil-ġestjoni tar-rimunerazzjoni.

20 Indikaturi Korporattivi tal-Prestazzjoni ta' eu-LISA, dokument adottat mill-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA fil-15 ta' Marzu 2015 (ref. 2015-042).

21 P7_TA(2013)0134

22 Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħin ta' xogħol tal-15 ta' April 2015, C (2014) 2502 adottat mill-BM ta' eu-LISA fil-15 ta' Mejju 2015.

AD09	0.0	0.5	61.5
AD10	0.0	1.0	13.5
AD11	0.0	0.0	17.5
AD12	0.0	0.0	0.0
AD13	0.0	0.0	0.0
AD14	0.0	0.0	0.0
AD15	0.0	0.0	0.0
AD16	0.0	0.0	0.0
AST01	0.0	0.0	0.0
AST02	0.0	0.0	0.0
AST03	22.0	0.0	87.5
AST04	2.0	0.0	1.0
AST05	20.0	0.4	36.5
AST06	0.0	0.5	16.0
AST07	0.0	0.0	27.5
AST08	0.0	0.0	0.0
AST09	0.0	0.0	0.0
AST10	0.0	0.0	0.0
AST11	0.0	0.0	0.0
Sottotali	118.4	13.8	705.9
Numru ta' persuni	30.0	12.0	74.0
Numru medju ta' ġranet ta' liv kumpensatorju	3.1		9.5

Jekk in-numru totali ta' ġranet ta' liv kumpensatorju huwa maqsum bejn il-persunal kollu tal-Aġenzija, in-numru medju ta' ġranet ikun rispettivament:


- għas-sahra²³ – 0.88 ġurnata
- għal interventi waqt dmirijiet stand-by²⁴ – 0.23 ġurnata
- għal ħin flessibbli²⁵ – 6 ijiem

Iċ-ċart ta' hawn taħt tippreżenta n-numru ta' ġranet ta' liv ta' kumpens għas-sahra u interventi waqt dmirijiet stand-by u n-numru medju ta' ġranet maqsum skont il-grad.

23 In-numru totali ta' membri tal-persunal jgħodd għal 117 li kienu impjegati fil-31 ta' Diċembru 2015.

24 59 membru tal-persunal huma assenjati biex jaħdmu fuq bażi stand-by.


25 In-numru totali ta' membri tal-persunal jgħodd għal 117 li kienu impjegati fil-31 ta' Diċembru 2015.



AD05	AD05
AD06	AD06
AD07	AD07
AD08	AD08
AD09	AD09
AD10	AD10
AD11	AD11
AST03	AST03
AST04	AST04
AST05	AST05
AST06	AST06
AST07	AST07

Figura 6: Numru ta' ġranet ta' liv kumpensatorju għas-sahra u l-interventi waqt dmirijiet stand-by u n-numru medju ta' ġranet għal kull grad.

Iċ-ċart t'hawn taħt tippreżenta n-numru ta' ġranet u n-numru medju ta' ġranet ta' kumpens b'fin flessibbli maqsumin għal kull grad.



AD05	AD05
AD06	AD06
AD07	AD07
AD08	AD08
AD09	AD09
AD10	AD10
AD11	AD11
AST03	AST03
AST04	AST04
AST05	AST05
AST06	AST06
AST07	AST07

Figura 7: Numru ta' ġranet u n-numru medju ta' ġranet tal-kumpens b'Ħin flessibbli għal kull grad.

Deskrizzjoni fil-qosor tar-risultati tal-eżerċizzju ta' skrinjar/valutazzjoni komparattiva (i.e. spejjeż ġenerali/proporzjon operazzjonali; sejbiet prinċipali, eċċ.)

eu-LISA wettqet it-tieni eżerċizzju tagħha ta' valutazzjoni komparattiva biex tidentifika l-proporzjon tal-persunal amministrattiv u operazzjonali biex twieġeb għar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju ta' Qafas, li jstipula li l-Aġenziji kollha għandhom iwettqu dan it-tip ta' eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva fuq bażi annwali biex jiġġustifikaw l-infiq amministrattiv b'mod iktar strutturat u trasparenti.

L-eżerċizzju ta' skrinjar tmexxa f'konformità mal-metodoloġija miftiehma mill-Kapijiet tal-Amministrazzjoni tal-Aġenziji Ewropej²⁶.

Ir-riżultati tal-iskrinjar tal-2015 huma ppreżentati fit-tabelli f'Anness IV:

- L-ewwel tabella f'Anness IV tippreżenta l-Pjan ta' Stabbiliment ta' eu-LISA.
- It-tieni tabella turi l-livelli, li fihom ir-rwoli prinċipali elenkati mill-Kummissjoni Ewropea għall-valutazzjoni komparattiva ta' funzjonijiet prinċipali huma rrappreżentati f'eu-LISA.
- It-tielet tabella indikattiva tippreżenta l-paragun tar-riżultati tal-eżerċizzju tal-valutazzjoni komparattiva mwettaq fl-2014 u fl-2015.

Il-paragun juri żieda ħafifa fin-numru u fil-perċentwal tal-karigi tat-tip Newtrali, li seħħet minħabba r-reklutaġġ ta' żewġ Aġenti Kuntrattwali addizzjonali u Aġent Temporanju wieħed għall-Unità tal-Finanzi u l-Akkwisti ta' eu-LISA, b'hekk tnaqqas kemm il-perċentwal tal-Appoġġ Operazzjonali u Amministrattiv kif ukoll il-karigi tat-tip tal-Koordinazzjoni.

Il-proporzjon bejn il-pożizzjonijiet Amministrattivi meta mqabbla ma' dawk Operazzjonali u Newtrali jibqa' fuq livell simili għal dak tal-2014, li fl-2015 kien ta' 21.59%.

2.5. Valutazzjoni mill-amministrazzjoni

L-Istandards tal-Kontroll Intern tal-Aġenzija (kif deskritti fl-Artikolu 30, l-Artikolu 44 (2) u l-Artikolu 47 (1) (b) tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija) ġew adottati mill-Bord tat-Tmexxija bi proċedura bil-miktub f'Ġunju 2014. Is-16-il standard ta' kontroll individwali huma strutturati madwar sitt oqsma maġġuri: i) missjoni u valuri; ii) riżorsi umani; iii) ipplanar u proċessi ta' ġestjoni tar-riskju; iv) operazzjonijiet u attivitajiet ta' kontroll; v) informazzjoni u rappurtar finanzjarju; u vi) evalwazzjoni u awditjar. Inħatar formalment Koordinatur tal-Kontroll Intern mid-Direttur Eżekuttiv.

Is-sistema ta' kontroll intern ta' eu-LISA tintegra s-16-il standard ta' kontroll intern adottati mill-Aġenzija, u b'hekk tistabbilixxi l-ambjent ġenerali ta' kontroll intern u tipprovdi assigurazzjoni lill-amministrazzjoni li l-oġettivi qegħdin jintlaħqu, b'kontrolli u bilanċi finanzjarji u operattivi b'saħħithom fis-seħħ. Dan il-qafas huwa mmonitorjat fuq bażi regolari biex jiżgura li l-kontrolli fis-seħħ jaħdmu b'mod effettiv.

Fl-2015, twettqu attivitajiet biex jikkonkludu Katalogu tas-Servizz komprensiv ta' eu-LISA, ibbażat fuq id-deskrizzjonijiet kollha tas-servizz individwali. Barra minn hekk, twettaq ukoll eżerċizzju għall-immappjar tal-proċessi tan-negozju u l-viżwalizzazzjoni, bl-involviment tal-persunal rilevanti biex jagħmel ċert mill-kontenut u mill-prattiċità tar-riżultati. F'dan ir-rigward, l-iżgurar tal-kontinwità tas-servizzi għall-attivitajiet finanzjarji u operattivi ssir abbażi tal-istabbiliment ta' trasferimenti u backup.

Il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-Aġenzija hija bbażata fuq il-proċessi ewlenin għall-oqsma tal-akkwisti (mill-valutazzjoni tal-bżonnijiet għall-għażla tal-fornituri, segwiti minn deċiżjoni tal-għotja), implimentazzjoni tal-baġit (mill-istabbiliment ta' impenn finanzjarju għall-pagament, monitoraġġ tal-kuntratt u rkupri) u ġestjoni tal-baġit, li jiffirmaw bażi biex tintlaħaq ġestjoni finanzjarja soda.

Verifika ex-ante: Kull operazzjoni hija vverifikata abbażi tar-regolarità, il-konformità u l-ġestjoni finanzjarja soda. Fiċ-ċirkwiti finanzjarji applikati f'eu-LISA, il-funzjoni tal-verifika u l-awtorizzazzjoni huma milfuqa minn diversi persuni, skont l-aqwa prattiċi għal ġestjoni finanzjarja soda. Peress li kontrolli ex-post mhumiex obligatorji skont ir-Regolament Finanzjarju u ma ġewx identifikati bħala neqsin, matul, pereżempju l-analiżi tar-riskju tal-Aġenzija, għadhom ma ġewx implimentati fl-organizzazzjoni s'issa.

²⁶ Il-Metodoloġija għall-Iskrinjar tax-Xogħol tal-Aġenziji annessa għan-Nota mil-Laqqgħa tal-Kapijiet tal-Aġenzija tas-16-17 Ottubru 2014.

Mill-2013, eu-LISA stabbilixxiet proċedura u reġistru biex tiddokumenta eċċezzjonijiet u episodju ta' nuqqas ta' konformità. Għall-2015, ġie rreġistrat total ta' 15-il eċċezzjoni u episodju ta' nuqqas ta' konformità. Barra minn hekk, għall-2015, l-ebda każ ta' frodi jew assi mitlufa ma ġie identifikat mill-Aġenzija.

2.6. Kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja fdati lil servizzi u entitajiet oħrajn/

Mhux Applikabbli.

2.7. Valutazzjoni tar-riżultati tal-awditjar matul is-sena tar-rappurtar.

2.7.1. Servizz ta' Awditjar Intern (IAS)

Reviżjoni limitata tal-implimentazzjoni ta' Standards tal-Kontroll Intern

Objettiv u ambitu

L-objettiv ta' dan l-ingaġġ kien li jivvaluta l-istatus tal-implimentazzjoni tas-16-il Standard ta' Kontroll Intern (ICS) f'eu-LISA u fejn neċessarju, jagħmel rakkomandazzjonijiet biex titjeb l-effettività tal-kontrolli.

L-ambitu tar-reviżjoni kopra s-16-il ICS adottat mill-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA f'Ġunju 2014.

Opinjoni maħruġa

L-IAS tagħraf l-isforzi ta' eu-LISA, li ppermettew progress sinifikanti lejn l-implimentazzjoni sħiħa tar-rekwiżiti tal-linja bażi fi ħdan il-medda ta' żmien relattivament qasir peress li l-Aġenzija kienet ingħatat l-awtonomija finanzjarja tagħha f'Mejju tal-2013. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-ICS huwa proċess kontinwu integrat fir-rutina tal-ġestjoni (tar-riskji) tal-Aġenzija.

L-implimentazzjoni tal-istandards għad ma tikkorrispondix f'kull aspett mar-rekwiżiti tal-linja bażi kif definiti mill-Kummissjoni u *mutatis mutandis* adottati minn eu-LISA. Għad irid isir progress importanti hekk kif erba' standards għad iridu jiġu implimentati, waqt li sitt standards huma kkunsidrati fil-biċċa l-kbira tagħhom bħala implimentati, u sitt standards huma kkunsidrati bħala implimentati għalkollox.

Sommarju tas-Sejbiet u r-Rakkomandazzjonijiet

L-IAS ħarġet 14-il rakkomandazzjoni, li minnhom l-ebda kwistjoni kritika ma ġiet identifikata, ħamsa kienu kklassifikati bħala 'Importanti Ħafna' u disgħa bħala 'Importanti'. Il-ħames kwistjonijiet 'Importanti Ħafna' huma deskritti fil-qosor hawn taħt:

1. Jiġi ffinalizzat il-qafas etiku u tiġi żgurata l-evidenza tal-aċċettazzjoni mill-membri tal-persunal (ICS2) – importanti ħafna:
 - Il-maniġment ta' eu-LISA għandu jkompli bl-isforzi tiegħu biex jiffinalizza u jadotta bis-sħiħ il-qafas etiku;
 - eu-LISA għandha tikseb, wara r-reklutaġġ u meta jkun xieraq, konferma bil-miktub (jew elettronika) li membru tal-persunal irċieva, fehem u aċċetta kull informazzjoni rilevanti rigward ir-regoli u l-kodiċijiet etiċi applikabbli;
2. Adozzjoni fil-ħin tal-Programm ta' Ħidma Annwali (ICS5) – importanti ħafna:
 - eu-LISA L-Aġenzija għandha ssaħħaħ l-isforzi biex tadotta u tikkomunika il-Programm ta' Ħidma Annwali tagħha tal-2016 fi ħdan l-iskeda ta' żmien prevista fl-att bażiku.
3. Tiġi stabbilita kemm Strateġija kif ukoll Politika dwar il-Governanza tal-IT Korporattiva (ICS7) – importanti ħafna:
 - eu-LISA għandha tkompli bl-isforzi tagħha lejn l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' Strateġija kif ukoll Politika dwar

il-Governanza tal-IT Korporattiva għall-aġenzija kollha. L-irwol tal-IT korporattiva għandu jiġu definit formalment.

4. Jitlesta l-istabbiliment ta' manwal ta' proċess komprensiv u rappurtar ta' eċċezzjonijiet (ICS8) – importanti ħafna:
 - eu-LISA għandha tkompli bl-isforzi tagħha biex tiffinalizza d-dokumentazzjoni tal-proċessi u l-proċeduri tagħha. Il-manwal tal-proċessi tal-aġenzija kollha għandu jkollu inventarju ta' proċessi u proċeduri u għandu jirreferi għad-dokumentazzjoni dettaljata rilevanti, li tinkludi l-istadju tal-approvazzjoni u l-validità tagħha. Barra minn hekk, għandha tiġi implimentata proċedura li tidentifika b'mod ċar l-irwoli u r-responsabbiltajiet fl-abbozzar, l-approvazzjoni, l-adozzjoni u r-reviżjoni perijodika tal-proċessi u l-proċeduri. Eċċezzjonijiet għall-prattiċi standard għandhom ikunu mmotivati u rreġistrati bix-xieraq;
5. Jiġi adottat Qafas ta' Kontinwità tal-Operat għall-aġenzija kollha (ICS10) – importanti ħafna:
 - Il-maniġment ta' eu-LISA għandu jkompli bl-isforzi tiegħu biex jistabbilixxi u jadotta Qafas ta' Kontinwità tal-Operat komprensiv għall-aġenzija kollha, li jinkludi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni, l-ittestjar u l-aġġornament kontinwu tiegħu.

2.7.2. Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC)

Awditu dwar il-ġestjoni tal-kuntratti

Objettiv u ambitu

L-objettiv kien li ssir valutazzjoni u li d-Direttur Eżekuttiv u l-Bord jiġu pprovduti b'assigurazzjoni indipendenti fir-rigward l-effikaċja tas-sistema tal-kontroll intern rigward il-ġestjoni tal-kuntratti f'eu-LISA.

L-ambitu kien reviżjoni tal-arranġamenti biex isir monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-kuntratti akkwistati, għas-sistemi tal-IT prinċipali u l-attivitajiet mhux prinċipali, attivi fit-30 ta' April 2015.

Limitazzjonijiet: il-kuntratt tad-'disinn u l-bini' tas-sit fi Strasburgu kien jaqa' barra mill-ambitu.

Opinjoni maħruġa

Abbażi tar-riżultati tal-awditu kif deskritti hawn fuq fl-objettiv u l-ambitu, l-Awditur Intern jemmen li s-Sistema ta' Kontroll Intern preżenti tipprovdi assigurazzjoni raġonevoli rigward il-ilfuq tal-objettivi tal-ġestjoni tal-kuntratti, ħlief fil-kwistjonijiet importanti ħafna li ġejjin:

- definizzjoni u organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kuntratti
- governanza tal-kuntratti.

Sommarju tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet

L-IAC qajmet ħames rakkomandazzjonijiet, li minnhom l-ebda kwistjoni kritika ma ġiet identifikata, tnejn kienu kklasifikati bħala 'Importanti Ħafna' u tlieta bħala 'Importanti'. Iż-żewġ kwistjonijiet 'importanti ħafna' huma deskritti fil-qosor hawn taħt.

1. Definizzjoni u organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kuntratt – importanti ħafna:
 - Jiġu stabbiliti objettivi li jistgħu jitkejlu u jinkisbu, rilevanti u marbutin bil-ħin għall-ġestjoni tal-kuntratti fil-pjanijiet tal-ġestjoni,
 - Jiġu assenjati formalment id-drittijiet u r-responsabbiltajiet għad-deċiżjonijiet rigward il-ġestjoni tal-kuntratti,
 - Jiġi implimentat mingħajr dewmien, proċess organizzat, kollaborattiv u strutturat li janalizza b'mod kritiku l-infiq tal-Aġenzija li jista' jintuża biex jittieħdu deċiżjonijiet għax-xiri, u ddokumentat fi Strateġija ta' Provenjenza.
2. Governanza tal-kuntratti – importanti ħafna:
 - Il-kuntratt MWO VIS/BMS jiġi rivedut, aġġornat u kkomunikat lill-partijiet interessati rilevanti.

2.7.3. Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA)

Awditu dwar il-kontijiet annwali ta' eu-LISA għas-sena finanzjarja 2014

Objettiv u ambitu

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu l-istqarrijiet finanzjarji²⁷ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit²⁸ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti ta' dawk il-kontijiet.

Opinjoni dwar l-affidabilità

Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, f'kull rispett materjali, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli tal-kontabilità tagħha adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma l-bażi tal-kontijiet

Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li huma l-bażi tal-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 huma legali u regolari f'kull rispett materjali.

Enfasi tal-materja fir-rigward tal-affidabilità tal-kontijiet

Mingħajr ma jiddaħħlu dubji fuq l-opinjoni espressa f'paragrafu 8 (hawn fuq), il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għall-valutazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u (s-sistemi) EURODAC fil-kontijiet tal-Aġenzija. Il-ġestjoni operazzjonali ta' dawn is-sistemi hija l-inkarigu prinċipali tal-Aġenzija. Fin-nuqqas ta' informazzjoni affidabbli u kompleta fir-rigward tal-kost totali tal-iżvilupp, huma jiġu rreġistrati fil-kontijiet tal-Aġenzija fil-valuri netti tal-assi tagħhom skont il-kotba tal-Kummissjoni u aġġornati fi tmiem is-sena (madwar EUR 6.6 miljun fid-data tat-trasferiment u EUR 2.1 miljun fil-31 ta' Diċembru 2014). Dawn il-valuri jirrelataw l-aktar ma' ħardwer u komponenti tas-softwer 'off-the-shelf' u ma jinkludux prezzijiet tal-iżvilupp tas-softwer (ara nota 6.3.1 għall-kontijiet annwali tal-Aġenzija).

Sommarju tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet

Il-QEA għamlet żewġ kummenti²⁹.

1. Ġestjoni baġitarja – importanti ħafna:

- mis-EUR 6.6 miljun approprjazzjonijiet impenjati għal titoli I (infiq fuq il-persunal) u II (infiq amministrattiv) li ġew riportati mill-2013 sal-2014, EUR 1.7 miljun (26%) ġew ikkanċellati fl-2014, u dan juru li l-ħtiġijiet baġitarji kienu ssopraevalutati fi tmiem l-2013;

2. Ġestjoni baġitarja – importanti ħafna:

- Approprjazzjonijiet impenjati riportati għall-2015 kienu għoljin ħafna għal titolu II (infiq amministrattiv) b'EUR 15-il miljun, i.e. 87% (2013: EUR 6 miljun jew 79 %). Dawn ir-riporti rriżultaw prinċipalment minn akkwisti mdewma għall-estenzjoni u r-rinnovar tas-sit tal-Aġenzija fi Strasburgu. Riporti ta' approprjazzjonijiet impenjati kienu għoljin ukoll għal titolu III (infiq operazzjonali) b'EUR 24.5 miljun (85%) (2013: l-ebda ċifra komparattiva disponibbli), prinċipalment fir-rigward ta' kuntratti multi-annwali għall-manutenzjoni tas-sistemi tal-IT. Il-livelli għoljin ta' riporti kkanċellati mill-2013 u l-firxa ta' riporti magħmula

²⁷ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u d-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-fluss tal-flus, id-dikjarazzjoni tal-bidliet fl-assijiet netti u sommarju tal-linji politiċi sinifikanti tal-kontabilità u noti ta' spjegazzjoni oħrajn.

²⁸ Dawn jinkludu l-kont tal-eżitu baġitarju u l-anness għall-kont tal-eżitu baġitarju.

²⁹ Il-kummenti kollha magħmula mill-QEA huma kklassifikati bħala 'importanti ħafna'

mill-2014 għall-2015 huma f'kunflitt mal-prinċipju baġitarju tal-annwalità. Proċeduri affidabbli għall-ippjanar, l-eżekuzzjoni u l-monitoraġġ tal-baġit jeħtieġu li jkunu f'posthom.

2.8. Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet u l-pjanijiet ta' azzjoni għall-awditu

Status tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar

Mit-30 rakkomandazzjonijiet maħruġa, waħda ġiet amalgamata, erbgħa ngħalqu u 25 rakkomandazzjoni għadhom miftuħin.

Sa issa, l-IAC u l-QEA segwew ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom maħruġa fl-2014 u r-rati ta' għeluq huma:

- rata ta' għeluq ta' segwitu tal-IAC 50%
- rata ta' għeluq ta' segwitu tal-QEA 50%

It-tabella li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu:

Rakkomandazzjonijiet tal-IAS, IAC u QEA* skont il-klassifikazzjoni	Total li minnu:	Amalgamat	Magħluq	Implimentat	Għaddej	Ilu dovut
Kritiku ³⁰	0	0	0	0	0	0
Importanti ħafna ³¹	15	0	3	5	7	0
Importanti ³²	15	1	1	4	9	0
Totali	30	1	4	9	16	0

* Ir-rakkomandazzjonijiet kollha maħruġa mill-QEA huma kklassifikati bħala 'importanti ħafna'

Kodiċi tal-qari għall-intestaturi fit-tabella ta' hawn fuq:

Amalgamata – l-Awditur amalgama r-rakkomandazzjoni ma' waħda simili,

Magħluqa – l-Awditur għalaq formalment il-kwistjoni,

Implimentata – Din hija dikjarazzjoni minn sid ir-rakkomandazzjoni. Il-kwistjoni hija lesta għas-segwitu tal-Awditur bil-ħsieb li tingħalaq,

Għaddeja – L-implimentazzjoni għaddeja skont il-pjan. Skadenza mhix dovuta jew pjan ta' azzjoni ġdid / skadenza miftiehma mal-Awditur,

Skaduta – Ir-rakkomandazzjoni ma ġietx implimentata sal-iskadenza miftiehma. L-attenzjoni tal-Bord tat-tmexxija hija meħtieġa. L-objettiv hu li jsir monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni implimentati wara rakkomandazzjonijiet tal-awditu varji.

Preżentazzjoni fil-qosor ta' kwistjonijiet kritiċi u importanti ħafna:

#	Awditur / Sena / Titolu tal-awditu – Kwistjoni	Klassifikazzjoni	Sid	Status
---	--	------------------	-----	--------

30 Kritiku: Dgħufija fundamentali fil-proċess awditjar li hi ta' detriment fil-Livell ta' Entità.

31 Importanti ħafna: Dgħufija fundamentali fil-proċess awditjar li hi ta' detriment għall-proċess kollu.

32 Importanti: Dgħufija sinifikanti fil-proċess sħiħ awditjar jew dgħufija fundamentali għal parti sinifikanti tal-proċess tal-awditjar.

1	QEA / 2014 / Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2013 – Standards tal-Kontroll Intern (QEA)	Importanti ħafna	ED	Magħluq
2	QEA / 2014 / Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2013 – Kopertura tal-assigurazzjoni għall-assi fissi	Importanti ħafna	Kap tar-RAD	Implimentat
3	QEA / 2014 / Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2013 – Kontribuzzjoni tal-pajjiżi assoċjati	Importanti ħafna	Kap tar-RAD	Implimentat
4	QEA / 2014 / Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2013 – Ftehim dwar il-kwartieri ġenerali mal-Estonja	Importanti ħafna	Kap tal-GCU	Magħluq
5	IAS / 2015 / Reviżjoni Limitata tal-Implimentazzjoni tal-Istandards tal-Kontroll Intern (ICSs) – 2. Jiġi ffinalizzat il-qafas etiku u tiġi żgurata evidenza ta' aċċettazzjoni mill-membri tal-persunal	Importanti ħafna	Kap tal-HRTU	Għaddej
6	IAS / 2015 / Reviżjoni Limitata tal-Implimentazzjoni tal-Istandards tal-Kontroll Intern (ICSs) – 6. Adozzjoni fil-ħin tal-Programm ta' Ħidma Annwali	Importanti ħafna	Kap tal-GCU	Implimentat
7	IAS / 2015 / Reviżjoni Limitata tal-Implimentazzjoni tal-Istandards tal-Kontroll Intern (ICSs) - 10. Stabbiliment ta' Stateġġija u Politika għall-Governanza tal-IT Korporattiva	Importanti ħafna	Kap tar-RAD Kumitat tal-Ġestjoni	Għaddej
8	IAS / 2015 / Reviżjoni Limitata tal-Implimentazzjoni tal-Istandards tal-Kontroll Intern (ICSs) – 11. Jitlesta l-istabbiliment ta' manwal tal-proċess komprensiv u rappurtar tal-eċċezzjonijiet.	Importanti ħafna	ED Kap tal-GCU Kap tal-OIU ICC	Implimentat
9	IAS / 2015 / Reviżjoni Limitata tal-Implimentazzjoni tal-Istandards tal-Kontroll Intern (ICSs) – 12. Adozzjoni ta' Qafas għall-Kontinwità tan-Negożju għall-aġenzija kollha	Importanti ħafna	Uffiċjal tas-Sigurtà	Għaddej
10	IAC / 2014 / Rapport tal-Awditu dwar il-Proċessi Relatati mal-Baġit -2.2.3 Preżentazzjoni tal-baġit	Importanti ħafna	Kap tal-GCU Kap tal-FPU	Magħluq
11	IAC / 2014 / Rapport tal-Awditu dwar il-Proċessi Relatati mal-Baġit -2.2.5 Kontroll Intern maqbuż	Kritiku Importanti ħafna	Kap tar-RAD Kap tal-OPS Kap tal-GCU	Implimentat
12	IAC / 2015 / Rapport tal-Awditu dwar il-Ġestjoni tal-Kuntratti – 1.2.1 Definizzjoni u organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kuntratti	Importanti ħafna	Kap tar-RAD Kap tal-OPS	Għaddej
13	IAC / 2015 / Rapport tal-Awditu dwar il-Ġestjoni tal-Kuntratti – 1.2.2 Governanza tal-kuntratti	Importanti ħafna	Kap tal-FPU Legal Officer	Għaddej

14	QEA / 2015 / Rapport tal-Awditu dwar il-kontijiet annwali ta' eu-LISA għas-sena finanzjarja 2014 – Ħtiġijiet baġitarji kienu sopravvalutati fi tmiem l-2013.	Importanti Ħafna	Kap tar- RAD	Għaddej
15	QEA / 2015 / Rapport tal-Awditu dwar il-kontijiet annwali ta' eu-LISA għas-sena finanzjarja 2014 – approprjazzjonijiet ta' impenn trasferiti għall-2015 kienu għoljin ħafna għal titolu II u titolu III. Jeħtieġu li jiġu implimentati proċeduri affidabbli għall-ippjanar, l-eżekuzzjoni u l-monitoraġġ tal-baġit.	Importanti Ħafna	Kap tar- RAD	Għaddej

2.9. Segwitu tal-osservazzjonijiet mill-awtorità ta' kwittanza,

Fil-ħin tat-tnejjija ta' dan ir-rapport, l-unika proċedura ta' kwittanza għall-2013 kienet saret, waqt li l-proċedura għall-2014 kienet għadha għaddejja. It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi informazzjoni rigward l-azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija biex tindirizza l-osservazzjonijiet tal-Awtorità ta' Kwittanza għall-2013.

Qasam	Rimarka	Aġġornament minn eu-LISA
Affidabilità tal-kontijiet	<p>Tinnota bi tħassib li r-rapport tal-Qorti jenfasizza l-kwistjonijiet relatati mal-valutazzjoni ta' SIS II, VIS u s-sistemi EURODAC fil-kontijiet tal-Aġenzija;</p> <p>tinnota barra minn hekk li għalkemm il-valutazzjoni ma kinitx materjalment iddikjarata ħażin, il-Qorti qieset dawk il-kwistjonijiet bħala essenzjali u ġibdet l-attenzjoni fuq din il-materja;</p> <p>tinnota li l-ġestjoni operattiva ta' dawk is-sistemi hija l-kompitu ewlieni tal-Aġenzija u li s-sistemi ġew trasferiti mill-Kummissjoni għall-Aġenzija f'Mejju 2013 permezz ta' tranżazzjoni mhux ta' skambju;</p> <p>tinnota, barra minn hekk, li fin-nuqqas ta' informazzjoni affidabbli u kompleta fir-rigward tal-prezz tal-iżvilupp totali ta' dawk is-sistemi, il-valur tas-sistemi ġie rreġistrat fil-kontijiet tal-Aġenzija fil-valuri kontabilistiċi netti skont il-kotba tal-Kummissjoni u aġġornati fi tmiem is-sena;</p> <p>hija mħassba dwar il-fatt li dawk il-valuri jirrelataw prinċipalment ma' ħardwer u komponenti tas-softwer 'off-the-shelf' u ma jinkludux il-prezzijiet tal-iżvilupp tas-softwer;</p>	<p>Hekk kif il-valur kontabilistiku tal-assi ttrasferit mill-Kummissjoni għall-Aġenzija ġie stabbilit mir-regoli tal-kontabilità tal-Kummissjoni, ma kien hemm l-ebda azzjoni li l-Aġenzija kellha jew setgħet twettaq f'dan ir-rigward.</p> <p>Il-valur kontabilistiku ta' assi ttrasferiti li ma baqgħux jiġu rikonoxxuti min-naħa tal-Kummissjoni kien daqs il-valur kontabilistiku rikonoxxut mill-Aġenzija fil-ħin tat-trasferiment.</p> <p>Il-Qorti rrepetiet l-enfasi fuq il-kwistjoni fl-osservazzjonijiet tagħha għas-sena finanzjarja 2014 li hi mistennija li titneħħa għas-sena finanzjarja 2015, hekk kif il-valur kontabilistiku ta' assi ttrasferiti mill-Kummissjoni ser isir immaterjali minħabba l-applikazzjoni ta' kull sena ta' deprezzament tal-valur tal-assi.</p> <p>Evoluzzjoni tal-valur kontabilistiku tal-assi migrati ikkonċernati:</p> <p>EUR 6.6 miljun fid-data ta' trasferiment fl-2013 EUR 2.1 miljun fil-31 ta' Diċembru 2014 EUR 0.2 miljun fil-31 ta' Diċembru 2015</p>
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	<p>Tinnota li skont ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011, il-Kummissjoni kienet responsabbli għall-istabbiliment tal-Aġenzija u għall-operat inizjali sakemm ingħatatilha awtonomija finanzjarja;</p>	<p>L-Aġenzija mhijiex f'pożizzjoni li tipprovdi aġġornament sakemm ir-rimarka ma titlobx li tittieħed azzjoni speċifika f'isem eu-LISA.</p>

<p>tinnota bi tħassib li d-dewmien fil-kompletar tas-sistema tal-kontabilità tal-Aġenzija affettwa l-ippjanar tal-pagament tagħha u t-tħejjija tal-kontijiet provviżorji tagħha;</p>	
<p>Tinnota li analiżi iktar dettaljata skont it-titolu tal-baġit ma setgħetx titwettaq mill-Qorti minħabba li l-baġit għe eżegwit mill-Kummissjoni;</p>	<p>L-Aġenzija mhijiex f'pożizzjoni li tipprovdi aġġornament sakemm ir-rimarka ma titlobx għal azzjoni speċifika f'isem eu-LISA.</p>
<p>Tagħraf mill-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija li r-rati tal-implimentazzjoni tal-baġit kienu 96 % għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u 67 % għall-appropriazzjonijiet tal-pagament;</p>	<p>L-Aġenzija tadotta gradwalment approċċ strutturat għas-sjieda tal-baġit, li hu mistenni li jtejjeb u jsaħħaħ iktar il-ġestjoni baġitarja, il-monitoraġġ u l-kontroll għal kull appropriazzjoni.</p> <p>Irriżulta frata ta' implimentazzjoni tal-baġit – inkluż riporti awtomatiċi kif ukoll mhux awtomatiċi – li jaqbu 99 % kemm għal appropriazzjonijiet ta' impenn kif ukoll għal appropriazzjonijiet tal-pagament fil-baġit tal-2014.</p>
<p>Tieħu nota li skont ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011, il-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, applikazzjoni l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen u l-miżuri relatati ma' EURODAC għandhom jipprovdu kontribut għall-baġit tal-Aġenzija;</p> <p>tinnota, barra minn hekk, li għalkemm pajjiżi assoċjati ma' Schengen kienu qegħdin jużaw is-sistemi ġestiti mill-Aġenzija fl-2013, in-negożjati tal-Kummissjoni kienu għadhom għaddejjin;</p> <p>titlob lill-Aġenzija biex tinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar kif jinsabu għaddejjin in-negożjati;</p>	<p>Negożjati mal-pajjiżi assoċjati tmexxew mill-Kummissjoni Ewropea minflok mill-Aġenzija, u ftehimiet individwali ġew konklużi ma' kull wieħed minnhom.</p> <p>Bħala pass finali, il-parlamenti nazzjonali ta' dawn il-pajjiżi kellhom jirratifikaw il-ftehimiet. L-Iżlanda nnotifikat lill-Kunsill fit-23 ta' Lulju 2013 li hija aċċettat ir-Regolament. Bl-istess mod, il-Liechtenstein informa lill-Kummissjoni fil-25 ta' Frar 2014 li r-rekwiżiti kostituzzjonali tiegħu ġew issodisfati, għalhekk għamel ir-Regolament tal-Aġenzija vinkolattiv fuqu. L-Iżvizzera u n-Norveġja għadhom ma aċċettawx ir-Regolament li jistabbilixxi, fl-ordni legali tagħhom.</p> <p>Il-firma tal-arranġament previst bejn l-UE u l-pajjiżi assoċjati dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-Aġenzija (li jinkludu d-drittijiet tal-vot u kontribuzzjonijiet finanzjarji) huwa pendent/ta' xkiel fuq il-kwistjoni pendent tal-Artikolu 8 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet (PPI). L-inizjalar tal-arranġament ma kienx ikun possibbli qabel l-aċċettazzjoni mill-pajjiżi kollha assoċjati tal-arranġament.</p> <p>Kif imsemmi hawn fuq, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-pajjiżi assoċjati tal-Aġenzija hija prevista fl-arranġament. Safejn titolu 1 u 2 tal-baġit tal-Aġenzija huma kkonċernati, il-kontribuzzjoni finanzjarja hija dovuta mill-1 ta' Diċembru 2012, id-data ta' dħul fis-seħħ tal-Aġenzija u pagabbli mid-data tal-konklużjoni tal-arranġament. Safejn titolu 3 tal-Aġenzija huwa kkonċernat, il-kontribuzzjoni finanzjarja hija dovuta u pagabbli mill-1 ta' Diċembru 2012 fuq il-bażi tal-ftehimiet ta' Assoċjazzjoni rispettivi.</p> <p>Fil-Ħarifa tal-2014, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonkludew li l-Aġenzija tista' toħroġ ordnijiet ta' rkupru għall-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi assoċjati</p>

		ma' Titolu 3 imwettqa fuq il-bażi tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni mingħajr ma jistennew għall-konklużjoni jew id-dħul fis-seħħ tal-arranġament li jkun qiegħed jiġi nnegożjat. Madankollu, l-Aġenzija diġà bdiet tirkupra l-infiq dirett relatat mal-użu tas-sistemi minn dawn il-pajjiżi u għall-2013, ġie rkuprat l-infiq ta' EUR 0.6 miljun.
Impenji u riporti	Tinnota li l-isforzi tal-monitoraġġ tal-baġit matul is-sena finanzjarja 2013 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 98.95 % u li r-rata tal-eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet tal-pagament kienet ta' 28.94 %;	L-Aġenzija tadotta gradwalment approċċ strutturat għas-sjieda tal-baġit, li hu mistenni li jtejjeb u jsaħħaħ iktar il-ġestjoni baġitarja, il-monitoraġġ u l-kontroll għal kull appropriazzjoni. Irriżultat għal rata ta' implimentazzjoni tal-baġit li – tinkludi riporti awtomatiċi kif ukoll mhux awtomatiċi – taqbeż 99 % kemm għall-appropriazzjonijiet ta' impenn kif ukoll għall-appropriazzjonijiet tal-pagament fil-baġit tal-2014.
	Tinnota li l-livell għoli ta' appropriazzjonijiet ta' impenn riportati għall-2014 jiġu prinċipalment mill-appropriazzjonijiet ta' Titolu II u Titolu III u hu dovut għall-fatt li l-Aġenzija għandha numru ta' kuntatti multiannwali relatati mal-attivitajiet ċentrali tagħha;	L-Aġenzija mhijex f'pożizzjoni li tipprovdi aġġornament sakemm ir-rimarka ma titlobbazzjoni speċifika f'isem eu-LISA.
Proċeduri ta' akkwist	Tinnota li għall-2012, la t-tranżazzjonijiet kampjunati lanqas sejbiet oħrajn tal-awditjar ma wasslu għal xi kumment dwar il-proċeduri ta' akkwist tal-Aġenzija fir-rapport tal-Qorti;	L-Aġenzija mhijex f'pożizzjoni li tipprovdi aġġornament sakemm ir-rimarka ma titlobbazzjoni speċifika f'isem eu-LISA.
Prevenzjoni u ġestjoni ta' kunflitt ta' interess	Tesprimi t-tfassib serju tagħha dwar in-nuqqas tal-Aġenzija milli twieġeb il-kwestjonarju tal-awtorità tal-kwittanza li jirrelata ma' kwistjonijiet ta' kunflitti ta' interess; titlob lill-Aġenzija biex tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-politiki fis-seħħ rigward il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess; tinkoraġġixxi lill-Aġenzija biex tippubblika CVs u dikjarazzjonijiet ta' interess tad-Direttur Eżekuttiv tagħha, il-Bord tat-Tmexxija u l-esperti nazzjonali fil-Bordijiet Konsultattivi sa tmiem Diċembru tal-2015;	Art. 21 tar-regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija jirrikjedi li l-membri kollha tal-Bord tat-Tmexxija u l-Gruppi Konsultattivi joħroġu dikjarazzjoni annwali pubblika ta' interess bil-miktub. L-Aġenzija ssegwi dan ir-rekwiżit b'mod strett u kull dikjarazzjoni annwali tiġi ffirmata kif xieraq u tinżamm mis-Segretarjat tal-Bord tat-Tmexxija. Barra minn hekk, m'hemm l-ebda espert nazzjonali fil-Bord tat-Tmexxija u fil-Gruppi Konsultattivi tal-Aġenzija. Wara l-osservazzjoni tal-Awtorità ta' Kwittanza, l-Aġenzija ppubblikat fuq is-sit elettroniku tagħha d-dikjarazzjoni pubblika annwali ta' interess tad-Direttur Eżekuttiv, il-President u l-membri tal-Bord tat-Tmexxija. Il-Kodiċi ta' Kondotta intern ġie ppubblikat ukoll. Fl-aħħar, il-Bord tat-Tmexxija adotta, f'Novembru 2015, l-istrateġija kontra l-frodi tal-Aġenzija
Kontrolli interni	Tieġu nota li l-proġett għall-implimentazzjoni tal-istandards ta' kontroll intern (ICS) tal-Aġenzija kien għaddej fi tmiem l-2013 u li l-ICS ġew approvati mill-Bord tat-Tmexxija f'Ġunju 2014;	L-Aġenzija mhijex f'pożizzjoni li tipprovdi aġġornament sakemm ir-rimarka ma ssejjaħx għal xi azzjoni speċifika f'isem eu-LISA.
	Tinnota mir-rapport tal-Qorti li l-Aġenzija ma għandha l-ebda kopertura tal-assigurazzjoni għal assi fissi tanġibbli, ħlief għal nar multi-riskju għas-sede tagħha f'Tallinn; titlob lill-Aġenzija	Wara r-rakkomandazzjoni tal-Qorti, l-aġenzija bdiet u kkonkludiet b'suċċess proċedura ta' akkwisti biex takkwista l-assigurazzjoni neċessarja. Ġie ffirmat kuntratt tal-assigurazzjoni

	sabiex tgħarraf lill-awtorità ta' kwittanza dwar ir-riżultati ta' kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda rigward din il-kwistjoni;	mal-kumpanija Drabber-Neff Assurance.
Awditjar intern	Tinnota li l-Kapaċità tal-Awditu Intern tal-Aġenzija bdiet tiffunzjona f'Ottubru 2013;	L-Aġenzija mhijex f'pożizzjoni li tipprovdi aġġornament sakemm ir-rimarka ma titlobx azzjoni speċifika f'isem eu-LISA.
	Tinnota li s-Servizz tal-Awditu Intern (IAS) tal-Kummissjoni wettaq valutazzjoni tar-riskju preliminari tal-proċessi amministrattivi maġġuri tal-Aġenzija biex iħejji pjanijiet futuri ta' awditu intern; tirmarka li l-IAS identifika numru ta' oqsma potenzjali ta' riskju għoli li ġew inklużi fl-attivitajiet tal-awditjar għall-2014, li jinkludu l-kontinwità tan-negozju, l-akkwisti, il-governanza, il-ġestjoni ta' faċilitajiet u oħrajn; tiegħu nota li l-Aġenzija bdiet timplimenta miżura mmirati biex jimmitigaw ir-riskji identifikati;	L-Aġenzija mhijex f'pożizzjoni li tipprovdi aġġornament sakemm ma jkunx hemm rimarka li ssejjaħ għal azzjoni speċifika f'isem eu-LISA.
Prestazzjoni	Tagħraf li l-presidenza tal-Aġenzija tinsab f'Tallinn (b'46 pożizzjoni okkupata) filwaqt li l-attivitajiet operazzjonali tagħha jsiru fi Strasburgu (b'79 kariga okkupata) u s-sit ta' kontinwità tan-negozju hija f'Sankt Johann im Pongau (l-Awstrija); tiegħu nota tal-opinjoni tal-qorti li l-effettività tal-ġestjoni tiżdied u l-prezzijiet amministrattivi jitnaqqsu jekk il-persunal kollu jkun iċċentralizzat f'lok wieħed; titlob lill-Kummissjoni biex għalhekk tinkludi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li jkun hemm tliet postijiet differenti fir-rapport ta' evalwazzjoni tagħha li għandu jitħejja b'mod konformi mal-Artikolu 31 tar-Regolament li jstabbilixxi l-Aġenzija, b'mod partikolari t-tfaddil mistenni tal-baġit, riflessjonijiet dwar arranġamenti prattiċi u kostijiet fir-rigward ta' ċentralizzazzjoni potenzjali tal-attivitajiet tagħha;	L-Aġenzija mhijex f'pożizzjoni li tipprovdi aġġornament diment li t-talba tal-Parlament Ewropew intbagħtet lill-Kummissjoni Ewropeja.
	Tiegħu nota li fil-ħin tal-awditu tal-Qorti, kienu għaddejjin negozjati bejn l-Aġenzija u l-Istat Membru ospitanti bl-għan li jintlaħaq ftehim dwar il-kwartieri ġenerali li jiċċara l-kundizzjonijiet li fihom se joperaw l-Aġenzija u l-persunal tagħha; sejħa lill-Aġenzija sabiex tinforma l-awtorità tal-kwittanza dwar l-istat tal-ħidma tan-negozjat sa tmiem Diċembru tal-2015;	In-negozjati ġew konklużi b'suċċess u l-ftehim ġie ffirmat bejn l-Aġenzija u Franza għas-sit operazzjonali tal-aġenzija fi Strasburgu. Sal-lum il-ftehim għadu jistenna r-ratifikkazzjoni mill-Parlament ta' Franza.
	Ir-rikonoxximent li l-Aġenzija bdiet l-operazzjonijiet tagħha f'Diċembru 2012 u kisbet indipendenza finanzjarja f'Mejju 2013 biss; titlob lill-Aġenzija sabiex tikkonkludi b'mod urġenti kemm tista' ftehim dwar kwartieri ġenerali mal-Estonja, li jikkjarifika l-kundizzjonijiet li fihom joperaw l-Aġenzija u l-persunal tagħha;	In-negozjati ġew konklużi b'suċċess u l-ftehim ġie ffirmat fi tmiem l-2014. Il-ftehim fuq il-kwartieri Ġenerali ġie rratifikat mill-Parlament Estonjan fil-18 ta' Frar 2015 u daħal fis-seħħ f'Marzu 2015.

Parti II (b) Evalwazzjonijiet Esterni (fejn applikabbli)

Fil-ħin tal-kitba ta' dan ir-rapport (Jannar 2016) l-Aġenzija għaddejja minn evalwazzjoni esterna, b'mod konformi mal-Art. 31 tar-Regolament 1077/2011. Wara li l-evalwazzjoni tkun konklużiva fi Frar 2016, l-Aġenzija se jra tiżviluppa pjan sabiex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet u tirrifletti dwar kwalunkwe rakkomandazzjoni li tirriżulta mill-evalwazzjoni. Il-pjan ser jiġi adottat mill-Bord tat-Tmexxija.

Parti III Valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi tal-kontroll intern.

3.1. Ġestjoni tar-Riskju

L-Aġenzija qiegħda ssegwi qafas komprensiv ta' ġestjoni tar-riskju li jinkludi fuq bażi annwali l-ġbir tar-riskji, il-valutazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tar-riskji kif ukoll it-twettiq ta' sessjoni ta' ħidma korporattiv tal-ġestjoni tar-riskji li ssir matul ir-raba' trimestru ta' kull sena. Fis-sessjoni ta' ħidma, tittieħed deċiżjoni fuq dawk li jieħdu riskju u fuq l-istrateġiji tar-riskju kif ukoll fuq ir-risponsi. Ir-riżultat huwa ddokumentat fil-pjan annwali ta' rispons għar-riskju korporattiv, li huwa validu sas-sessjoni ta' ħidma annwali korporattiva tal-ġestjoni tar-riskju li jmiss, li jiddefinixxi wkoll id-dettallji għall-iskambju tal-monitoraġġ tar-riskju bejn is-sidien tar-riskju u l-Governanza Korporattiva u l-Uffiċjal tal-Ġestjoni tar-Riskju.

Għas-sena 2015, fi ħdan il-pjan ta' rispons għar-riskju korporattiv tal-Aġenzija ġew identifikati u indirizzati tmien riskji korporattivi b'kolloxx, l-iktar relatati mal-oqsma tal-baġit, ir-riżorsi u l-ippjanar. Għal dawk ir-riskji, inbnew 23 miżuri individwali ta' riskju mas-sidien ta' riskju nominati, li 21 minnhom ġew implimentati sabiex jimmitigaw biżżejjed ir-riskji identifikati u l-impatt tagħhom fuq l-organizzazzjoni.

Biex jitnaqqsu r-riskji rigward il-frodi, il-proċeduri rilevanti dwar il-qafas etiku tal-Aġenzija ġew prodotti, aġġornati, ikkomunikati u magħmulin disponibbli għall-persunal. Fuq bażi annwali, it-taħriġ huwa organizzat biex joħloq sensibilizzazzjoni qalb il-persunal. Għad-dettalji dwar it-tmien riskji korporattivi, jekk jogħġbok irreferi għal Anness VII.

3.2. Konformità u effettività tal-Istandards tal-Kontroll Intern

Is-16-il Standard ta' Kontroll Intern approvati ta' eu-LISA kollha kemm huma ġew applikati u integrati b'mod bilanċjat għall-kompiti li jirriżultaw mill-AWP 2015 għall-Aġenzija. Fl-2015, is-16-il Standard ta' Kontroll Intern ġew spjegati f'iktar dettall għal 144 miżura individwali tal-ICS, assenjati lil membri tal-persunal rilevanti fl-organizzazzjoni. Sabiex tappoġġja l-implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-ICS f'eu-LISA, il-funzjoni stabbilita tal-Koordinatur tal-Kontroll Intern (kopert mill-Governanza Korporattiva u l-Uffiċjal tal-Ġestjoni tar-Riskju) toħloq punt fokali sabiex tipprovdi informazzjoni u għarfien kif ukoll kapaċità għall-monitoraġġ u r-rapportar.

Fuq bażi annwali, l-effettività u l-effiċjenza tas-Sistema ta' Kontroll Intern hija vvalutata mill-Koordinatur tal-Kontroll Intern. Għal din ir-raġuni, ir-reġistru tal-Istandard tal-Kontroll Intern ta' eu-LISA (li jiddokumenta l-istatus ta' kull miżura individwali relatata mal-implimentazzjoni tal-Istandards tal-Kontroll Intern tal-Aġenzija) huwa kkonsultat biex tkun estratta d-data neċessarja li hija mqassra u mibgħuta bħala rapport lill-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA għall-informazzjoni tagħhom. Flimkien ma' din il-valutazzjoni interna u annwali tal-implimentazzjoni tal-ICS, fl-ewwel trimestru tal-2015, is-Servizz tal-Awditu Intern ivvaluta l-implimentazzjoni tal-Istandards tal-Kontroll Intern fl-Aġenzija: wara riżultat ġeneralment pożittiv, ġie konkluż pjan ta' azzjoni sabiex jappoġġja lill-Aġenzija ħalli tkompli tikseb konformità.

Ir-reviżjoni tal-isforzi fil-qasam tal-konformità mal-ICS fl-2015 turi li numru ta' riżultati tanġibbli prinċipali marbutin mal-ICSs diġà huma fis-seħħ (eż). Għal oqsma oħrajn bl-istatus ta' implimentazzjoni ta' 'fil-progress', jista' jiġi vvalutat li x-xogħlijiet relatati huma fit-triq it-tajba: () risposti għal punti neqsin għall-kisba jew manteniment tal-konformità ġew ippjanati u assenjati lil atturi, azzjonijiet imfasslin għall-2015 huma previsti. Finalment, l-istatus ta' konformità ta' xi ICSs fi tmiem l-2014 irid jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-proċess ta' stabbiliment ġenerali tal-Aġenzija.

Sabiex ikompli jiffaċilita l-isforz tal-Aġenzija ħalli jkollha sistema effiċjenti u effettiva għall-kontroll intern, fl-2015 il-Koordinatur tal-Kontroll Intern wettaq eżerċizzju ta' prijoritizzazzjoni li wassal għal propsti għall-aġġornamenti fl-2016 għall-miżuri tal-ICS għall-implimentazzjoni tal-Istandards tal-Kontroll Intern. Kif jirriżulta, l-Aġenzija fl-2016 ser tiffoka fuq aġġornament tal-istatus biex jiġu kkunsinnjat f'Jannar tal-2016 kif miftiehem. Għad-dettalji dwar l-implimentazzjoni tal-ICS, jekk jogħġbok irreferi għal Anness VII.

Parti IV. Assigurazzjoni tal-amministrazzjoni

4.1. Reviżjoni tal-elementi li jappoġġjaw l-assigurazzjoni

Il-moduli tal-assigurazzjoni huma l-bażi tal-assigurazzjoni raġonevoli mogħtija mill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni fid-dikjarazzjoni tiegħu ta' assigurazzjoni tar-Rapport Annwali tal-Attività. Fil-qosor:

Modulu 1:

Valutazzjoni mill-amministrazzjoni:

Il-maniġment tal-Aġenzija għandu garanzija raġonevoli li, b'mod ġenerali, hemm kontrolli xierqa fis-seħħ u li dawn jaħdmu kif support; ir-riskji huma mmonitorjati b'mod xieraq u mitigati; u qegħdin jiġu implimentati t-titjib u r-rinforzi neċessarji.

Barra minn hekk, it-tmexxija tal-Aġenzija tagħraf il-ħtieġa li għandu jinżamm livell għoli ta' effiċjenza tal-ambjent tal-kontroll intern tagħha u valutazzjoni kontinwa u tisħiħ tal-kontrolli interni eżistenti biex tintlaħaq u tinżamm konformità sħiħa mar-rekwiżiti tas-16-il ICSs adottat u jiġi żgurat l-ilħuq tal-oġġettivi fil-programm ta' ħidma annwali tagħha.

Reġistru ta' eċċezzjonijiet

L-Aġenzija kellha proċedura fis-seħħ għar-reġistrazzjoni tal-eċċezzjonijiet mill-2013. Fil-bidu tal-2015, ġiet adottata proċedura formali għar-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tal-eċċezzjonijiet. L-oġġettiv ġenerali tagħha huwa li tistabbilixxi arranġamenti sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe ċirkostanza eċċezzjonali ta' waqtiet sinifikanti ta' kontrolli prevalenti jew devjazzjonijiet mill-qafas regolatorju stabbilit tkun spjegata sew, irreġistrata u rrapportata b'mod konformi mal-prinċipju tat-trasparenza. Eċċezzjoni għandha tiġi ddokumentata, iġġustifikata u approvata fil-livell xieraq qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni.

Fl-2015, ġew irreġistrati 15-il eċċezzjoni u episodju ta' non-konformità mill-proċeduri stabbiliti. L-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni ddetermina li dawn l-eċċezzjonijiet jew avvenimenti ta' nonkonformità ma jeħtiġux riżerva formali fid-dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni fuq il-bażi tal-materjalità.

Modulu 2: Riżultati tal-awditu estern

Opinjoni tal-IAS (reviżjoni limitata tal-ICS)

L-IAS tagħraf l-isforzi ta' eu-LISA, li ppermettew progress sinifikanti lejn l-implimentazzjoni sħiħa tar-rekwiżiti tal-linja bażi fi ħdan il-medda ta' żmien relattivament qasir peress li l-Aġenzija kienet ingħatat l-awtonomija finanzjarja tagħha f'Mejju tal-2013. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-ICS huwa proċess kontinwu integrat fir-rutina tal-ġestjoni (tar-riskji) tal-Aġenzija.

L-implimentazzjoni tal-istandards għad ma tikkorrispondix f'kull aspekt mar-rekwiżiti tal-linja bażi kif definiti mill-Kummissjoni u *mutatis mutandis* adottati minn eu-LISA. Għad irid isir progress importanti hekk kif erba' standards għad iridu jiġu implimentati, waqt li sitt standards huma kkunsidrati fil-biċċa l-kbira tagħhom bħala implimentati, u sitt standards huma kkunsidrati bħala implimentati għalkollox.

Opinjoni tal-QEA – (Rapport tal-Awditu dwar il-Kontijiet 2014)

Opinjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet:

Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, f'kull rispett materjali, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli tal-kontabilità tagħha adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni.

L-opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma l-bażi tal-kontijiet:

Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li huma l-bażi tal-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru

2014 huma legali u regolari f'kull rispett materjali.

Enfasi tal-kwistjoni fir-rigward tal-affidabilità tal-kontijiet

Mingħajr ma jiddaħħlu dubji fuq l-opinjoni espressa f'paragrafu 8 (hawn fuq), il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għall-valutazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u (s-sistemi) EURODAC fil-kontijiet tal-Aġenzija. Il-ġestjoni operazzjonali ta' dawn is-sistemi hija l-inkarigu prinċipali tal-Aġenzija. Fin-nuqqas ta' informazzjoni affidabbli u kompleta fir-rigward tal-kost totali tal-iżvilupp tagħhom, huma jiġu rreġistrati fil-kontijiet tal-Aġenzija bil-valuri netti tal-assi skont il-kotba tal-Kummissjoni u aġġornati fi tmiem is-sena (madwar EUR 6.6 miljun fid-data tat-trasferiment u EUR 2.1 miljun fil-31 ta' Diċembru 2014). Dawn il-valuri jirrelataw l-aktar ma' ħardwer u komponenti tas-softwer 'off-the-shelf' u ma jinkludux prezzijiet tal-iżvilupp tas-softwer (ara nota 6.3.1 għall-kontijiet annwali tal-Aġenzija). *(Il-pożizzjoni ta' eu-LISA: Il-paragrafu tal-"osservazzjonijiet jirreferi għall-preżentazzjoni tal-valur tal-assi trasferiti fil-valur kontabilistiku mill-Kummissjoni fl-2013 fil-kontijiet tal-Aġenzija, bħala parti mill-proċess tal-ħolqien tal-awtonomija finanzjarja tal-aġenzija. Il-proċedura segwita mill-Kummissjoni Ewropea kienet waħda standard u applikata lill-aġenziji kollha l-oħrajn tal-UE. Sakemm il-valur kontabilistiku tal-assi trasferiti mill-Kummissjoni għall-Aġenzija ġie stabbilit mir-regoli interni tal-kontabilità tal-Kummissjoni, ma kien hemm l-ebda azzjoni li l-Aġenzija kellha jew setgħet twettaq f'dan ir-rispett. L-'enfasi tal-materja' preżenti hija repetizzjoni tal-istess osservazzjoni tal-Qorti espressa fil-kontijiet tal-Aġenzija 2013. L-enfasi għandha titneħħa fil-perjodu tal-awditjar li jmiss jiġifieri l-2016, hekk kif il-valur ta' dawk l-assi, nett mill-amortizzazzjoni akkumulata fis-sena finanzjarja 2015, se jkun materjalment insinifikanti. Fil-forma ta' figuri, hawn taħt jidher l-effett tal-amortizzazzjoni, kif il-valur kontabilistiku ta' dawk l-assi naqas mill-2013: EUR 6.6 miljun fid-data ta' trasferiment fl-2013; EUR 2.1 miljun fil-31 ta' Diċembru 2014; EUR 0.2 miljun fil-31 ta' Diċembru 2015 (valur previst))*

Modulu 3: Segwitu tal-prenotazzjonijiet mill-perjodi preċedenti tar-rappurtar

Id-dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni tal-Uffiċjal ta' Awtorizzazzjoni fir-Rapport Annwali tal-Attività 2014 ma kellha l-ebda riżerva.

Konklużjoni

Fuq il-bażi ta' dak imsemmi iktar 'il fuq fil-Parti II u l-Parti III, tista' tinħareġ konklużjoni li ma kien hemm l-ebda dgħufija sinifikanti fil-kontrolli interni identifikati li seta' kellhom impatt fuq id-dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni.

4.2. Riżervazzjonijiet (jekk applikabbli)

Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta hawn fuq, l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni ma ħareġ l-ebda riżerva.

4.3. Konklużjonijiet ġenerali dwar l-assigurazzjoni (fejn applikabbli)

Jien, is-sottoskritt(a), id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA,)

Fil-kapaċità tiegħu bħala Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni,

Niddikjara li l-informazzjoni inkluża f'dan ir-rapport tagħti ħarsa ġenerali vera u ġusta.

Niddikjara li għandi assicurazzjoni raġonevoli li r-riżorsi assenjati lill-attivitajiet deskritti f'dan ir-rapport intużaw għall-iskop intenzjonat tagħhom u b'mod konformi mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda, u li l-proċeduri ta' kontroll fis-seħħ jagħtu l-garanziji neċessarji li jikkonċernaw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

Din l-assigurazzjoni raġonevoli hija bbażata fuq il-ġudizzju tiegħi stess u l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħi, bħar-riżultati tal-awtovalutazzjoni, il-kontrolli ex-post, il-ħidma tas-Servizz tal-Awditjar Intern, il-ħidma tal-Kapaċità tal-Awditjar Intern u r-rakkomandazzjonijiet mir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri.

Nikkonferma li m'inx konxju ta' kwalunkwe ħaġa li mhijiex irrapportat hawnhekk li tista' tkun ta' dannu għall-interessi tal-Aġenzija.

Tallinn,

.....(firma)

Krum GARKOV

ANNESSESI

Anness I. Statistiċi tan-negozju prinċipali

Fl-2015 il-Bord tat-tmexxija ta' eu-LISA adotta sett ta' Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs). L-ewwel kejl tal-KPIs huwa mistenni fit-tieni semestru tal-2016. Il-lista ta' KPIs hija kif ġej:

- Sigurtà: Numru ta' nuqqasijiet kritiċi identifikati waqt il-provi ta' sigurtà;
- Sigurtà: Numru ta' miżuri preventivi tas-sigurtà tal-IT implimentati skont is-sistema tal-IT;
- EURODAC: aċċessibbiltà tas-sistema;
- EURADOC: ħin ta' rispons tas-sistema;
- Aċċessibbiltà tan-Netwerk fuq Żona Wiesgħa (WAN) (għas-sistemi tas-SIS II u VIS);
- SIS II: aċċessibbiltà tas-sistema;
- SIS II: ħin ta' rispons tas-sistema;
- VIS/BMS: disponibbiltà tas-sistema;
- VIS/BMS: ħin ta' rispons tas-sistema;
- Rata ta' kanċellazzjoni ta' approprjazzjoni tal-pagament riportati;
- Rata (%) tal-implimentazzjoni tal-impenji baġitarji
- Rata (%) tal-utilizzazzjoni tal-approprjazzjonijiet tal-pagament fis-sena tal-baġit;
- Il-proporzjon tal-prezzijiet ta' investiment / manutenzjoni mqabbel mal-prezz ġenerali tas-sistemi mmaniġġjati;
- Il-proporzjon tar-riżorsi amministrattivi/ta' appoġġ għar-riżorsi operazzjonali;
- Numru ta' pagamenti kompletati fi ħdan l-iskadenzi statutorji;
- Il-metri kwadri medji ta' spazju ta' uffiċċju għal kull FTE (m²);
- In-numru tal-parteċipanti esterni fil-korsijiet tat-taħriġ;
- Akkwist: konformità mal-Pjan ta' Akkwizzjoni tal-Akkwisti (PAP) tal-Aġenzija: il-perċentwal tal-baġit allokata għall-akkwisti li ġie implimentat;
- Ġestjoni tal-proġetti tal-akkwisti: % tal-proġetti ta' akkwisti prinċipali fuq skeda;
- Sodisfazzjon tal-utent: % tal-utenti MS sodisfatti jew sodisfatti ħafna bis-servizz ġenerali provdut minn eu-LISA;
- Pjanar strateġiku: % ta' stadji importanti identifikati fil-Programm ta' Ħidma Annwali jew fl-iskeda;
- Il-Prestazzjoni tal-Helpdesk tas-Sistemi tal-Istati Membri;
- Ġestjoni tal-proġetti: valutazzjoni tal-proġetti kompletati kontra l-parametri definiti tal-kwalità/prezz/ħin;
- Perċentwal tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu implimentati fi ħdan l-iskadenzi stipulati;
- HR: numru ta' ġranet ta' assenza ċertifikati u mhux ċertifikati mix-xogħol fis-sena għal kull impjegat (medja anwalizzata) fil-perjodi tar-rapportar;
- HR: Perċentwal ta' tibdil tal-persunal fis-sena;
- L-indiċi tal-kompetenzi tal-persunal, ikkalkulat bħala l-kwalifiki tad-detenturi tal-impjieg vs. ir-reqwiziti tal-impjieg;
- HR: Sodisfazzjon tal-persunal / livell ta' involviment;
- L-ilħuq tal-komunikazzjoni esterni ta' eu-LISA fi ħdan l-istazzjonijiet tal-midja magħżula.

Anness II.Statistika dwar il-ġestjoni finanzjarja

1. Baġit inizjali, trasferimenti u baġits emendatorji

It-tabella hawn isfel tiġbor fil-qosor fil-livell tal-kapitoli t-trasferiment baġitarji interni operati mill-Aġenzija għall-fondi C₁, kif ukoll għall-baġit emendatorju approvat mill-Bord tat-Tmexxija f'Awwi 2015.

Kapitolu tal-Baġit	Approprjazzjonijiet ta' Impenn				Approprjazzjoni ta' Pagament			
	Baġit inizjali	Trasferimenti	Baġit emendatorju	Baġit finali	Baġit inizjali	Trasferimenti	Baġit emendatorju	Baġit finali
TITOLU 1 - NEFQA FUQ IL PERSUNA	15 605 354.00	- 1 463 009.20	- 950 000.00	13 192 344.80	15 605 354.00	- 1 463 009.20	- 950 000.00	13 192 344.80
A-11 Salarij u allowances	13 803 754.00	-1 042 675.45	-850 000.00	11 911 078.55	13 803 754.00	-1 042 675.45	-850 000.00	11 911 078.55
A-12 Nefqa relatata mar-reklutaġġ	88 000.00	-57 801.00		30 199.00	88 000.00	-57 801.00		30 199.00
A-13 Spejjeż fuq Missjoni	300 000.00			300 000.00	300 000.00			300 000.00
A-14 Infrastruttura Soċjo-Medika	1 013 600.00	-387 532.75	-100 000.00	526 067.25	1 013 600.00	-387 532.75	-100 000.00	526 067.25
A-15 Taħriġ għali-Persunal	400 000.00	25 000.00		425 000.00	400 000.00	25 000.00		425 000.00
TITOLU 2 - INFRASTRUTTURA U NEFQA OPERAZZJONALI	17 932 000.00	356 443.19	- 50 000.00	18 238 443.19	17 932 000.00	356 443.19	- 50 000.00	18 238 443.19
A-20 Nefqa fuq il-bini	13 040 000.00	705 625.08		13 745 625.08	13 040 000.00	705 625.08		13 745 625.08
A-21 IT Korporattiv u Telekomm	1 450 000.00	275 200.87		1 725 200.87	1 450 000.00	275 200.87		1 725 200.87
A-22 Proprietà Mobbli u Spejjeż Assoċjati	115 000.00	-68 439.08		46 560.92	115 000.00	-68 439.08		46 560.92
A-23 Infiq Amministrattiv Kurrenti	280 000.00	2 761.61	-50 000.00	232 761.61	280 000.00	2 761.61	-50 000.00	232 761.61
A-24 Posta	10 000.00	18 500.00		28 500.00	10 000.00	18 500.00		28 500.00
A-25 Bord tat-Tmexxija	240 000.00	-13 780.80		226 219.20	240 000.00	-13 780.80		226 219.20
A-26 Informazzjoni u Pubblikazzjonijiet	400 000.00	60 120.50		460 120.50	400 000.00	60 120.50		460 120.50
A-27 Servizzi ta' Appoġġ Estern	1 577 000.00	-560 765.14		1 016 234.86	1 577 000.00	-560 765.14		1 016 234.86
A-28 Sigurtà	820 000.00	-62 779.85		757 220.15	820 000.00	-62 779.85		757 220.15
TITOLU 3 - NEFQA OPERAZZJONALI	39 271 746.00	1 106 566.01	- 4 250 000.00	36 128 312.01	39 271 746.00	1 106 566.01	- 4 250 000.00	36 128 312.01
B3-0 Infrastruttura tas-Sistemi Kondiviżi (Sistemi CORE)	4 510 000.00	-2 747 086.63	-800 000.00	962 913.37	2 510 000.00	-133 709.25	-1 300 000.00	1 076 290.75
B3-1 SIS II	2 100 000.00	864 747.20	-800 000.00	2 164 747.20	8 100 000.00	-1 568 173.42	-800 000.00	5 631 826.58
B3-2 VIS-BMS	26 450 000.00	-393 841.31	-1 900 000.00	24 156 158.69	19 450 000.00	3 705 477.88		23 155 477.88
B3-3 EURODAC	1 000 000.00	4 630 822.44		5 630 822.44	4 000 000.00	-1 072 736.83	0.00	2 927 263.17
B3-6 Servizzi Supp. Est. relatati direttament mas-Sistemi CORE	3 806 500.00	-1 134 545.57	-750 000.00	1 921 954.43	3 806 500.00	416 849.08	-2 025 000.00	2 198 349.08
B3-7 Missjonijiet ta' faqgħat relatati direttament mas-	715 246.00	-205 136.00	0.00	510 110.00	715 246.00	-130 280.42	-75 000.00	509 965.58
B3-8 Taħriġ relatat direttament ma' operazzjonijiet	690 000.00	91 605.88	0.00	781 605.88	690 000.00	-10 861.03	-50 000.00	629 138.97
TOTAL	72 809 100.00	- 5 250 000.00	67 559 100.00	72 809 100.00	- 5 250 000.00	67 559 100.00		

2. Implimentazzjoni tal-baġit tas-sena (sors tal-fond C₁):

F'dak li għandu x'jaqşam mal-appropriazzjonijiet tal-2015 (sors tal-fond C₁), l-Aġenzija laqgħet livell għoli ta' implimentazzjoni tal-baġit, taqbeż id-99% kemm fl-appropriazzjonijiet ta' impenn kif ukoll ta' pagament, filwaqt li jiġi kkunsidrat ir-riport awtomatiku tal-appropriazzjonijiet.

TITOLU TAL-BAĠIT	IMPENJI (C1)			PAGAMENTI (C1)		
	Ibbaġitjat	Ikkunsmat	%	Ibbaġitjat	Ikkunsmat	%
Titolu 1– Nefqa fuq il-persunal	13 192 344.80	12 974 376.17	98.3%	13 192 344.80	12 974 376.17	98.3%
<i>li minnhom, implimentati</i>		12 974 376.17	98.3%		12 702 845.23	97.9%
<i>li minnhom, riportati</i>		-			271 530.94	2.1%
Titolu 2 - Infrastruttura u Nefqa operazzjonali	18 238 443.19	18 238 443.19	100.0%	18 238 443.19	18 238 443.19	100.0%
<i>li minnhom, implimentati</i>		18 238 443.19	100.0%		9 206 045.26	50.5%
<i>li minnhom, riportati</i>		-	-		9 032 397.93	49.5%
Titolu 3 – Nefqa operazzjonali	36 128 312.01	36 128 312.01	100.0%	36 128 312.01	35 938 271.97	99.5%
EUR TOTALI	67 559 100.00	67 341 131.37	99.7%	67 559 100.00	67 151 091.33	99.4%
<i>li minnhom, implimentati</i>		67 341 131.37	99.7%		57 847 162.46	85.6%
<i>li minnhom, riportati 'il quddiem</i>		-			9 303 928.87	13.8%

3. Implimentazzjoni tal-baġit għal sorsi ta' fondi oħrajn

Minbarra l-baġit tas-sena (sors ta' fond C1), l-Aġenzija implimentat l-appropriazzjonijiet:

- mid-dħul assenjat intern (sors ta' fond C4);
- mid-dħul assenjat intern riportat (sors ta' fond C5);
- ir-riport ta' impenji (differenzjati fit-Titolu 3 u mhux differenzjati fit-Titoli 1 u 2) u l-appropriazzjonijiet ta' pagament (mhux differenzjati biss) korrespondenti mis-snin preċedenti (sors tal-fond C8);

Titolu tal-Baġit	Sors ta' Finanzja	Impenn			Pagament		
		Ibbaġitjat	Ikkunsmat	% Impenjat	Ibbaġitjat	Ikkunsmat	% Pagament
A-1 Infiq fuq il-persunal	C1	13 192 344.80	12 974 376.17	98.3 %	13 192 344.80	12 702 845.23	96.3 %
	C4	627.70			627.70		
	C8	314 632.88	255 456.42	81.2 %	314 632.88	255 456.42	81.2 %
	Sottotali	13 507 605.38	13 229 832.59	97.9%	13 507 605.38	12 958 301.65	95.9%
A-2 Infiq Operazzjonali u Infrastrutturali	C1	18 238 443.19	18 238 443.19	100.0 %	18 238 443.19	9 206 045.26	50.5 %
	C2	10 232 443.46	10 232 443.46	100.0 %	10 232 443.46		
	C4	24 200.00	15 744.33	65.1 %	24 200.00	9 605.72	39.7 %
	C8	4 915 728.22	4 517 314.20	91.9 %	4 915 728.22	4 517 314.20	91.9 %
	Sottotali	33 410 814.87	33 003 945.18	98.8%	33 410 814.87	13 732 965.18	41.1%
B0-3 Infiq Operazzjonali	C1	36 128 312.01	36 128 312.01	100.0 %	36 128 312.01	35 938 271.97	99.5 %
	C4	595.00			595.00		
	C8	70 195 112.97	69 963 468.44	99.7 %			
	R0	3 968 800.27	2 967 493.44	74.8 %	3 968 800.27	1 518 179.58	38.3 %
	Sottotali	110 292 820.25	109 059 273.89	98.9%	40 097 707.28	37 456 451.55	93.4%
KOLLHA	TOTAL	157 211 240.50	155 293 051.66	98.8%	87 016 127.53	64 147 718.38	73.7%

4. Lista ta' trasferimenti baġitarji

Matul l-2015 l-operazzjonijiet ta' trasferiment intern li ġejjin twettqu skont l-artikolu 27 (1) (b) tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija:

TRASFERIMENTI BAĠITARJI fl-2015				
Referenza	Data	Linja Baġitarja	Appropriazzjoni ta' Impenn	Appropriazzjoni ta' Pagament
LIS.566	17/03/2015	Ao2600 Informazzjoni u Pubblikazzjonijiet	250,000.00	250,000.00
		Ao2700 Servizzi Esterni ta' Appoġġ	-250,000.00	-250,000.00
LIS.570	07/04/2015	Bo3300 EURODAC MWO	0.00	-174,313.00

		B03301 EURODAC Oħrajn	0.00	174,313.00
LIS.574	18/05/2015	A02330 Kostijiet Operazzjonali Oħrajn	-17,386.20	-17,386.20
		A02331 Tariffi u drittijiet fuq I-HR	17,386.20	17,386.20
LIS.582	17/06/2015	A02200 Apparat Tekniku lehor u Installazzjoni	-10,000.00	-10,000.00
		A02400 Posta	10,000.00	10,000.00
LIS.584	17/06/2015	B03200 VIS-BMS MWO	-150,000.00	-150,000.00
		B03800 Taħriġ relatat direttament mal-operazzjonijiet	150,000.00	150,000.00
LIS.594	13/07/2015	A02000 Infiq fuq il-bini EE	332,955.37	332,955.37
		A02700 Servizzi Esterni ta' Appoġġ	-332,955.37	-332,955.37
LIS.598	28/07/2015	A02330 Kostijiet Operazzjonali Oħrajn	-25,000.00	-25,000.00
		A02700 Servizzi Esterni ta' Appoġġ	75,000.00	75,000.00
		A02800 Sigurtà Korporattiva	-50,000.00	-50,000.00
		A01402 Skola Ewropea	-209,032.75	-209,032.75
		A02010 Infiq fuq il-bini FR	227,286.37	227,286.37
		AA02020 Infiq fuq il-bini AT	7,641.22	7,641.22
		A02320 Spejjeż Legali	-7,641.22	-7,641.22
		A02330 Kostijiet Operazzjonali Oħrajn	-6,800.00	-6,800.00
		A02400 Posta	6,800.00	6,800.00
		A02700 Servizzi Esterni ta' Appoġġ	-18,253.62	-18,253.62
LIS.612	24/09/2015	B03200 VIS-BMS MWO	0.00	-1,424,247.84
